# kultura

ĦARĠA #3 SETTEMBRU 2019



www.expressgroup.com

#WeAreOrange
Follow our story



# It's Your Business

**But whatever your activity, you would want to reduce business and logistic risks.**

At **EXPRESS TRAILERS** we have the quality people
with skills and procedures that can do just that for you.

Managing **RISK** is what we do on all our weekly schedules to and from all ports across Europe and the Mediterranean, the Far East, China, North and South America, North Africa and the Middle East.

We deliver from **Anywhere** to **Wherever,** and **However**...

ROAD | RAIL | OCEAN | AIR

EXPRESS TRAILERS
*Delivering Trust*




**ĦARĠA NUMRU 3**
**SETTEMBRU 2019**



# EDITORJAL

> “aktar *artikli dwar* storja, arti, *spettaklu u* **KULTURA**”

Matul l-ewwel żewġ ħarġiet, f'dan il-magażin ħadt ħsieb li jkunu ċċelebrati l-mitt sena mis-Sette Giugno. Dan il-magażin jixtieq jibqa' jkompli jġib artikli biex titkompla t-tifkira ta' din il-ġrajja importanti. B'hekk se nibqgħu naraw artikli ta' natura storika li jittrattaw aspetti inediti ta' dak li seħħ mitt sena ilu f'Malta. Din id-darba, permezz tal-pinna ta' Giorgio Peresso, se nkunu qed noħorġu barra minn xtutna u naraw x'seħħ fl-Italja u kif dan l-avveniment ġie ttrattat mill-midja Taljana.

Biss matul din is-sena jaħbat anniversarju importanti ieħor. F'dan ix-xahar ta' Settembru jaħbat is-sittin sena minn meta bdiet dik it-tieni ġlieda politiku-reliġjuża. Hawn qed nirreferi għall-ġlieda politiku-reliġjuża assoċjata mas-sittinijiet. Dak li ġara sittin sena ilu forsi ntesa għax hu assoċjat mas-sittinijiet aktar milli mas-sena 1959. Il-ġlieda tas-sittinijiet għadha friska fil-memorja ta' ħafna, anke jekk issa, numru ta' protagonisti ta' din il-kwistjoni ħallewna. B'hekk saret aktar fattur ta' storja.

Nemmen li dan il-magażin għandu jħares lura anke lejn dawn l-avvenimenti, mingħajr il-passjoni u emozzjonijiet żejda li stejjer bħal dawn iġibu magħhom. B'hekk tlabt lil George Glanville li sar kontributur regolari ta' dan il-magażin biex bil-pinna mexxejja tiegħu jitkellem dwar din l-istorja u dwar il-mod ta' kif għexha hu stess. George Glanville hu wieħed mill-protagonisti ta' din l-istorja li għadhom ħajjin. George se jirrakkonta mil-lenti tiegħu kif bdiet din l-istorja. B'hekk il-ħsibijiet tiegħu jmorru lilhinn minn sempliċi rakkont storiku. F'din l-edizzjoni sejjer jagħti ħarsa ta' x'ġara sew f'Settembru tal-1959.

Għalija bħala storiku, din il-ġrajja tinteressani. Tinteressani aktar għax kont għall-quddiesa tal-Arċisqof Charles Scicluna f'Raħal Ġdid u fiha, l-Arċisqof Scicluna ħabbar li se jibda l-proċess biex din il-knisja ssir bażilika. Iżda r-raġuni għaliex qed insemmi din iż-żjara mhux marbut ma' dan il-fatt. Ir-raġuni tinsab fil-fatt li l-Arċisqof Scicluna għamel referenza diretta għas-sittinijiet meta ħabbar din ix-xewqa. Meta kien f'Raħal Ġdid, Scicluna qal tajjeb ħafna li għad hemm ħafna feriti miftuħa marbuta ma' dak iż-żmien. Biss forsi ftit jafu li din il-lokalità kienet protagonista f'din il-kwistjoni kollha. Ma għandix dubju, li dak li George Glanville se jkun qed jirrakkontalna se jiftaħ dibattitu akkademiku u kulturali fuq storja riċenti ta' pajjiżna, lilhinn mill-emozzjoni li ġrajja bħal din għadha ġġib magħha.

*Simon Mercieca*

**Ippubblikat u stampat**
Union Print Co. Ltd.
Workers' Memorial Building,
3rd Floor, South Street, Valletta
+356 25900200

**Editur**
Simon Mercieca

**Qari tal-provi**
Melvin Farruġia

**Disinn**
Stacy Grech
design@unionprint.com.mt

**Ritratt tal-faċċata**
Pittura: Andrew Micallef

**Ritratt tal-kontenut**
Pittura: Andrew Micallef

**Ritratti oħra**
Roger Azzopardi

**Dipartiment tal-Avviżi**
25900200 / 230 / 235
adverts@unionprint.com.mt

L-ebda parti minn dan il-magażin ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi Union Print Co. Ltd.

Filwaqt li nagħmlu kull sforz biex niżguraw li l-kontenut ta' Kultura hu korrett, ma nistgħux ninżammu responsabbli jew kontabbli għal żbalji fattwali li jistgħu jiġu pprintjati.



# KONTENUT


04 Il-kultura u l-iżvilupp illum: X'għandu jsir?

10 *Rebel with a Cause* - Il-Ġrajja 60 Sena Wara - *International Summer School* fil-Gran Brittanja

16 Belgrad u l-wirt Ottoman tagħha

22 Il-moħħ wara festival mużikali MUSIC+: nitkellmu mas-Surmast Joseph Debrincat

28 X'inhu għaddej bħalissa fl-edukazzjoni fl-Ewropa?

32 Il-Wiċċ l-Ieħor - l-aħħar Rumanz ta' Ġorġ Peresso

36 Malta fil-folklor tad-dinja Għarbija

40 L-Artist Iperrealista Malti Andrew Micallef

44 'Artour-0 il Must' għal Malta f'Novembru

48 L-Italja Liberali u Faxxista fil-Ġrajjiet tas-Sette Giugno

54 L-inbid ta' kafkaf u l-immigranti Sirjani f'Malta

62 Turiżmu, kultura u turiżmu kulturali fl-Università ta' Malta

68 Psychopatia Sexualis

# Il-kultura u l-iżvilupp illum:

## X'għandu jsir?

LORRAINE LEWIS





**FTIT TAX-XHUR ILU, IL-MINISTRU RESPONSABBLI MILL-IŻVILUPP URBAN, IAN BORG, GĦAMEL STQARRIJA FEJN WERA T-TĦASSIB TIEGĦU RIGWARD ĊERTI DISINNI ARKITETTONIĊI LI QEGĦDIN NIPPRODUĊU FL-IŻVILUPP URBAN TA' PAJJIŻNA. IL-MAGAŻIN KULTURA TALAB LIL LORRAINE LEWIS, PERSUNA LI TAĦDEM PROFESSJONALMENT FIL-QASAM TAL-ESTETIKA, BIEX TAGĦTI R-REAZZJONI TAGĦHA DWAR DAN IS-SUĠĠETT.**

Nixtieq nibda billi nagħmel referenza għall-kwotazzjoni ta' Renzo Piano, perit Taljan ta' fama internazzjonali li kien responsabbli mid-disinn tal-proġett tal-bieb tal-Belt Valletta. Dan il-perit hu famuż għall-proġetti ikoniċi fid-dinja, bħaċ-Ċentru "George Pompidou" f'Pariġi, "The Chard" f'Londra, Modern Sanat Müzesi f'Istanbul u l-Mużew tal-Istorja fil-Libanu fost l-oħrajn.

"One of the great beauties of architecture is that each time it is like life starting all over again".

Li tfisser li waħda mill-iktar affarijiet sbieħ fl-arkitettura hi, li kull darba, il-ħajja bħal terġa' tibda mill-bidu. Għażilt din il-kwotazzjoni għax tispjega l-qofol tax-xogħol tal-professjoni tiegħi. L-arkitettura tmiss ma' ħafna aspetti tal-ħajja ta' kulħadd, mhux biss mal-element tal-ġebel. Għalhekk importanti li nifhmu safejn dan ir-rwol jolqotna, kemm għal fini ta' apprezzament ġust għal dan ix-xogħol u kemm biex nitgħalllmu nikkritikaw iżjed kull xogħol li niltaqgħu miegħu kemm dak tal-imgħoddi, tal-preżenti u tal-futur. Meta l-perit, permezz tad-disinn tiegħu jirnexxielu jagħti ħajja ġdida lil spazju permezz tal-viżjoni tiegħu, hemmhekk nistgħu ngħidu li x-xogħol li pproduċa ġie komplut.

Aħna l-Maltin fortunati li twelidna f'pajjiż b'wirt sinjur ta' storja u arti ta' livell internazzjonali. Dan jgħinna biex napprezzaw dan it-tip ta' ambjent. Ħafna minn dan il-bini li nbena f'sekli differenti, minn nies ta' nazzjonalitajiet u kulturi differenti, għadu joffrilna sensazzjonijiet uniċi kif taf toffri biss l-arkitettura. Dawn huma livell ta' bini, li għandna dejjem ngħożżu u nispiraw ruħna minnhom, irrelevanti f'liema żmien ġew żviluppati. L-importanti hu l-effett u l-impatt li dan il-bini jħalli fuq il-ġenerazzjonijiet futuri, kemm fl-ambitu kulturali, estetiku, ambjentali u ta' innovazzjoni.

Bħalissa f'Malta qegħdin naraw xogħlijiet bi kwalità ta' livelli varji, kemm dawk kontemporanji ta' livell għoli, kemm dawk ta' livell medju, kif ukoll sfortunatament anke dawk li qegħdin jippersistu ħafna fil-medjokrità. Jiddispjaċini ngħid li f'ħafna okkażjonijiet qegħdin naraw iktar xogħol ta' kwalità baxxa milli dik għolja. Bħalissa qegħdin ngħixu fi żmien interessanti f'Malta li qed joffrilna possibilitajiet kbar għat-tkabbir fid-disinn kontemporanju, imma b'dispjaċir ngħid li l-arkitettura kontemporanja f'Malta mhix qiegħda tisfrutta din l-opportunità. Dan qed iseħħ minħabba nuqqas kbir ta' xogħol innovattiv u sostenibbli u minħabba l-preżenza kbira ta' xogħol medjokri li ma jirrispettax il-kwalità. Nemmen li bħala poplu għandna l-abbiltà u l-kapaċità li nipproduċu xogħol ta' kalibru u m'għandniex għalxiex inżommu lura.

Eżempji ta' żewġ proġetti pubbliċi li nbnew riċenti f'Malta u li verament taw ħajja mill-ġdid bil-preżenza tagħhom huma l-proġett ta' Bieb il-Belt u l-lift tal-Belt. Dawn huma żewġ proġetti li attiraw interess internazzjonali minħabba l-abbiltà kbira artistika tagħhom biex ħolqu stil minimalist u kontemporanju f'belt barokka. Dawn il-proġetti ma kinux neqsin minn sfidi enormi waqt il-proċess tad-disinn, imma rnexxielhom joħolqu prodott b'armonija unika wara studju profond ta' dak li hu qadim u modern.

Fil-proġett ta' Bieb il-Belt naraw li r-relazzjoni bejn id-disinn tal-Parlament u l-ispazji ta' madwaru, li jirriflettu




ACCESS
TO LIFT

« l-kuntest tas-swar bit-taraġ, ifakkar fit-taraġ l-antik ta' proġetti preċedenti. L-użu tal-ġebla Maltija jirrappreżenta elementi Maltin, u d-disinn innovattiv elevat mill-art joħloq spazju li tirrikjedi din iż-żona tal-Belt illum, minħabba l-pożizzjoni tal-parlament biex ma jinħonoqx l-ispazju għall-viżitaturi. Il-faċċata tal-parlament ukoll tħaddan fatturi partikolari, b'disinn uniku u forom minimalisti li ħolqu effett b'saħħtu imma raffinat għad-daħla tal-Belt.

Fil-lift tal-Belt naraw prodott minimalist u eleganti anke jekk il-materjal prinċipali hu l-ħadid. Id-disinn kkumplimenta perfettament is-swar u l-użu tal-element tal-ħġieġ serva biex in-nies li qegħdin jużaw dan is-servizz jistgħu jieħdu esperjenza impressjonanti tas-swar u tal-port matul il-vjaġġ kollu tagħhom sad-destinazzjoni finali. B'hekk il-ħadid u l-ħġieġ saru l-attrazzjoni prinċipali f'dan ix-xogħol.

Apparti l-proġetti pubbliċi, insibu wkoll numru ta' bini mis-settur privat li f'kull ambitu bħal f'kollox qegħdin naraw li sar kemm xogħol tajjeb u dak ħażin. It-tajjeb joħroġ meta jkun hemm użu tajjeb tal-elementi ewlenin fid-disinn, użu tal-materjali moderni li huma popolari u meta tintlaħaq armonija fil-kompożizzjoni b'doża meqjusa ta' innovazzjoni. F'dak li jirrigwardja l-ħażin li nsibu f'numru ta' proġetti jkun ġej mill-fatt li ma ntweriex rispett lejn il-kuntest, f'ħafna każi ambjentali. B'hekk iseħħ massakru estetiku u rilassazzjoni totali fl-innovazzjoni.

Id-disinn modern tal-lum jirrappreżenta estetika differenti minn ta' qabel, fejn qegħdin naraw l-użu iktar wiesa' tal-konkos għad-dekorazzjoni, stil iktar industrijali u introduzzjoni ta' iktar ħġieġ fis-soqfa jew fl-art għal iktar dawl jew għall-fini ta' dekorazzjoni.

Min-naħa l-oħra, ix-xogħol medjokri li qed jagħmel massakru mill-estetika u d-disinn f'pajjiżna kemm fi spazju intern u kemm f'dak estern hu riżultat ta' diżrispett totali lejn il-prinċipji tal-viżjoni u d-disinn ta' din il-professjoni nnifisha bħalma diġà semmejt. Dawn il-postijiet qegħdin jagħmlu sfreġju ta' kull ħaġa li jmissu magħha; kemm fit-tqassim tal-ispazju intern u kemm fin-nuqqas ta' konsiderazzjoni lejn l-inklużjoni ambjentali. Kif ukoll l-użu ta' materjal li ma jaqbilx ma' xulxin. Ħafna mill-elementi qegħdin jiġu mibdulin għal estetika iktar dgħajfa b'kompożizzjoni mhux organizzata li tagħti messaġġ konfuż, speċjalment meta jidħol disinn fil-faċċati tal-bini bħalma naraw fir-ritratti. Hawnhekk naraw telfa traġika fil-veru sens tal-kelma. Kemm meta nħarsu lejn id-dettali fl-istruttura u kemm fl-armonija tal-kuluri li qatlet is-sensibilità u l-kariżma klassika u raffinata li kellhom id-djar u l-binjiet taż-żmien ta' qabel.

> *“L-omm tal-arti hi l-arkitettura. Mingħajr l-arkitettura tagħna, iċ-ċivilizzazzjoni tagħna m'għandhiex ruħ.”*

Ċertu bini li qed jinbena llum, qiegħed jagħżel dehra iktar riġida, tqila, u robusta li ħafna drabi hu riżultat degradanti. Dan it-tip ta' bini qiegħed ukoll iħaddan disinn interjuri fjakk, b'madum b'kuluri li jqabbduk id-dwejjaq li jonqsu minn konsiderazzjoni lejn stil ta' ħajja moderna. Disinn li m'għandux rispett ta' xejn lejn it-tqassim tal-ispazju intern, lejn l-aperturi b'materjal u b'kuluri li jistonaw flimkien u kompożizzjoni li ma tittrażmettix messaġġ u sensazzjoni.

Konvinta li hemm lok għal avvanzi kbar f'ħafna sferi tal-arkitettura tal-lum, speċjalment fil-fini ta' kunċetti ġodda, friski u dinamiċi. Hemm bżonn li ngħiduha kif inhi u nammettu li f'dawn l-aħħar 20 sena proġetti tajbin saru, imma kellna aktar diżappunti fl-arkitettura Maltija. Kissirna kemm stajna u bnejna bla ebda interess f'disinn tajjeb, spazji komdi u rispett għall-kuntest storiku, kulturali u ambjentali.

Bħalissa f'Malta ż-żieda ta' innovazzjoni hi inevitabbli, kemm fit-tqassim tal-istruttura, fil-kuntest tad-disinn innifsu u fl-armonija ġenerali. Aħna poplu enerġiku, entużjast u passjonali iżda nħoss li ħafna mid-disinn li qed jinbena llum ma jirrappreżentax dawn il-karatteristiċi.

F'kull sfera li rajna, kemm jekk il-bini hu internament klassiku, kemm jekk hu modern f'kull sens tal-kelma u kemm jekk huwa esternament antik u internament modern, dejjem hemm lok għal xogħol bi ħsieb, b'kuntest u b'doża moderna li jħaddan fil-kappa tiegħu l-ekologija, il-minimaliżmu u s-sempliċità.

Id-disinn kontemporanju jieħu fil-konsiderazzjoni tiegħu l-bżonnijiet tal-ħajja tal-lum, jiġifieri jekk dan ma jseħħx, id-disinn qatt ma jkun se jaħdem. Nemmen li hemm bżonn ta' imbottatura kbira fid-disinn kontemporanju li ma jibqax imur kontra l-identità u l-ambjent Malti, imma joffri disinn li jittrażmetti enerġija, flessibilità u komunikazzjoni sostenibbli u inizjattiva għal ħajja iktar kuntenta u b'saħħitha.

Fuq kollox hemm bżonn li nispiraw ruħna iżjed minn dawk id-disinni li jistgħu jagħtu nifs mill-ġdid lill-ispazji lokali, ħalli jinħoloq bilanċ interessanti bejn il-qadim u l-kontemporanju. B'hekk il-medjokru u l-ħażin ma jibqax jeżisti. Nibqa' noħlom li f'Malta din il-bidla mistħoqqa sseħħ mill-iktar fis, ħalli l-kultura, l-ambjent u l-innovazzjoni jibqgħu jiffjorixxu kif inhu xieraq. Bħalma qal Frank Lloyd Wright:

“L-omm tal-arti hi l-arkitettura. Mingħajr l-arkitettura tagħna, iċ-ċivilizzazzjoni tagħna m'għandhiex ruħ.”


INOFIN
PROJECTS
Construction I Finishes I Turnkey Contracto
19, Notabile, Road, Fleur de Lys, B'Kara
Mob: 7757 0800 - 2730 9145 Email: info@inofinprojects.com

# STORJA TAL-KUMPANIJA



INOFIN PROJECTS stabbilixxiet lilha nnifisha bħala organizzazzjoni tal-kostruzzjoni ta' ċerta reputazzjoni f'Malta, grazzi għad-direttur maniġerjali tagħha li għandu 25 sena esperjenza f'din l-industrija u grazzi għall-klijenti tagħha li matul dawn is-snin fdaw lill-organizzazzjoni Inofin projects bil-proġetti tagħhom.



## MIN AĦNA?

Inofin projects hi organizzazzjoni ewlenija ta' kuntratturi. Il-portafoll varjat ta' proġetti mhux biss joffri aċċess varjat għal numru ta' servizzi pprovduti taħt l-istess kappa, iżda joffri wkoll il-benefiċċji tal-passjoni għad-dettall u biex jitwasslu l-aqwa aspettattivi. L-organizzazzjoni tagħna toffri varjetà ta' servizzi li jilħqu l-bżonnijiet tal-proġetti tagħkom, li joħdukom minn laqgħat ta' kollaborazzjoni, sal-aħħar fażijiet fejn jitlesta l-proġett u lil hinn minn hekk. Aħna nemmnu li kull proġett hu uniku u għalhekk inbiddlu l-approċċ tagħna biex inkunu nistgħu nissodisfaw il-proġetti partikolari tagħkom. Hekk kif ninsabu fuq quddiemnett u nispeċjalizzaw bil-bini u d-disinn, aħna familjari ħafna ma' diversi metodi ta' kif inwasslu l-proġetti u aħna kunfidenti li nistgħu nsibu l-aħjar proċess li se jgħinkom bl-aqwa mod biex tilħqu l-għanijiet tagħkom.

## IS-SERVIZZI TAGĦNA

Li nwasslu proġetti li jilħqu u jaqbżu l-aspettattivi tas-sidien hu proċess li jibda mill-istadju kunċettwali ma' tim li jikkollaboraw mill-istadju tad-disinn, sal-proċess tal-kostruzzjoni u anke fit-tlestija tal-proġett bħalma għamilna f'wieħed mill-proġetti tagħna. Ninsabu fl-aħħar fażijiet ta' town house f'Tas-Sliema li bdew billi waqqajna s-saqaf li kien hemm, imbagħad bnejna sular ieħor u wasalna biex inlestu l-binja skont it-talba tal-klijenti u bħalma juru r-ritratti t'hawnhekk.



# *Rebel with a Cause*

## IL-ĠRAJJA 60 SENA WARA

### *International Summer School* fil-Gran Brittanja

GEORGE GLANVILLE

**FIS-SAJF TAL-1959, F'GAZZETTA TAL-MLP, MISSIERI RA REKLAM LI F'SETTEMBRU, DELEGAZZJONI TA' MEMBRI TAL-LABOUR LEAGUE OF YOUTH (LLY) KIENET SE TATTENDI SUMMER SCHOOL ORGANIZZATA MILL-INTERNATIONAL UNION OF SOCIALIST YOUTH FL-INGILTERRA.**

Missieri, Lewis Glanville, kien ġej minn twemmin Laburista. Fl-1926, ta' 14 il-sena, missieri kien preżenti meta John F. Marks flimkien mal-Kumitat tal-Każin Laburista tal-Isla ċċelebraw għall-ewwel darba f'Malta "L-Ewwel ta' Mejju". Il-każin Laburista fl-Isla fl-1926 kien fi Triq il-Vitorja kantuniera ma' Triq id-Duluri; faċċata eżatt tad-dar bl-istatwa tad-Duluri. Il-Partit Laburista beda jiċċelebra uffiċjalment "L-Ewwel ta' Mejju" erba' snin wara, fl-1930 f'Bormla.

Missieri kien membru wkoll tal-Għaqda Soċjalista Maltija, l-għaqda li fiha kien hemm Karmenu Carabott, John Valvo u oħrajn. Din l-informazzjoni tgħin biex il-qarrej jifhem għaliex missieri tħajjar jibgħatni għal din is-Summer School u kif wara kien ippreparat jilqa' għat-theddid minn membri tal-kleru.

Fl-1959 kelli 17-il sena u kont għadni student il-Liceo bla sold fil-but. Biex nattendi ridt ninforma lill-Head Master tal-Liceo, is-Sur Thomas Glass. Informajtu li kont se nattendi Summer School l-Ingilterra u li kont se nasal lura Malta fid-9 ta' Ottubru, ġranet wara l-bidu tas-sena skolastika. Is-Sur Glass ma sab l-ebda oġġezzjoni.

Fit-30 ta' Lulju 1959 missieri ħallas 11 il-Lira Sterlina bħala parti mis-somma li b'kollox kienet tlaħħaq 50 Lira Sterlina. L-irċevuta kienet iffirmata minn Lorry Sant, il-leader tad-delegazzjoni tal-LLY. Din is-somma kienet tkopri l-vjaġġ Malta-Kessingland-Malta overland, akkomodazzjoni full board u eskurżjonijiet waqt is-Summer School. Barra mis-somma mħallsa bil-quddiem, kien hemm spejjeż oħra bħall-ikel u xorb waqt il-vjaġġi u meta konna f'Hostel f'Londra u f'Pariġi u pensione f'Ruma. Missieri ħallasli kollox. Ma kellna l-ebda sussidju, la mill-Partit u lanqas mir-Russja Komunista, kif ilsna velenużi bdew ixxerduha ma' Malta kollha wara li tlaqna. Pass ieħor li kelli nieħu kien li dħalt membru tal-LLY minkejja li kien għad ma kellix 18-il sena. Din kienet l-ewwel tessera tiegħi mill-61 sena li ilni membru tal-PL.

Il-qlajjiet li ntqalu dwarna kienu bla għadd, bosta minnhom pwerili, però kienu jintwemmnu minn ħafna. Ftit setgħu jifhmu li s-soċjaliżmu demokratiku kien l-akbar għadu tal-komuniżmu. Tajjeb ngħid li d-delegazzjonijiet kollha fl-International Union of Socialist Youth li kienu ġejjin minn pajjiżi komunisti kienu jgħixu fl-eżilju. Barra dawk mill-pajjiżi komunisti, iż-żewġ federazzjonijiet Spanjoli li kienu membri tal-IUSY kienu wkoll jgħixu fl-eżilju dak iż-żmien. Spanja kienet għadha taħt il-madmad tad-dittatur kattoliku Francesco Franco.

## ID-DELEGAZZJONI MALTIJA

Id-delegazzjoni Maltija kienet magħmula minn 13-il delegat, it-tieni l-akbar delegazzjoni wara dik tal-Ġermanja tal-Punent li kienet magħmula minn 25 delegat. Id-delegazzjoni mir-Renju Unit kienet ta' 12. It-total ta' delegati li attendew kien ta' 81 minn 17 il-pajjiż.

Il-membri fid-delegazzjoni Maltija kienu dawn: Lorry Sant, George Glanville u Gustav Spiteri minn Raħal Ġdid; Charles Attard u Joseph Busuttil mill-Belt; Henry Degabriele u Maurice Serracino mill-Isla; George Vassallo mill-Ħamrun; John Azzopardi mill-Birgu; Joseph Said minn Naxxar; Pio Borg mill-Floriana; Salvu Debono minn Ħal Kirkop u Lewis Wettinger mill-Mellieħa. Jien kont l-iżgħar delegat mill-81 li attendew. F'Kessingland ingħaqad magħna Charles Zerafa minn Raħal Ġdid li però kien jgħix Londra.

Fl-1959 l-International Union of Socialist Youth kellha assoċjazzonijiet f'39 pajjiż madwar id-dinja. F'uħud mill-pajjiżi kellha aktar minn organizzazzjoni waħda affiljata. F'pajjiżi bħaċ-Ċekoslovakkja, l-Estonja, l-Ungerija, l-Latvja, l-Polonja, Spanja u l-Ukraina l-għaqdiet affiljati mal-IUSY kienu jgħixu fl-eżilju.

Tlaqna minn Malta nhar l-Erbgħa, 9 ta' Settembru 1959. Jum qabel kienet il-Festa tal-Vitorja u bħas-soltu saret ir-Regatta fil-Port il-Kbir. Dan l-avveniment kien wieħed uniku fl-istorja tat-tiġrijiet tad-dgħajjes f'Malta. Wara l-irvellijiet tat-28 ta' April 1958, il-Kostituzzjoni kienet sospiża. Bi protesta, id-distretti kollha, li tradizzjonalment jieħdu sehem fir-Regatta bil-kuluri rispettivi tagħhom ftehmu, għajr għad-distrett tal-Kalkara, li jikkompetu bħala tim wieħed: it-team favur il-Ħelsien ta' Malta. Id-distretti kkompetew fir-Regatta bl-opri u l-flokkijiet tal-qaddiefa bl-aħmar. Il-Kalkara biss użat il-kulur tradizzjonali tagħha, l-aħdar. Safejn niftakar, il-ħomor rebħu t-tiġrijiet kollha.

Il-vjaġġ tagħna lejn l-Ingilterra beda minn Xatt il-Barrieri, il-Belt fuq il-vapur "Star of Malta". Il-grupp tagħna, aħna li konna sejrin għas-Summer School u sebgħa oħra li kienu ġejjin magħna l-Ingilterra, tlajna abbord għal xis-7.00 p.m. Abbord jarawna sejrin kien hemm rappreżentanti tal-Eżekuttiv tal-LLY: l-avukat Patrick Holland, Salvu Sant u l-għarusa tiegħu, Joyce Schembri.

Ftit ħin wara rajna grupp ta' dgħajjes resqin lejn il-vapur Star of Malta. Dawk fuq id-dgħajjes bdew ikantaw innu popolari ħafna dak iż-żmien "San Pietru jmexxi d-dgħajsa" eċċ. Kienu ġejjin għal fuq il-vapur mill-Kalkara. Fost il-miġemgħa kien hemm l-Arċisqof Michael Gonzi u numru konsiderevoli ta' nies li wara sirna nafu li kienu sejrin pellegrinaġġ Sqallija mmexxijin mill-Arcisqof. Fost id-dgħajjes kien hemm dawk li l-ġurnata ta' qabel ħadu sehem fir-Regatta bil-kulur aħdar.

Abbord il-vapur stajna nosservaw il-preżenza ta' membri mill-Korp tal-Pulizija pajżana. Lill-pulizija konna nagħrfuhom faċilment ghax kienu ilhom aktar minn sena u nofs iħufu warajna jqisu l-passi




tagħna u jiġbdulna ritratti f'kull attività tal-Partit Laburista. Barra minn hekk, id-detectives, kienu libsin iż-żarbun tas-servizz.

In-nies li kienu sejrin il-pellegrinaġġ u l-oħrajn li wassluhom tgħidx kemm għajruna u pprovokawna. Xtaqu li aħna nirreaġixxu biex il-pulizija preżenti jarrestawna u nibqgħu l-art. Ma paxxejnihomx. Deher ċar li l-pellegrini twajbin kienu jafu li l-grupp tagħna kien se jkun abbord.

Fit-8.30 p.m. l-iStar of Malta salpa lejn Sirakuża. Tul il-vjaġġ kellna nduru b'uħud mill-pellegrini li l-baħar kien għamlilhom id-deni. Meta qrobna lejn Capo Passero qamet maltempata kbira ta' sajjetti u ftit xita. Wasalna Sirakuża għal xil-5.30 a.m. Inżilna l-art u dħalna d-dwana ta' Sirakuża. Ftit wara bdiet nieżla x-xita bil-qliel. "Temporal" qalulna, u x-xatt u t-triqat għerqu.

Aħna konna grupp ta' 20. Minbarra dawk għas-Summer School ġew sebgħa oħra, fosthom Lino Cassar. Lino ġie magħna sa Londra bil-ħsieb li jara kemm jiflaħ films bla ċensura. Ġie magħna wkoll Willy Cocker (Senior) minn Raħal Ġdid biex iżur lil ibnu Walter u lil oħtu, li kienu jgħixu Hull, l-Ingilterra. Ġew magħna wkoll ħames għalliema Mostin li riedu jieħdu btala l-Ingilterra. Dawn ġew lura qabilna minħabba li riedu jkunu lura Malta qabel tiftaħ l-iskola.

Minħabba t-temporale, mid-dwana kellna naqbdu l-karrozzella biex immorru l-istazzjon tal-ferrovija. Il-ferrovija telqet għall-Ruma fit-8.30 a.m. Billi konna grupp ta' għoxrin, okkupajna żewġ kabini u nofs bejnietna. Għalhekk, kellna spazju biżżejjed fejn kull min ried jistrieħ matul il-jum seta' jimtedd. Meta kulħadd kien ikun bilqiegħda f'postu, konna ntellgħu saqajna bejn tnejn minn sħabna fuq il-bank ta' faċċata tagħna, sintendi bla żarbun.

Peress li kont inżomm djarju, nista' nirrakonta bid-dettall minn kull fejn għaddejna, x'ħin u fejn waqafna. Wasalna Ruma fil-11.00 p.m fejn irqadna lejl fis-Salus Hotel, Pjazza Indipendenza. Jien qsamt il-kamra u s-sodda ma' Gustu Spiteri. Jien ħallast 1,500 Lire ta' lejl, Gustav l-istess.

Il-Ġimgħa, 11 ta' Settembru qbadna l-ferrovija lejn Pariġi. Il-vjaġġ ħa 24 siegħa. Wara li wasalna suppost li kellna nistrieħu f'hostel tal-istudenti. X'ħin wasalna sibna l-hostel magħluq u nota fuq il-bieb li l-hostel tiftaħ fil-5.00 p.m. Kellna niddepożitaw il-bagalji fl-istazzjon tal-ferrovija minn fejn konna se nkomplu l-vjaġġ lejn Londra. Wara l-ikla ta' nofsinhar, jien u Lino Cassar ħriġna u tlajna fuq it-Torri Eiffel. Kienet esperjenza li ma ninsiex.

Is-Sibt fid-9.30 p.m tlaqna mill-istazzjon tal-ferrovija St Lazare, lejn Dieppe. Qsamna l-English Channel bil-vapur għal Newhaven u ferrovija oħra wasslitna Victoria Station, Londra l-għada l-Ħadd fis-7.30 a.m. Minn Victoria qbadna taxi għall-hostel fejn konna prenotati mill-IUSY, f'31 Kilburn Park Road. Filgħaxija ngħaqad magħna fil-


Labour League Of Youth

MALTA LABOUR PARTY HQRS.
41, Kingsway — Valletta

Date 30/7/59

Received from A. George Glanville of 16 Sal. Borg Str Paola the sum of £11 as part of the sum to cover expences to attend Summer School in England

Lorry Sant




hostel il-grupp Ġermaniż u oħrajn.

Fl-ewwel jum fl-Ingilterra stajt ninnota kemm l-Ingliżi kienu jħarsu l-jum tal-Ħadd. Filgħodu kollox magħluq ħlief il-knejjes. Id-djar kollha bil-fliexken tal-ħalib fuq l-għatba u kwiet perfett. Kultant tara karozza tal-linja għaddejja, karozzi għajr ftit li xejn. Differenti ħafna minn Ħadd filgħodu Malti.

Waranofsinhar ktibt ittra lill-ġenituri tiegħi biex ninfurmhom li wasalna Londra qawwijin u sħaħ. Filgħaxija grupp minna morna l-West End u rajna l-film "The Last Mile" ta' Mickey Rooney. L-idea li naraw dan il-film kienet ta' Maurice Serracino. Biljett tad-dħul kien 5s 0d (ħames xelini). Kienet is-sħana, konna għajjenin u l-istorja tal-film tedjanti. L-istorja kienet tiżvolġi l-ħin kollu f'death row ta' ħabs. Lili l-film tant dejjaqni li irqadt f'nofsu.

## KESSINGLAND

L-għada, it-Tnejn tlaqna minn Londra biċ-charter buses (aħna ngħidulhom "privates") lejn il-Holiday Fellowship Youth Camp f'Kessingland, villaġġ viċin il-baħar ħdejn Lowestoft, f'Sussex. Il-kamp kien jikkonsisti minn numru konsiderevoli ta' chalets kbar u żgħar, speċi Ħal Ferħ f'Għajn Tuffieħa. L-akbar chalet kien użat għall-konferenzi, dances, riċevimenti u bħala ċinema. Ieħor kbir kien armat bis-sinkijiet, showers u toilets u ieħor bħala kċina u rifettorju kbir. Kellhom ukoll chalet użat mill-amminstrazzjoni tal-kamp. Id-delegati kollha kienu mqassma f'chalets, żgħar jew kbar. Jien u Louis Wettinger messna naqsmu chalet miż-żgħar ma' żewġ studenti Ġermaniżi. Il-kamp kien mibni fuq promontorju fl-għoli, taħtu l-baħar. Minkejja li s-sajf ta' dik is-sena kien wieħed mill-aktar sħan fir-Renju Unit, il-baħar kien iffrizzat. Darbtejn biss ippruvajtu.

The International Summer School in Great Britain organizza dan l-avveniment bejn l-14 u l-25 ta' Settembru, 1959. Fil-5.00 p.m tat-Tnejn, 14 ta' Settembru, ftit wara li wasalna u sibna x-chalet tagħna, poġġejna kollox f'postu u morna nieklu. Waqt l-ikel kienet okkażjoni tajba biex nibdew nitħalltu ma' delegati minn pajjiżi oħra.

Fil-5.00 p.m. tat-Tnejn iltqajna skont kif kien ipprogrammat, fis-sala tal-konferenzi tal-kamp. Is-Segretarju tal-IUSY, Kurt Kristiansson fetaħ din is-Summer School b'diskors ta' merħba lid-delegati. Informana li aktar tard kien se jkun organizzat "Get acquainted" biex id-delegati jibdew isiru jafu lil xulxin. Wara kien se jiġi proġettat il-film "Jour de Fete". Kull jum kien jintwera film tul il-ġimgħatejn tas-Summer School.

L-ewwel kelliem wara s-Segretarju tal-IUSY kien il-membru parlamentari Laburista Ingliż, Fenner Brockway, ħabib kbir ta' Malta u tal-Perit Dom Mintoff.

Mhux se nirrakontalkom x'intqal fid-diskorsi u d-dibattiti li saru wara kull lecture fit-12 il-jum tal-kamp. Però, biħsiebni nsemmi t-temi diskussi. Qatt ma ġiet diskussa xi reliġjon kif kien ingħad f'Malta. Temi trattati kienu: Traditional Colonialism in Algeria, Communist



George Glanville fuq it-Thames



George Glanville gewwa Cambridge

Imperialism: Tibet, The Economics of Imperialist Colonialism (A theoretical approach), The Economics of Russian & Chinese Imperialism, Traditional Imperialism: Central Africa, Traditional Imperialism: East Africa, Problems in the Transition to Independence: Middle East, The Effect of the Cold War, Traditional Imperialism: Goa, Communist Imperialism: East Europe, Problems of the Transition of Independence: Pakistan, Socialist Achievments in the State of Israel, Traditional Imperialism: New Guinea, Communist Imperialism: Hungary, IUSY and the Struggle Against Imperialism and Colonialism, The Socialist International.

Ma' dawn irrid inżid waħda dwar is-sitwazzjoni politika f'Malta dak iż-żmien: "Traditional Imperialism: Malta." It-taħdita saret is-Sibt 19 ta' Settembru fis-2.00 p.m. Din it-taħdita saret mis-Sur Arthur J. Scerri, ir-rappreżentant tal-Malta Labour Party fir-Renju Unit. Tnax-il sena wara, Turu Scerri kien maħtur Kummissarju Għoli ta' Malta għar-Renju Unit mill-Gvern Laburista.

Waqt li kont qed nikteb dan l-artiklu, intbaħt b'dettall li qatt ma kont tajt każu. Id-dettal indunajt bih waqt li kont qed nikkonsulta mal-programm tat-taħditiet li semmejt hawn fuq. Irrealizzajt li wieħed mill-kelliema kien Ian Campbell, dak iż-żmien Segretarju tal-British-Asian & Overseas Socialist Fellowship. 42 sena wara, fl-2001 erġajt iltqajt ma' Ian u martu Thalia f'Malta. Iltqajt magħhom bis-saħħa tal-iskultur Anton Agius u ibnu Christopher. Dak iż-żmien, Ian u Thalia, kienu jiġu Malta kull sena biex iqattgħu x-xitwa hawn. Anton kien ħadmilhom statwa biex jikkommemoraw il-marċ tan-nisa Ingliżi lejn Greenham. In-nisa bit-tfal magħhom kienu mmarċjaw lejn Greenham Common, jipprotestaw kontra il-bażi nukleari Amerikana fl-Ingilterra. Din l-istatwa qiegħda fis-City Hall ta' Cardiff, Wales. Fl-2001 ma kontx irrealizzajt li diġà kont iltqajt ma' Ian 42 sena qabel f'Kessingland.

Ian u Thalia Campbell kienu artisti li speċjalizzaw fid-disinn u l-ħjata ta' Campaign Banners għall-Partit Laburista u t-trejdunjins Ingliżi. Fl-2001 jien kont il-kuratur tal-Gallerija tal-Arti "Il-Foyer" fiċ-Ċentru Nazzjonali Laburista, l-Ħamrun. Bis-saħħa ta' Ian u Thalia tellgħajt żewġ wirjiet ta' Campaign Banners fl-istess żmien: "Arts for Labour" u "Arts for Trade Unionism" f'Gallerija "Il-Foyer" u f'Gallerija Liberte' fil-Workers Memorial Building, il-Belt.

Rigward l-ikel tal-Holiday Camp qatt ma smajt tgergir. Dejjem kilna kulma kienet issajjar il-koka. Is-sorpriża kienet fil-breakfast: kienu jservu "Spagetti on toast", spagetti biz-zalza lesta fil-laned, banju marija fuq biċċiet tal-ħobż mixwi. Lili u lil sħabi għoġobna u konna nisparixxu kulma kien ikun hemm quddiemna. Barra l-breakfast kellna ikla f'nofsinnhar, it-tè fl-4.00 p.m u l-ikla ta' filgħaxija.




Il-knisja fejn mar jisma' l-quddiesa

Fil-ftit ħin liberu konna noħorġu nimxu fit-triqat ta' Kessingland. Darba minnhom ħabbatt bieb ta' dar. Fuq il-bieb tal-ġnien kien hemm nota li kellhom it-tuffieħ għall-bejgħ. Il-propjetarji kienu koppja mdaħħla fl-età. Wara li introduċejt ruħi u għidtilhom għaliex ħabbattilhom il-bieb, daħħluni ġewwa, dawruni mal-ġnien u wara tawni t-tè u qagħdu juruni r-ritratti tal-familja. F'żogħżitu, ir-raġel kien sajjied fuq wieħed mit-trawlers taż-żona.

Filgħaxijiet jekk ma konniex noqogħdu naraw il-film ippreparat jew ningħaqdu ma' sħabna tal-grupp Ġermaniż idoqqu l-pjanu u jkantaw, konna nispiċċaw il-pub tal-lokal fejn kienu jiltaqgħu l-familji. Nhar ta' Gimgħa u nhar ta' Sibt fil-pub kienu ġranet speċjali; fil-pub kien ikun hemm persuna jdoqq il-pjanu u n-nies jixorbu u jkantaw flimkien. Iż-żgħażagħ taħt it-18 il-sena, kien kontra qalbhom, ikollhom jibqgħu barra l-pub.

Barra mit-taħditiet politiċi kellna ppjanat ħarġa f'Cambridge. Kellna l-okkażjoni li niltaqgħu ma' xi studenti membri tal-IUSY u nżuru King's College u Trinity College.

Il-Ħadd 20 ta' Settembru filgħodu, jien u xi oħrajn morna nisimgħu quddiesa f'Our Lady Star of the Sea Catholic Church, f'Lowestoft. Wara l-quddiesa, mill-knisja xtrajt kartolina bir-ritratt tal-istess knisja. Kif kont nagħmel ktibt nota fuq wara u bgħattha lill-ġenituri tiegħi. Din il-kartolina għadha għandi. Fuq wara tal-kartolina hemm żewġ timbri tal-posta: dak ta' Lowestoft tat-Tnejn 21 ta' Settembru u l-ieħor ta' Valletta 22 ta' Settembru. It-timbri juru kemm il-posta kienet effiċjenti dak iż-żmien.

Imnalla bgħatt din il-kartolina partikolari. Missieri kellu l-provi f'idu li-s-Summer School li konna qed nattendu ma kellha xejn kontra l-Knisja Kattolika u l-ebda twemmin reliġjuż ieħor. Ikkonferma li aħna konna qed nosservaw it-tagħlim tagħha. Seta' juriha lil kull min kellu wiċċ tost biżżejjed li kien jmur ikellmu dwari u dwar il-mawra tiegħi fl-Ingilterra. Aktar tard missieri u miegħu Loretu Cutajar, studjuż tal-Istorja tal-Knisja Kattolika, tkeċċew mil-Legion of Mary ta' Raħal Ġdid għax Laburisti. Il-qiegħa kienet bdiet tisħon ħafna f'Malta.

Fl-aħħar jum tas-Summer School, kellna taħdita mis-Segretarju Ġenerali tal-IUSY, Kurt Kristianson. It-tema kienet "IUSY and the Struggle against Imperialism and Colonialism" xejn kontra l-Knisja Kattolika. Filgħaxija kellna attività speċjali, meeting politiku fil-kampanja elettorali tal-Labour Party Ingliż fil-Hippodrome, Lowestoft. Kellna l-opportunità niltaqgħu wiċċ'imb wiċċ mal-kelliem ewlieni, il-mexxej tal-Partit Laburista Ingliż, l-Onorevoli Hugh Gaitskill, M.P. Ġimgħa wara għand Madame Tussaud, f'Londra rajt ix-xbiha tiegħu. Skantajt kemm kienet realistika.

Nistqarr li sal-lum għadna ma lħaqniex dak il-livell ta' tolleranza politika f'Malta, 60 sena wara. Fis-sala tal-Hippedrome bilqiegħda f'post prominenti kien hemm numru ta' attivisti Konservattivi li bdew jagħmlu l-mistoqsijiet li xtaqu wara l-intervent ta' Hugh Gaitskill. Ħadd ma interrompa lil ħadd, ħadd ma ġġieled ma' ħadd u kulħadd mar lura d-dar bil-kwiet. Din kienet novità għalina.

Wara s-Summer School, qattajna ftit ġranet Londra. Jien ħadt l-okkażjoni nżur familja ħbieb tagħna f'Kent u l-bqija tal-ġranet indur ma' sħabi postijiet interessanti f'Londra. Bdejna l-vjaġġ lura lejn Malta t-Tnejn 5 ta' Ottubru fit-8.40 a.m. minn Victoria Station. Bejn wieħed u ieħor il-vjaġġ kien simili tal-vjaġġ minn Malta. Wasalna Ruma fis-7.05 pm tat-Tlieta 7 ta' Ottubru, vjaġġ ta 34 siegħa.

## ŻJARA FIL-VATIKAN

L-għada, l-Erbgħa jien u Willy Cocker ħriġna nduru madwar il-ħwienet, il-postijiet storiċi u l-monumenti fiċ-ċentru ta' Ruma.

Waranofsinhar ġbidna lejn il-Vatikan. Meta wasalna Pjazza San Pietru rajna ħafna ċaqliq ta' nies. Viċin rajna qassis u morna nkellmuh. Staqsejnieh x'qed jiġri. Kellimna bl-Ingliż. Qalilna li l-Papa Ġwanni XXIII kien se jagħti udjenza fl-okkażjoni tal-ewwel anniversarju mill-mewt ta' Papa Piju XII. Staqsiena minn fejn aħna u meta għidnielu li aħna Maltin, staqsiena jekk konniex interessati nattendu. Għednielu li aħna interessati. Hu tana żewġ biljetti biex inkunu nistgħu nidħlu. Irringrazzjajnieh u morna fil-kju.

Qatt ma bsarna fejn konna se nkunu fil-bażilka. L-ushers indikawlna li postna kien fuq struttura għolja sular, waħda minn erba' strutturi, waħda f'kull rokna tal-altar maġġur. L-istruttura fejn konna aħna kienet dik quddiem l-istatwa ta' Sant' Elena. Mhux hekk biss, aħna konna fl-ewwel filliera flimkien ma' żewġ Kanadiżi. Taħtna kien hemm mijiet ta' sorijiet u saċerdoti bilwieqfa. It-tema li l-Papa tkellem dwarha dakinhar kien ir-Rużarju, diskors ta' madwar 20 minuta, u wara fakkar l-ewwel anniversarju mill-mewt ta' Papa Piju XII. Id-diskors tal-Papa wara ġie tradott bl-Ingliż, Franċiż u Spanjol. Mur għidlu lil Monsinjur Gonzi fejn konna!



# Belgrad u l-wirt Ottoman tagħha

SIMON MERCIECA

**ILLUM FTIT JASSOĊJAW IL-BELT TA' BELGRAD FIS-SERBJA MAD-DINJA MUSULMANA JEW AĦJAR MA' DIK OTTOMANA.**

Għal ħafna sekli, din il-belt kienet parti mill-imperu Ottoman. Biss il-wirt ta' din il-ħakma hu ftit li xejn magħruf. Għal ħafna sekli, is-Serbi stess fittxew li jinsew dan il-wirt, kif aħna l-Maltin għamilna matul is-seklu dwar ħakmiet oħra li ġew fostna. Għas-Serbi, dan ma kienx biss proċess reliġjuż, iżda wkoll proċess ta' dekolonizzazzjoni – kif finalment nemmen li kien il-proċess li seħħ fostna. B'hekk, il-fdalijiet Ottomani f'din il-belt huma ftit. Biss ta' min imur iżuruhom.

Meta wieħed iżur din il-Belt, ftit se jsib bini qadim. Hi belt mibnija prattikament mis-seklu dsatax-il quddiem. Fl-arkitettura ta' din il-Belt tinħass ħafna l-influwenza tal-Awstrija u anke dik Franċiża. B'mod partikolari, l-istil liberty Franċiż jinħass sew f'Belgrad.

Fil-verità din hi belt qadima ħafna li tmur lura fl-istorja għaż-żmien ta' qabel mal-istorja bdiet tinkiteb. Iżda l-pożizzjoni strateġika tagħha fuq ix-xmara Danubju wasslet biex tkun attakkata minn ħafna qawwiet differenti. Intrebħet u ntilfet kemm-il darba u matul dawn il-proċessi storiċi kienet tkissret. Tfarrket għal aktar minn 70 darba. B'hekk dak li hu qadim u tal-imgħoddi fl-arkitettura tagħha hu ftit li xejn. Fuq kollox, din hi l-aħħar Belt fl-Ewropa li spiċċat fi gwerra, meta fl-1999 kienet ġiet ibbumbardjata mill-qawwiet tan-Nato. Is-Serbi ma jitkellmux dwar dan. Trid tistaqsihom. Biss mit-tkissir tan-Nato, inkluż tal-pont li jaqsam ix-xmara Danubju, ma għadu jidher xejn. Kollox reġa' nbena u anke jekk il-ġrieħi tal-gwerra għadhom hemm, dawn ma jidhrux f'bini mwaqqa'.

Illum meta wieħed jitkellem mas-Serbi, ifittxu li jitkellmu dwar iż-żmien meta Belgrad kienet taħt Ruma u ġiet mogħtija bħala Singidunum, isem qadim tagħhom li ġie Latinizzat. Isemmu li tliet Imperaturi Rumani twieldu Belgrad. Inħoss li f'din il-konnessjoni storika jfittxu l-għerq tagħhom Ewropew, aktar u aktar meta kienet inbniet kampanja medjatika kontra tagħhom li huma ma jisthoqqilhomx ikunu fil-Komunità Ewropea.

Nemmen li dan l-element, b'mod indirett qed iwassal ukoll biex dan il-wirt Ottoman ma jkunx rivalutat biżżejjed. Fuq kollox, il-Komunità Ewropea ma tridx lit-Turkija bħala membru. Għalija dan hu żball.

Matul il-ħakma Ottomana, din il-belt kellha tliet kwartieri prinċipali. Kien hemm il-kwartier tal-Insara, li f'dan il-każ kienu u għadhom Ortodossi. Kien hemm il-kwartier tal-Musilmin u kien hemm il-kwartier tal-Lhud. Kif jiġri f'ħakmiet barranin, ikun hemm nies tal-lokal li jmorru mal-ħakkiem il-ġdid. F'dan il-każ, din kienet tfisser li numru ta' Serbi kienu saru Musilmin.

Kull kwartier kien iddominat bil-postijiet tat-talb. Il-Moskea prinċipali kienet fil-fortizza li hemm tiddomina l-belt. Din il-moskea llum m'għadhiex teżisti. Fejn kien il-kwartier tal-Musulmani għad hemm il-Moskea. Jgħidulha tal-bandiera, għax l-imam kien itella' l-bandiera fuq arblu li kellu fuq il-minaret meta kien jasal ħin it-talb u jerġa' jniżżilha. M'ilux, din il-moskea ġiet irrestawrata mill-Ażerbajġan u nbena qribha ċentru Iżlamiku. Biss taqra deskrizzjoni ta' Belgrad fi żmien il-ħakma Ottomana, dak li joħroġ minn dawn il-vjaġġaturi li kien in-numru ta' mkejjen żgħar fejn kienu jmorru jitolbu l-Musulmani. Fl-aqwa tal-perjodu Ottoman, jigifieri fis-Sekli Sittax u Sbatax, Belgrad kellha 'l fuq minn mitt elf persuna. Biss karatteristika ta' din il-belt li ma tantx kienu l-moskej, iżda kellha ħafna magid al masqit. Fil-Belgrad Ottoman, dan kien ifisser post iċken għat-talb, qishom il-kapelli tagħna.

Fiċ-ċentru tal-belt ta' Belgrad għad hemm qabar ta' wieħed mid-dervish Torok. M'ilux ġiet irrestawrata din il-kappella funebri jew mawsulew mill-Gvern Tork. Id-dervishes kienu jqimu dawk fosthom li jkunu għaddew ħajja eżemplari u ta' qdusija. Fejn jindifnu kienu jsiru postijiet ta' pellegrinaġġ. Jieħdu s-sura ta' santwarji għall-qaddisin fil-kultura Kristjana.

Ftit 'il bogħod minn dan il-mawżulew għadha teżisti dar, waħda mill-ftit jekk mhux l-unika li baqa' ta' żmien l-epoka Ottomana. Illum mużew. Din tfakkret kif kienu d-djar matul il-ħakma Ottomani. Din baqgħet għax fiha bdiet ir-rivolta tas-Serbi f'Belgrad kontra din l-istess ħakma Ottomana matul is-Seklu Dsatax.

Iżda l-aktar monument importanti li hemm f'Belgrad hi l-fortizza li tiddomina din il-belt. Din għad għandha partijiet tagħha li jmorru għaż-żminijiet tan-nofs. Dejjem serviet bħala l-post fejn



Il-Moskea Prinċipali Ottomana f'Belgrad

kien joqgħod il-mexxej tal-Belt. Taħt il-ħakma Ottomana, il-mexxej f'Belgrad kien jissejjaħ Pasha. Kellu taħtu dan il-kastell u l-provinċja ta' madwar. Hu kien jirrispondi lil Ber el Bey li kien f'Sofija fil-Bulgarija. Imbagħad il-Ber el Bey kien jirrispondi lil Grad Vizier f'Kostantinopli.

Biss ma kienx faċli għall-Ottomani li jirbħu Belgrad. Fil-Medju Evu, din il-belt kienet isservi ta' avant'post għall-Ungerija bħala difiza kontra l-avvanz tal-Ottomani. L-ewwel attentat biex tintrebaħ kien sar minn Murad II fl-1449. Imbagħad, it-tifel tiegħu, Mehmet il-Konkwistatur ipprova fl-1456 u falla wkoll. It-tielet attentat sar minn Suleiman il-Manjifiku fl-1531 u rnexxa. Wara din ir-rebħa għandha wkoll l-ewwel użu tal-istudju militari. L-Imperaturi ta' qabel, kollha pprovaw jirbħu Belgrad billi jiġu min-nofsinhar, min-naħa tax-xmara Danubju. Suleiman attakka din il-belt mit-Tramuntana li kien aktar diffiċli għax kellu jibni pont biex jaqsam ix-xmara. Madankollu, kien attakka l-aktar parti dgħajfa ta' din il-fortizza. Wara din ir-rebħa, l-Ottomani kellhom aċċess għall-materjal importanti, l-injam. Is-Serbja kienet magħrufa għas-sigar tal-injam tant li kienet tissejjaħ il-gungla l-qadima. B'hekk Suleiman seta' jibni flotta kbira li ġiet użata kontra Malta fl-1565. Fi kliem ieħor mingħajr din ir-rebħa, l-assedju ta' Malta ma kienx ikun possibbli. Jekk f'Malta ma kienx suċċess, din ir-rebħa tat aċċess lill-Imperu Ottoman biex iħejji attakk u jirbaħ lill-Ungerija.

Biss Belgrad ma tibqax għand l-Ottomani. Wara li kien falla l-attentat mill-Ottomani li jieħdu Vienna, l-Asburgi li kienet il-familja nobbli li tmexxi l-Awstrija, fittxet biex tirbaħ din il-belt strateġika kif fil-fatt ġara fl-1686. Hawn jibda perjodu ieħor ta' storja militari. Il-fortizza ta' Belgrad tiġi msaħħa fuq il-linji militari ta' Vauban. Dan l-istess perit kien qed iħalli influwenza fuq pajjiżna u b'hekk naraw xebħ militari bejn din il-fortizza u dawk il-fortizzi tas-seklu sbatax u tmintax li għandna f'pajjiżna. Iżda fl-1691, l-Ottomani jerġgħu joħduha. Biss terġa' tittieħed mill-Asburgi bejn l-1718 u 1739. Wara terġa' tmur għand l-Ottomani u għal perjodu qasir, bejn l-1788 u l-1793 jerġa' jkun hemm preżenza Awstrijaka. Belgrad baqgħet għand l-Ottomani sakemm kien hemm il-qawmien Serb fis-seklu dsatax.

Quddiem dawn il-fatti storiċi, wieħed ma jistax imur Belgrad u ma jmurx jara din l-fortizza li tiddomina din il-belt. Is-swar tagħha jixhdu l-fażijiet storiċi li għaddiet minnhom. Quddiem id-daħla prinċipali għal din il-fortizza, min-naħa tal-belt ta' Belgrad, hemm speċi ta' park li jissejjaħ 'kalemeda'. Din hija kelma Torka li tfisser l-għalqa li jkollha quddiemha l-fortizza. Din kienet titħalla mhux mibnija għal raġunijiet ta' difiża. Fiha naraw numru ta' bibien li isimhom għadu marbut mal-mexxej li fi żmienu kienu saru dawn il-bibien bħalma hu l-bieb ta' Leopoldu I jew





Il-binja fejn bdew l-irvellijiet kontra l-Ottomani



L-entratura għall-Kastell

inkella dak li jissejjaħ il-Bieb ta' Istanbul. Għadhom jidhru f'din il-fortizza strutturi oħra li l-Ottomani bnew bħal ħawt tat-tisfija li kellha l-moskea, il-postijiet użati bħala ħabsijiet jew inkella fejn kellhom it-tarzna. Din illum isservi wkoll bħala mużew. Fuq kollox, għamlu użu mis-sistema tal-akwadotti Rumani biex iwasslu l-ilma lejn din il-fortizza.

F'din il-fortizza naraw numru ta' monumenti storiċi, fosthom, tnejn għall-Ewwel Gwerra. L-ewwel wieħed hu magħruf bħala Victory. Dan illum hu s-simbolu ta' din il-Belt. Biss illum ftit jirrealizzaw, li meta sar, fl-1928, in-nies ta' Belgrad ma riduhx. L-idea kienet li jitqiegħed fiċ-ċentru tal-Belt. Biss tqies indiċenti għax juri raġel għarwien. B'hekk kien tqiegħed fuq din il-fortizza, iħares lejn ix-xmara Danubju. Dan kien sar minn skultur Kroat li kien l-artist favorit tar-Re. Imbagħad hemm monument ieħor f'dan il-post, li meta ħarist lejh fakkarni ħafna fl-abbozz ta' Sciortino. Dawn iż-żewġ artisti kienu qed jixorbu mill-istess sors. Il-monument sar bi gratitudni lejn Franza. Fuq kitbu bis-Serb "aħna nħobbu lil Franza daqs kemm hija tħobb lilna". Dan sar b'ringrazzjament lejn Franza tal-appoġġ li tat lis-Serbi matul l-Ewwel Gwerra Kbira.

Fil-perjodu tal-gwerra, numru ta' żgħażagħ Serbi ma kienx intbagħtu fuq il-frontiera iżda fi Franza ħalli jitgħallmu. B'hekk wara l-gwerra, is-Serbja jkollha elit tagħha ppreparat fi Franza. Dan il-fatt irnexxa għax l-influwenza Franċiża, anke b'mod viżiv fl-arkitettura, għadha tinħass f'Belgrad sal-ġurnata tal-lum. Biss dan il-kliem fuq dan il-monument kien profetiku. Wara l-waqgħa tal-Komuniżmu, Franza ma tatx l-appoġġ tagħha lis-Serbi. Anzi f'għajnejn is-Serbi ħadmet kontra



tagħhom biex tkissirhom wara li sfaxxat il-Yugoslavja. B'hekk is-Serbja u Belgrad spiċċaw ibbombardjati min-Nato fl-1999. Niftakar li mhux kulħadd, fiċ-ċentri akkademiċi Pariġini kien jaqbel ma din il-linja politika. Kien hemm akkademiċi li riedu r-ritorn lejn din il-politika ta' ħbiberija mas-Serbja bħalma ġara fis-Seklu Dsatax. Dan ma seħħx. Illum din l-imħabba lejn Franza spiċċat u dan hu pajjiż, li llum qed ifittex mergħat oħra, primarjament lejn ir-Russja u ċ-Ċina.

Il-ftit arkitettura Ottomana li kien għad fadal f'din il-fortizza tkissret matul l-Ewwel Gwerra Dinija. Issa Belgrad kienet ġiet ibbumbardjata mill-Awstrijaċi. Biss dan il-wirt militari f'din il-fortizza għadu jinħass sew. L-ewwel, għax fiha wieħed isib il-mużew tal-Gwerra li hu interessanti ħafna. It-tieni, fiha hemm numru ta' monumenti marbuta mal-Ewwel Gwerra. Minn din il-fortizza hemm veduti sbieħ tax-xmara Danube, iddominata minn gżira kbira fin-nofs li mhux dejjem kienet hemm, iżda li ġiet maħluqa. Qabel kien hemm numru ta' gżejjer żgħar.

Din il-belt waqgħet ukoll taħt in-Nażisti. Intrebħet f'għaxart ijiem. B'hekk f'din il-fortizza ta' Belgrad naraw anke monument għal dawk li mietu jiġġieldu l-faxxisti. Fuqu hemm miktub bis-Serb, "Mewt għall-Faxxisti u ħelsien għall-poplu".

## L-IKEL

Iżda hemm sfera oħra fejn l-influwenza Ottomana tinħass, dik tal-ikel. Belgrad għandu ħafna ħobż differenti. Xi ristoranti jħobbu jġibu fuq il-mejda ħobż li jqisu l-ftira tagħna. Fiha nnifisha din hi influwenza Ottomana u anke Biżantina. Fuq kollox jinġieb il-bżar aħdar ftit jaħraq. Dan l-ewwel jinxtewa u mbagħad jintefa' fil-ħall. Din it-tradizzjoni kienet anke tinsab f'ċerti postijiet ta' Spanja. Jinġieb ir-rafanel biex wieħed jieklu waqt l-ikel jew qabel l-ikel. Dan ma jfissirx li ma hemmx influwenzi oħra. Hemm ħafna laħam mixwi, kemm taċ-ċanga, tal-ħaruf u l-aktar tal-majjal. Waqt li l-mixwi hi tradizzjoni li nsibuha mal-Ottomani u anke qabilhom, il-majjal ma kienx annimal li se jittiekel mill-Musulmani. Fuq kollox, fl-ikel iħobbu ħafna laħam ikkapuljat u msajjar b'ħafna modi, minn zalzett sa pulpetti. Il-laħam hu fil-platt prinċipali ta' din il-lokalità.

Belgrad għadha pjuttost irħisa. Fuq kollox, wieħed mill-aktar kwartieri qodma ta' din il-belt, illum hu ċentru ta' ristoranti u divertiment. Biss f'dan il-kwartier, li jmur lura għal meta kien mimli żingari u għalhekk magħruf bħala l-kwartier tal-Bohemni, tiddomina l-mużika. Biss qatt f'ħajti ma rajt ristoranti b'orkestrina ta' ħames mużiċisti aktar minn waħda fihom, magħmula minn raġel idoqq il-kuntrabaxx, l-ieħor l-accordian, l-ieħor il-klarinett u ieħor il-vjolin. Orkestrini kollha jdoqqu jgħannu flimkien. Kakkofanija sabiħa ta' mużika.

L-istorja Ottomana turina li meta gvern jagħmel divjeti, mhux bilfors jirnexxu għax kif jgħid fil-Latin, *Fatta lex inventa fraus*, għamel il-liġi u oħloq mod kif tkissirha. Fl-Iżlam, l-alkoħol hu pprojbit b'mod reliġjuż. F'dan iż-żmien, is-sors prinċipali kien l-inbid. Mhux l-ewwel darba li xi Rais jew Bey Ottoman ipprova jrażżan dak li f'għajnejh kien jidher bħala abbuż billi jipprojbixxi l-produzzjoni tal-għeneb bil-ħsieb li l-abbuż jinqata' mill-għeruq. Din kienet tiġri ta' spiss fl-imperu Ottoman, għax anke fl-Afrika ta' Fuq kien hemm minn dawn id-divjeti. Ġara, li f'dawn in-naħat, din wasslet għal aktar produzzjoni ta' għajnbaqar biex jieħdu post l-għeneb. B'hekk minflok beda jsir alkoħol bl-għajnbaqar. Din il-produzzjoni kienet ġiet iġġustifikata billi kien jingħad li fil-Kuran il-produzzjoni tal-inbid kienet ipprojbita u mhux tal-brandy mill-għajnbaqar!! Dan it-tip ta' alkoħol tant sar popolari f'dawn iż-żoni, li llum hu wieħed mix-xorb tipiku tas-Serbja.

Tito kien l-aktar dittatur li kellu djar, vilel, palazzi, karozzi u jottijiet. Biss meta miet ma ħalla xejn lill-familja. Ħalla kollox lill-Istat. Meta membru tal-familja tiegħu pprovaw jagħmlu 'royalty' mill-immaġni tiegħu, tilfuha. Illum wara dan l-isfaxxament ta' dan il-pajjiż, hemm min iħares b'nostalġija lejn żmien Tito. Dak li laqgħatni kien li dan mhux biss ġej mis-Serbi imma anke minn oħrajn bħal Bosnijaċi u l-Kroati. L-immaġni tiegħu spiċċat qisha dik taċ-Che għal numru ta' persuni li darba pajjiżhom kien jagħmel parti mill-Yugoslavia. B'hekk meta tkun ħiereġ mill-ajruport tara anke vodka msemmiha għalih. Biss ma saritx fis-Serbja iżda fuq għandha 'made in America'. Anke l-Amerikani spiċċaw jammiraw lid-dittatur Tito!


STANGETZ

## Il-moħħ wara l-festival mużikali MUSIC+: nitkellmu mas-

# Surmast Joseph Debrincat

SIMON MERCIECA



**HU FATT MAGĦRUF LI L-GŻIRA TAT-TLIET GĦOLJIET KULMA JMUR QIEGĦDA SSIR IL-MEKKA TA' NUMRU SABIĦ TA' ATTIVITAJIET KULTURALI TA' ĊERTU LIVELL.**

Apparti l-opri liriċi li jiġu organizzati fiż-żewġ teatri tal-Belt Victoria, wieħed isib numru ta' festivals li jimlew mhux ħażin il-kalendarju kulturali ta' Għawdex. Dan jikkumplimenta sew mal-politika tal-Ministeru għal Għawdex li jagħmel minn Għawdex gżira kulturali.

Wieħed mill-festivals li qiegħed jiġi organizzat fil-gżira Għawdxija f'dawn il-jiem hu l-festival MUSIC+ li jiġi organizzat mill-Fundazzjoni Classique. Simon Mercieca tkellem dwar dan il-festival ma' Joseph Debrincat li barra li hu d-direttur artistiku tal-festival, hu wkoll surmast direttur b'żewġ degrees fil-mużika mill-Università ta' Malta, għalliem fil-Gozo Visual & Performing Arts School, maestro di cappella tal-Parroċċa ta' Santa Margerita Ta' Sannat, Għawdex, u assistent surmast tal-Banda Leone tar-Rabat Għawdex. Nafu wkoll li hu wieħed mill-ftit diretturi Għawdxin li qatt ġew mistiedna mill-Orkestra Filarmonika ta' Malta biex imexxu kunċerti fl-istaġun tagħha.

### Joseph, l-ewwelnett għidilna xi ħaġa dwar il-Fondazzjoni Classique li qiegħda torganizza l-festival MUSIC+.

Il-Fundazzjoni Classique hi organizzazzjoni volontarja li twaqqfet fis-sena 2000. L-iskop ta' din il-fondazzjoni kien u għadu li torganizza attivitajiet kulturali ta' ċertu livell u portata minn żmien għal żmien matul is-sena. Fil-fatt jirriżulta li din il-fondazzjoni kienet il-moħħ wara kunċerti mużikali kbar bħall-ewwel rappreżentazzjoni tal-opra Le Villi fil-gżejjer Maltin, Verdi in Concerto, Puccini 150 – Anniversary Concert, Grand Operatic Concert 2011, Grand Operatic Concert 2014 u diversi oħrajn. F'dawn il-kunċerti ħadu sehem bosta artisti barranin u anke lokali, l-Orkestra Filarmonika ta' Malta li lkoll kienu jkunu taħt id-direzzjoni tiegħi.



**« Nafu li s-sena l-oħra l-fondazzjoni li tagħha inti direttur artistiku u mużikali imbarkat fuq proġett ġdid. Xi tgħidilna dwaru?**

Hekk hu. Wara diversi snin norganizzaw kunċerti operistiċi kbar u oħrajn fuq skala iżgħar deħrilna li għandna nimbarkaw fuq proġett differenti. Fil-fatt, proprju s-sena l-oħra l-fondazzjoni ppreżentat l-ewwel edizzjoni tal-festival MUSIC+. Dan sar bejn Settembru u Novembru u fih ħadu sehem bosta artisti internazzjonali u oħrajn lokali. Barra minn kunċerti, ġew organizzati numru ta' masterclasses, taħditiet, workshops dwar l-opra għat-tfal tal-iskejjel primarji, u saħansitra konferenza dwar il-futur tal-opra fil-gżejjer Maltin. Nista ngħid b'wiċċi minn quddiem li l-attivitajiet kollha kellhom konkorrenza tajba u tajba ħafna meta tqis li din hija esperjenza pjuttost ġdida għall-fondazzjoni tagħna. U dan anke meta tqis li l-finanzi huma limitati u limitati sew.

**Din is-sena se tkunu qegħdin ittellgħu t-tieni edizzjoni ta' dan il-festival. Tista' jekk jogħġbok tagħtina ftit dettalji ta' kif se jkun imqassam u meta se jsir?**

Wara s-suċċess li kiseb MUSIC+, il-fondazzjoni ddeċidiet li tippreżenta t-tieni edizzjoni li din is-sena se ssir bejn is-27 ta' Settembru u l-1 ta' Novembru Din it-tieni edizzjoni se tinkludi kunċerti minn mużiċisti ta' fama internazzjonali u oħrajn lokali, masterclasses minn artisti ta' fama, taħditiet, workshops mis-serje Opera 4 Kids, u opra mit-tfal għat-tfal.

**Tgħidilna xi ħaġa dwar l-artisti li se jkunu qegħdin jipparteċipaw fil-kunċerti?**

Bħalma għamilna dejjem, il-fondazzjoni se tkun qiegħda tingaġġa artisti ta' fama internazzjonali, artisti Maltin/Għawdxin u anke artisti lokali żgħar. Fejn jidħlu artisti internazzjonali għandna l-unur li din is-sena se jkollna fostna tal-inqas żewġ artisti ta' livell għoli ħafna – artisti li taw kunċerti fl-aqwa bliet madwar id-dinja.

Qed nirreferi għall-vjolinista Anastasiya Petryshak (Ukrena) li flimkien mal-pjanista tagħha Lorenzo Meo (Taljan) fetħu din it-tieni edizzjoni ta' MUSIC+ nhar is-27 ta' Settembru; u l-klarinettista mondjali Corrado Giuffredi li flimkien mal-pjanista tiegħu Roberto Arosio se jagħtu kunċert nhar l-20 t'Ottubru.

Artista ta' ċertu livell oħra hi s-sopran Taljana Rossana Potenza li flimkien mal-pjanista tagħha Leonardo Quadrini tat kunċert nhar it-28 ta' Settembru. Potenza hi sopran versatili ħafna u kantat ma' diversi diretturi ċelebri u orkestri kbar bħall-BBC Symphony Orchestra. Iċ-ċellist Ungeriż Akos Kertesz, flimkien ma' Rita Kertesz fuq il-pjanu, huma l-artisti tal-kunċert li se jsir illum id-29 ta' Settembru. F'dan il-kunċert se tiġi esegwita l-famuża Elegy tal-kompożitur Għawdxi Joseph Vella (1942-2018).

Artist ieħor hu l-Ingliż Bredan Ball fuq il-kurunetta li se jagħti kunċert flimkien mal-pjanista Maltija Elaine Mercieca. F'dan il-kunċert se tindaqq għall-ewwel darba s-silta ta' Alan Cassar, bl-isem ta' Deconstructed Images. Dan se jsir fit-13 t'Ottubru.

Bħala artisti Maltin hu l-pjaċir tagħna li se jkollna lill-pjanista Joanne Camilleri li żgur ma għandha bżonn tal-ebda introduzzjoni. Camilleri se tagħti kunċert nhar id-19 ta' Ottubru. Ħsibna wkoll li nagħtu spazju lit-talent Għawdxi u bi pjaċir kbir stedinna lill-pjanista Daphne Delicata, li għalkemm għad għandha biss 13-il sena, diġà qiegħda tagħmel isem anke barra minn xtutna. Delicata se tagħti kunċert nhar is-27 ta' Ottubru.

Il-kunċerti kollha li għadni kemm semmejt se jsiru fis-sala tal-esibizzjonijiet tal-Ministeru għal Għawdex u jibdew fis-7.30 p.m. Id-dħul dejjem ikun b'xejn.

Il-festival jiġi fi tmiemu b'kunċert mill-kwartett tal-korda Taljan, Quartetto Mediterraneo. Dan il-kunċert se jsir nhar l-1 ta' Novembru fil-knisja ta' San Franġisk, Victoria.

Jidher li se jkun hemm numru ta' kunċerti varjati u li matulhom se jiġu esegwiti mużika ta' kompożituri Maltin. Xi ħaġa ta' min ifaħħarha għax nemmen li "charity begins at home".

**Naħseb taqbel miegħi, li nippreżentaw il-kunċerti hu tajjeb ħafna però dan mhux biżżejjed. Fl-opinjoni tiegħi wasal iż-żmien li apparti l-kunċerti nibdew naħsbu wkoll fl-aspett edukattiv. Naf li għandek għal qalbek ħafna dan l-aspett u bħala fondazzjoni ħsibtu f'dan ukoll. Xi tgħidilna?**

Eżattament. L-aspett edukattiv hu ħafna għal qalb il-Fondazzjoni Classique. Mingħajr edukazzjoni ma jista' qatt ikollna pajjiż kulturali. L-attivitajiet kulturali huma ħafna f'pajjiżna, però l-udjenzi, speċjalment fil-gżira Għawdxija, huma li huma. F'dan ir-rigward, MUSIC+ se jkun qed jippreżenta żewġ workshops mis-serje Opera 4 Kids - The Magic Flute: a performance workshop for Kids. Dawn se jsiru fit-2 ta' Ottubru fis-sala tal-esibizzjonijiet tal-Ministeru għal Għawdex. F'dawn il-workshops l-istudenti Għawdxin tal-Year 4 se jkollhom l-opportunità li jsiru jafu iżjed dwar din l-opra fantastika li tappella ħafna għat-tfal. Dawn se jitmexxew minn Lorraine Aquilina flimkien li s-sopran Francesca Aquilina, it-tenur Charles Vincenti, il-baritonu Louis A. Cassar u l-pjanista Tom Armitage se janimaw dawn il-workshops b'arji u dwetti minn din l-opra ta' Mozart. Fl-aħħar tal-workshops kull student li se jattendi se jiġi ppreżentat minn ktejjeb bil-kulur dwar din l-opra ppreparat minni stess.

Hu ta' sodisfazzjon kbir li għamilna stedina lill-iskejjel ta' Għawdex kollha u l-postijiet ittieħdu mal-ewwel jiem. Sfortunatament kellna saħansitra nirrifjutaw xi skejjel. Dan juri li hemm l-għatx għat-tagħlim u dan jimlieni b'kuraġġ ta' sur biex inkompli nedukaw. Is-sigriet tas-suċċess hi l-EDUKAZZJONI.

Barra minn hekk, se nkunu qegħdin nippreżentaw tliet masterclasses (klarinett, vjolin u pjanu) għall-istudenti Maltin u Għawdxin. Dawn se jitmexxew minn mużiċisti internazzjonali.

**Aktar kmieni semmejt xi taħditiet. Xi tgħidilna?**

Hekk hu. Huwa fatt magħruf li l-kultura operistika għandha post speċjali fost il-Maltin u l-Għawdxin. Kif jaf kulħadd aktar tard din is-sena ż-żewġ teatri se jkunu qed jippreżentaw l-opri Il Trovatore u La Boheme. Għalhekk ħsibna li l-4 ta' Ottubru fis-7.30 p.m. fiċ-Circolo Gozitano norganizzaw taħdita bl-isem 'From Il Trovatore to La Boheme'. Din se ssir minn Abraham Borg li hu espert fl-istorja operistika ta' pajjiżna. Din it-taħdita se tkun bl-Ingliż. a se tkun bl-Ingliż.

The Inquisitor's
Porcelain
IN 18$^{TH}$ CENTURY MALTA



Inquisitor's Palace, Birgu

Till **30th** December 2019

Heritage Malta



**Joseph, naf li għandek għal qalbek l-opra. Naf ukoll li mexxejt diversi kunċerti operistiċi u anke opra ta' Charles Camilleri fit-Teatru Manoel. Naf ukoll kemm inti rikonoxxenti lejn l-għalliema tiegħek li sawruk f'din l-arti mużikali meta kont tistudja fl-Università ta' Malta u kemm jista' jkun tara li tesegwixxi l-mużika tagħhom. Fil-fatt fl-edizzjoni ta' din is-sena għażilt li tesegwixxi l-opra għat-tfal BO-PEEP tal-kompożitur kompatrijott tiegħek, Joseph Vella li ħalliena madwar sena u nofs ilu. Għidilna ftit dwar dan.**

Personalment kull ġeneru ta' mużika serja jogħġobni, però jekk ikolli nagħżel forma li għandha post speċjali nagħżel l-opra. Hu wkoll minnu li jiena rikonoxxenti ħafna lejn kull għalliem li għallimni. Jien kelli x-xorti kbira li meta kont l-Università ta' Malta studjajt ma' żewġ ġganti mużikali tas-seklu għoxrin – Charles Camilleri u Joseph Vella. Żewġ kompożituri li minbarra li kienu għalliema tiegħi kienu wkoll ħbieb kbar. Illum it-tnejn li huma ma għadhomx magħna, però l-mużika li ħallewlna tibqa' għal dejjem. Grat immensament lejhom u lejn kull għalliem li b'xi mod seta' inkoraġġieni. Ma nixba' qatt nirringrazzjahom u l-uniku mezz li nista' npattilhom ta' dak kollu li għamlu miegħi hu billi nesegwixxi l-mużika tagħhom.

Iva, din is-sena ħriġna bl-idea li nagħmlu xi ħaġa oriġinali għall-aħħar. Mhux biss oriġinali iżda li tista' tqarreb aktar tfal lejn dik il-forma li tant inħobb, l-opra. L-opra ta' Joseph Vella BO-BEEP hija opra qasira mit-tfal għat-tfal. Naturalment il-mużika tagħha tappella anke għall-udjenza matura wkoll. Il-lirika, bl-Ingliż, hija ta' Renato Agius Muscat, Victor Mallia Milanes u l-kompożitur nnifsu.

Kif aċċennajt aktar kmieni, il-kantanti prinċipali huma tfal ta' bejn id-9 u l-11-il-sena. Se jieħdu sehem il-Gozo VPA School Dance Department (korjografija ta' Christabel Bajada) u l-SCJ Children's Choir (immexxi minn Marouska Attard). Id-direzzjoni artistika hi f'idejn Gordon John Grech filwaqt li d-direzzjoni mużikali se tkun f'idejja. Se jkun hemm orkestrina magħmula minn mużiċisti professjonali barranin u lokali. Is-set se jkun ta' Denis Mompalo.

L-opra hi pjuttost qasira (25 minuta) u għalhekk ħadna l-opportunità biex nistiednu żewġ atturi rinomati, Mario Scarborough u George Camilleri, biex fl-ewwel parti tas-serata jispjegaw lill-udjenza l-istorja tal-opra u anke jagħtu xi tagħrif dwar il-kompożitur. L-iscript ta' din il-parti hu ta' Silvana Sultana.

Din l-opra se tittella' nhar il-31 ta' Ottubru fit-Teatru Giovanni, ix-Xewkija. Se jsiru żewġ rappreżentazzjonijiet - waħda filgħodu għat-tfal tal-iskejjel Għawdxin u oħra fis-7.30 p.m. għall-pubbliku inġenerali. Inħeġġeġ lil kulħadd biex jattendi għal din l-attività unika. B'mod partikolari, inħeġġeġ lill-ġenituri li għandhom tfal ta' bejn id-9 u l-14-il sena biex jattendu, kemm huma kif ukoll uliedhom. Id-dħul se jkun b'xejn.

Għal aktar informazzjoni wieħed jista' jagħmel kuntatt magħna billi jibgħat imejl fuq: musicplusgozo@gmail.com jew fuq in-numru 7970 3288 / 9948 7341.

MUSIC+ huma possibbli grazzi għall-appoġġ tal-Ministeru għal Għawdex u visitgozo. Entitajiet oħra kienu strumentali wkoll biex l-attivitajiet kollha jistgħu jsiru mingħajr ħlas.

Edu-Kultura:




ANTOINETTE SCHEMBRI TITKELLEM DWAR ŻEWĠ KONFERENZI INTERNAZZJONALI FIL-QASAM TAL-EDUKAZZJONI LI HIJA KIENET PREŻENTI GĦALIHOM U LI SEĦĦEW F'DAWN IL-JIEM, WAĦDA ĠEWWA HAMBURG FIL-ĠERMANJA U L-OĦRA ĠEWWA MANCHESTER FL-INGILTERRA.




## IL-KONFERENZA ECER

Fl-ewwel ġimgħa ta' Settembru, eżattament bejn it-2 u s-6 ta' Settembru, kienet organizzata konferenza importanti fil-qasam tal-edukazzjoni f'Hamburg. Din kienet mifruxa fuq ħamest ijiem u hi magħrufa bħala ECER. Il-Kelma ECER tfisser European Conference for Educational Research. Din il-konferenza hi organizzata fuq bażi annwali mill-European Educational Research Association, jew kif inhi magħrufa aħjar EERA. Il-konferenza tkun organizzata f'universitajiet f'pajjiżi differenti. Din is-sena kien imiss li tkun organizzata fl-Università' ta' Hamburg. It-titlu ta' din il-konferenza kien "Education in an Era of Risk – the Role of Educational Research for the Future".

L-ewwel jumejn kienu ddedikati għall-preżentazzjonijiet ta' dawk li bħali qegħdin jagħmlu l-Ph.D jew il-Masters fil-qasam edukattiv. Barra minn hekk, kien hemm ħafna attivitajiet oħra għaddejjin, fosthom Writing Retreat, fejn il-parteċipanti kellhom iċ-ċans li jiktbu. Il-programm kien wieħed strutturat fejn ikun hemm siegħa kitba, imbagħad waqfien ta' 15-il minuta fejn dawk preżenti tkellmu dwar is-sitwazzjoni li waslu fiha fir-riċerka edukattiva.

Fost is-suġġetti trattati kien hemm dik tal-edukazzjoni alternattiva u kif din tirrelata vis a vis mal-edukazzjoni inklussiva. Preżentazzjoni tajba ħafna dwar dan il-qasam kienet riċerka mill-Andalusia fejn tliet universitajiet Spanjoli, għamlu studju biex jaraw għaliex hemm daqshekk student drop-out, jiġifieri, studenti li ma jkomplux l-iskola f'dan ir-reġjun. Il-konklużjoni kienet li school dropout hu proċess, u mhux xi ħaġa li tiġri ħesrem. Biss, l-istudju ma sab l-ebda soluzzjoni konkreta għal dan il-fenomenu li fl-Andalusia jlaħħaq mat-23 fil-mija.

Bħalissa fil-qasam edukattiv għaddej dibattitu qawwi dwar l-inklużjoni. Mhux kull pajjiż qed jaqbel dwar din il-politika. Stella Mouroutsou, mill-Università ta' Sterling, uriet kif l-inklużjoni qiegħda taħdem fl-Iskozja, kemm f'dokumenti ta' *policies* li nħarġu kif ukoll b'taħriġ tal-għalliema. Għamlet studju f'sitt iskejjel, tlieta urbani u tlieta rurali. Dawn huma skejjel sekondarji mainstream bħalma huma l-kulleġġi tagħna. Mill-intervisti li għamlet ħareġ ċar li l-għalliema qegħdin jagħtu importanza lir-relazzjonijiet mal-istudenti, li ma jkunux biss għalihom bħala numru imma bħala persuna. Stella qalet li l-fatt li jkun hemm relazzjoni, hu importanti ħafna, u semmiet studju li ġie ppubblikat minn Gillean McCluskey is-sena l-oħra. Kumbinazzjoni, Gillean McCluskey, mill-Università ta' Edinburgh inzertat kienet fil-kamra. Bħala assistenta kap ta' skola, nikkonferma kemm hu mportanti li ssir taf mill-qrib lill-istudenti. Dan biex ukoll jaraw l-iskola bħala t-tieni dar tagħhom fejn iqattgħu l-iktar parti tal-ħin tal-ġurnata, u fejn huma jagħmlu parti minn komunità ta' tagħlim li fiha huma jħossuhom siguri.

Gillean McCluskey, flimkien ma' Alice Tawell ukoll taw il-preżentazzjoni tagħhom. Din kienet dwar 'disruptive behaviour'. Huma ġabu eżempju tad-differenzi bejn l-Ingilterra u l-Iskozja, fejn fl-Ingilterra n-numru ta' exclusions hu bil-wisq ikbar. Anke d-dokumenti huma differenti. Dawk Ingliżi, jgħidulek x'poteri għandek, filwaqt li dawk Skoċċiżi jgħidulek x'għandek tagħmel. Huma semmeww li għandu jkun hemm 'restorative practices' biex tikkontrolla l-imġieba.

Tal-istess konvinzjoni kienet il-preżentazzjoni ta' Glenda McGregor u Martin Mills, li huma żewġ ġganti fil-qasam tal-edukazzjoni alternattiva. Għalkemm fl-istudju tagħhom ħareġ li l-iskejjel alternattivi qegħdin jagħmlu ħafna ġid, huma jibżgħu li l-maniġment tal-iskola qed jieħdu l-eħfef triq u jibgħat lill-istudenti fi skola alternattiva mal-ewwel intopp li jinqala'. Huma qalu li hu mportanti li l-iskola mainstream tinbidel ħalli taqdi lil dawn it-tip ta' studenti. Li ħadd ma qal hu x'jagħmel kap ta' skola meta jkun iffaċċjat minn studenti li għalxejn b'xejn u bi ksuħat u qżiez, ripetutament itellfu lil sħabhom u lill-għalliema fil-klassi? Għalkemm 'restorative practices' huma sbieħ, wieħed irid jammetti wkoll li mhux dejjem huma ta' suċċess. Studenti bħal dawn għandhom bżonn edukazzjoni alternattiva u mhux jibqgħu jtellfu lil sħabhom. Hawn nixtieq niġbed l-attenzjoni li b'edukazzjoni alternattiva mhux qed nifhem li dawn għandhom jintbagħtu fi skejjel tas-snajja' iżda fi skejjel fejn iħossuhom li qegħdin jilħqu l-aspirazzjonijiet tagħhom.

Lectures oħra li attendejt kienu mill-Fillandja u mill-Ġermanja. Minn studji li saru, ir-riċerkaturi kkonfermaw li l-inklużjoni fil-pajjiżi rispettivi tagħhom qiegħda tfalli. L-istudju tal-Finlandja sar fil-belt ta' Turku, fejn ġie nnotat il-fenomenu tas-segregazzjoni. Dan għaliex il-ġenituri, skont liġi mgħoddija fis-snin disgħin, ingħataw il-poter li jagħżlu l-iskola fejn jattendu wliedhom. B'hekk ulied dawk ġejjin mill-klassijiet medji, qegħdin jattendu ċerti skejjel, filwaqt li l-bqija jattendu dik li bl-Ingliż ngħidulha 'area school'. Il-preżentaturi ammettew, "that cracks are starting to show in the system".

Mill-banda l-oħra, l-istudju tal-Ġermanja kkonferma li n-nuqqas ta' inklużjoni qiegħda ssir min-naħa tal-għalliema, għax ma jridux li jkollhom tfal b'abbiltajiet differenti fil-klassi. Dan ħareġ mill-intervisti li għamlu r-riċerkaturi, fejn fihom ġie mtenni għal bosta drabi li ma jagħmilx sens li dawn l-istudenti jibqgħu ›






Mappa li turi minn fejn ġew il-parteċipanti tal-ECER

fil-klassi la mhux se jagħmlu l-istess eżami bħall-kumplament ta' shabhom. Dan qed iwassal għall-aktar tbatija għal dawn l-istudenti.

## IL-KONFERENZA TAL-BERA

Din il-konferenza seħħet bejn l-10 u t-12 ta' Settembru. Il-(B)ritish (E)ducational (R)esearch (A)ssociation, magħrufa bħala BERA, torganizza kull sena din il-konferenza f'postijiet differenti fl-Ingilterra. Ismijiet kbar fil-qasam tal-edukazzjoni ħadu sehem fil-konferenza ta' Manchester. Fost dawn kien hemm Pat Thomson, Andrew Pollard u Mary James. Dawn kollha taw keynote lecture. Il-Professur Pat Thomson fetħet il-konferenza b'diskors brillanti. Thomson hi Awstraljana, imma kif stqarret hi stess, ilha għal dawn l-aħħar 16-il sena taħdem fl-Università ta' Nottingham. Hi bdiet id-diskors tagħha billi tat ħarsa storika tas-soċjetà u kif din evolviet minn wara t-Tieni Gwerra Dinjija sa issa. Hi qabblet is-soċjetà ma' għalqa waqt li użat il-metafora tal-ħassieb Franċiż Bourdieu. Skont Bourdieu din hi għalqa li "dejjem qegħda tinbidel". Għalhekk hu importanti li nieħdu r-riċerka fil-kuntest storiku u politiku tagħha.

L-edukazzjoni hi riflessjoni tas-soċjetà. Għalhekk l-edukazzjoni wkoll dejjem tinbidel skont is-soċjetà. Għall-Professur Thomson, hu impossibbli li student/a wara tant snin fl-iskola joħorġu għad-dinja tax-xogħol mingħajr kwalifiċi. Ix-xogħol, kemm tal-idejn u anke tal-moħħ, huma t-tnejn importanti. Għalhekk hu importanti li s-soċjetà tieħu ħsieb sew lil dawk l-istudenti li jkunu se jintilfu.

Min-naħa l-oħra, Andrew Pollard u Mary James taw ħarsa twila lura lejn il-karrieri rispettivi tagħhom, u tkellmu fejn huma kellhom suċċess u fejn fallew. Semmew li għalkemm issa l-edukazzjoni tinsab f'era neo-liberali, dan ma jfissirx li kollox miexi ħarir. Ammettew kemm hu diffiċli li wieħed jagħmel ir-riċerka imma ma jkollux il-prattika. Il-fatt li dak li jkun ikun maqtugħ minn dak li qed jiġri ta' kuljum fl-iskejjel, jista' jirrendi r-riċerka barra minn lokha. Temmew il-lecture tagħhom billi inkoraġġew ir-riċerkaturi biex qatt ma jaqtgħu qalbhom. Meta jkollhom xi falliment, għandhom dejjem jitgħallmu minnu u jkomplu mexjin.

## EDUKAZZJONI INKLUSSIVA U S-SAĦĦA MENTALI

Waħda mill-preżentazzjonijiet li kien hemm f'din il-konferenza ta' Manchester kienet dwar l-edukazzjoni inklussiva. Fil-preżentazzjoni tagħha, Irene Garcia-Moya semmiet li għandu jkun hemm 'connectedness' bejn l-għalliema u l-istudenti. Fi studju li sar fi skejjel sekondarji fi Spanja, instab li l-istudenti jkunu jixtiequ li jagħmlu parti mill-organizzazzjoni tal-iskola. Biss b'connectedness' Garcia-Moya marret lil hinn minn hekk. Il-fatt li l-għalliema tkun taf lill-istudenti li għandha quddiemha b'isimhom joħloq 'connectedness'. L-istudenti jafu li hemm xi ħadd li qed




Konferenza Annwali tal-BERA 2019



Il-Professur Pat Thomson tindirizza l-konferenza tal-BERA

jieħu interess fihom. B'hekk l-istudenti jħossu li huma parti mill-iskola u jkollhom dak is-'sense of belonging'. Dan jgħin biex huma jagħtu iktar kas tal-ambjent u n-nies ta' madwarhom. Dan joħloq ambjent inklussiv, fejn it-tfal iġibu rispett lejn xulxin u lejn l-awtorità tal-iskola.

Fil-fatt, issa studenti bi bżonnijiet addizzjonali qegħdin jissejħu SEMH, (Social, Emotional, Mental Health). Dawn huma l-istudenti li għandhom bżonn l-aktar appoġġ. Għandhom bżonn min jifhimhom għax ġeneralment dawn ġejjin minn sfond familjari diffiċli.

Is-saħħa mentali kien suġġett popolari ħafna waqt din il-konferenza. Kien hemm ħafna ħsibijiet profondi u dibattiti dwar x'għandu jsir biex tiġi mwaqqfa din it-trend ta' persentaġġ kbir ta' studenti b'dawn il-problemi. Din id-diskussjoni saret fl-isfond tal-Green Paper li ġiet ippubblikata s-sena l-oħra fl-Ingilterra. Din il-Green Paper kienet ukoll suġġett ta' simpożju waqt din l-istess konferenza. Matul id-diskussjoni dwarha, dawk li tkellmu qalu li għalkemm din il-Green Paper hi sabiħa fl-approċċ li tieħu, ftit hemm sustanza fiha għax ma tatx soluzzjonijiet.

Uħud mill-kelliema taw xi soluzzjonijiet kif għandha tkun miġġielda din il-problema ta' saħħa mentali fl-iskejjel li dejjem qiegħda tikber. Huma tkellmu dwar dik li tissejjaħ a whole school approach. Biex l-iskejjel ikunu postijiet iktar ferħana, irid ikun hemm school culture pożittiva, u inklussiva, li taċċetta lil kulħadd u tħalli lil dak li jkun jimraħ u jikber. Fuq livell ta' riċerka personali, dan il-whole school approach joffri sfidi kbar fi skejjel kbar.

Il-kelliema taw importanza kbira għar-relazzjonijiet bejn l-istudenti u l-għalliema. Għandu jkun hemm rispett bejniethom u l-għalliema għandhom isiru jafu lill-istudent b'mod personali. Kif għidt aktar 'il fuq, l-istudenti jkunu aktar ferħana meta jkunu jafu li hemm xi ħadd li jafhom u għalhekk huma jindunaw li hemm min qed jieħu ħsiebhom u jixtiqilhom il-ġid.

Issemmiet ukoll ħafna s-saħħa mentali tal-għalliema. L-għalliema wkoll qegħdin ibatu mentalment u xi drabi jkunu wkoll ibbuljati mill-istudenti. Dan iwassal biex l-għalliema jħossuhom għajjenin f'din il-professjoni. Meta jkun hemm għalliem hekk, dan ma jkunx jista' jagħti l-aqwa prestazzjoni fil-klassi. Għalhekk l-istaff u anke l-SMT għandhom ikunu ta' sostenn għal dawn il-professjonisti li jkunu għaddejjin minn żmien diffiċli billi jagħtuhom kliem ta' kuraġġ, u jrawmu relazzjonijiet pożittivi bejn l-istaff tal-iskola u jaraw li jevitaw diskors dispreġġjattiv fuq kollegi li għaddejjin minn żmien ta' tbatija mentali.

## KONKLUŻJONI

Il-konklużjoni ta' dan is-simpożju kienet li għandu jkun hemm iktar tjubija fl-iskejjel, l-għalliema għandhom jieħdu ħsieb iktar ta' xulxin, u jibnu aktar fiduċja f'xulxin. Għandhom juru aktar kompassjoni lejn xulxin.

# Il-Wiċċ l-Ieħor

## l-aħħar Rumanz ta' Ġorġ Peresso

SERGIO GRECH




**FIL-FEHMA TIEGĦI, DAN L-AĦĦAR RUMANZ TA' ĠORG PERESSO, "IL-WIĊĊ L-IEĦOR", HU WIEĦED MILL-AQWA RUMANZI, JEKK MHUX L-AQWA, TA' DAWN L-AĦĦAR GĦAXAR SNIN.**

Hi x'inhi l-fehma ta' min jaqrah, ladarba tispiċċa taqrah ma tistax ħlief tesklama, "sabiħ!" Kif tieqaf taqra, tibqa' tgħum f'burdata ta' poeżija. Sensazzjoni sabiħa.

Illum, l-awtur ta' dan il-ktieb hu fi triqtu lejn it-80 sena, biss f'dan ir-rumanz jinħass bħala awtur frisk, kważi ġdid u espert biex jilgħab bil-kelma. Il-kelma s-sabiħa qatt imniġġsa għax il-lingwa f'idejn artist tinħadem b'rispett. U Ġorġ Peresso għandu kull rispett lejn l-ilsien u jużah biex juri ġmielu.

Wieħed irid iżomm f'moħħu li Peresso qatta' għomru u żmienu fix-xandir u fil-kitba letterarja. Min jaf kemm qarrejja jiftakruh jaqra l-kitba tiegħu stess. Min jaf kemm esejs, novelli, skripts, radju drammi u ġeneri oħrajn kiteb għar-radju.

Dan l-aħħar snin, Ġorġ Peresso żamm appuntament mas-semmiegħa tiegħu fuq Campus FM bil-programm "Meta l-Moħħ isir Palk", fejn ġimgħa wara ġimgħa, għal numru ta' xhur offra u għadu joffri dramm għal żewġ ilħna, bejnu u bejn Celaine Buhagiar, li



inċidentalment hi żeffiena ta' kalibru.

Ir-rumanz "Il-Wiċċ l-Ieħor" kellu l-ewwel twelid b'dan il-mod. Fil-fatt dan ir-rumanz beda bħala radju dramm bi tliet episodji għal żewġ ilħna. Dawn l-esperimenti ta' Buhagiar/Peresso mlew vojt importanti meta tqis kif miet ir-radju dramm Malti matul is-snin minn fuq l-aġenda nazzjonali.

Konsiderazzjonijiet finanzjarji qatlu dan il-mezz u l-investiment mexa lejn drama televiżiva li tixbah soap opera aktarx fqira b'ħafna atturi dubjużi.

Fl-epoka tal-lum tista' tgħid li għandek il-funeral tar-radju, il-mewt tar-radju intelliġenti u t-trijonf tal-hit parade.

Il-Wiċċ l-Ieħor jista' jitqies bħala ċelebrazzjoni tal-kliem, u tad-diskors metaforiku. Għażla riskjuża f'dinja li hi mibnija fuq l-abbuż tal-kelma. F'dinja li tuża l-kelma biex ixxewwex u ssawwat. F'dinja li tuża l-kelma biex telimina t-tajjeb. Deċennju mgħajjeb, mibni fuq il-fake news u b'politiċi-diżappunt. F'dinja li kelma ssir b'tifsira fake.

Peresso jtella' fil-wiċċ temi pjuttost qodma. Imma li jgħaġġbek hu kif fuq temi antiki jirnexxielu jagħti lwien, sfumaturi u interpretazzjonijiet ġodda. Il-figura femminili tibqa' l-metafora ossessiva tal-awtur.

## RAJNIHA F'RUMANZI OĦRAJN

Din id-darba l-palk idur mal-femme fatale li tissimbolizza r-rifjut tal-imħabba. Xena xejn ġdida. Xena komuni. Xena li ma fiha l-ebda novità.

Imma Peresso jibdel il-komuni f'sitwazzjonijiet mhux komuni. Fi djalogu ġdid; li kważi jaqtagħlek nifsek speċjalment meta hi tissikah għax ma tridx tikkonsidra li tħobbu.

Dan hu rumanz ta' ċerta intellettwalità. Kontribut qawwi għal dak li Charles Briffa sejjaħlu "r-rumanz kulturali."

Dan ir-rumanz idur madwar kritiku tal-arti ffissat fix-xogħol tal-pittur Gustav Klimt u l-kompożitur kbir Mahler. Ħajtu ddur madwarhom u b'xi mod issir tixbahom. Jew aħjar jibda jgħix ħajjithom f'ħajtu.

Il-kritiku jgħix ħajja pjuttost solitarja imma donnu kuntent. Kollox jiżgarra meta jiltaqa' ma' mara li ssir ossessjoni. Il-mara iżda tiċħdu fuq bażi forsi stamba – għax wiċċu ma kienx jirradja reazzjonijiet differenti imma kien pjutost wiċċ statiku.

Sinjal għaliha li hu kien fjura niexfa (enfasi tiegħi).

Probabbli nafu iktar dwar ir-raġel milli

VCA
VALLETTA CULTURAL AGENCY

FESTIVALS MALTA




## **Plan ahead** for Notte Bianca

Choose your **route:**

- Red
- Dance
- Kids
- Installations
- Theatre
- Classic
- Music

NOTTE BIANCA

# Sat **5 Oct**

**07:00pm** *till late*
**Valletta**

An interactive map to help you **plan ahead**
festivals.mt/nottebianca

**#nb19**

MAPFRE MSV Life · MILÙ · Eden Leisure Group · Heritage Malta · Kinnie · Arts Council Malta

« fuq il-mara li ħabb. Kien iqum filgħodu kmieni, jaħsel wiċċu, jisma' lil Mahler u jikkorda kafè b'saħħtu u jibda jaħdem u jistudja u jikteb. Hi mil-lat l-ieħor kienet iktar frivola, tħobb tbiddel kulur xagħarha u fi kliemha stess tħobb il-lussu u s-sbuħija.

Tant ħalliet impatt fuqu li ħawditlu r-ritmu tal-irqad. Għalih kienet il-Flora u l-Medusa tal-mitoloġija. Iż-żwieġ tagħha ma' raġel fin-negozju imma b'wiċċ ħaj iktar minn tiegħu jaqta' kull kuntatt magħha possibbli imma l-mewt tan-negozjant terġa' tixgħel il-fjamma u t-tqanqil.

Inkun inġust jekk niżvela iktar minn hekk.

L-istorja hi rrakkuntata min-narratur imma hemm waqtiet fejn il-kritiku jieħu r-riedni f'idejh u jgħid tiegħu wkoll.

Ma nafx dan hux rumanz għal udjenza wiesgħa. Ma nafx jintgħoġobx iktar min-nisa jew l-irġiel.

Imma hu rumanz li jħallik imwaħħal hemm taqrah. Anke taqrah f'darba. Is-sabiħ li kieku waqt li qed taqra tmur fuq Youtube u ttella' s-siltiet mużikali li Peresso jsemmi. U tmur fil-Google Images u tfittex il-kwadri kkwotati.

L-unika oġġezzjoni li għandi hi li fit-titli tal-kapitli ntużaw il-fullstops.

Dan imma ma jwaqqax il-ġmiel ta' dan ir-rumanz – wieħed mill-aqwa ta' dawn l-aħħar għaxar snin.






# Malta fil-folklor tad-dinja Għarbija

NADIA LANZON

**INKITEB U NTQAL ĦAFNA DWAR L-INFLUWENZA TAL-ILSIEN U L-KULTURA GĦARBIJA FUQ DIK MALTIJA.**

Imma ftit li xejn smajna dwar l-influwenza li seta' kellha Malta fuq il-kultura Għarbija. Naturalment, hawnhekk forsi wieħed jistagħġeb u jistaqsi bejnu u bejn ruħu kif qatt Malta, pajjiż daqstant żgħir, seta' qatt kellha xi tip ta' impatt fuq il-kultura tad-dinja Għarbija, fejn għandek 22 pajjiż imferrxa fuq medda ta' żewġ kontinenti, jiġifieri l-Afrika u l-Asja. Imma tal-għaġeb u l-iskantament, Malta tagħmel parti mill-folkor Għarbi hekk kif se nuri f'dan l-artiklu.

Se nibda nirrakkonta kif skoprejt kif l-isem tal-gżira żgħira tagħna jissemma fil-pajjiżi Għarab tal-Lvant Nofsani, fosthom is-Sirja, il-Libanu, il-Ġordan. Kont f'ħanut tas-souvenirs f'Amman, fejn sid il-ħanut kien saqsieni minn fejn kont, u jiena kont weġibtu minn Malta. Wara din it-tweġiba ma kellimnix iktar. Wara ftit ħin saqsejtu dwar xi prezzijiet, u wara li weġibni, reġa' staqsieni minn fejn jien. Hawnhekk jiena ħsibt li ma kienx jaf fejn tinsab Malta u għaldaqstant erġajt weġibtu li jiena kont minn Malta u saqsejtu jekk jafx fejn kienet. Wara li weġibni li le, staqsieni jekk jiena verament kontx minn Malta u kompla jgħidli li meta jiena kont weġibtu li kont minn Malta, kien ħaseb li jiena ma ridtx kliem miegħu.

Mistagħġba, staqsejtu għaliex kien ħaseb hekk. Hu weġibni li ġewwa l-Ġordan, meta xi ħadd isaqsi lil persuna fejn kien sejjer u dan ma jkunx irid jgħid, jirrispondi li kien sejjer Malta u li biha jrid ifisser li ma kienx affarieh ikun jaf fejn sejjer. Jiena hawnhekk bejn emmintu u ma emmintux.

Iżda sentejn wara għaddejt minn esperjenza oħra fejn indunajt kemm kien minnu dan il-kliem. Kont qiegħda nimxi l-mixja ta' filgħodu f'Beirut, il-belt kapitali tal-Libanu, fejn kien għaddej raġel jiġri. Dan mid-dehra kellu aptit jittanta lix-xemx għaddejja għax kif għadda biswit tiegħi waqaf ftit u staqsieni jekk kontx qiegħda nagħmel l-eżerċizzju ta' filgħodu. Min-naħa tiegħi, jien ma tantx kelli aptit kliem u weġibtu u fil-qasir li iva. Dan kompla miexi biswit tiegħi, fejn hawn staqsieni minn fejn kont u jien weġibtu minn Malta. Hawnhekk, dan donnu ssomma u nġibed lura, imbagħad skuża ruħu bħal wieħed miksur u baqa' sejjer fi triqtu.

Iċċassata, jiena saqsejt lili nnifsi xi stajt kont għedt jien biex ġegħeltu jirreaġixxi hekk. U kien dak il-ħin li ndunajt x'kien ġara! Kien proprju meta għedltu li jiena minn Malta li kien qisu ħa għalih u baqa' sejjer għal għonq it-triq, għax kien ħaseb li kont bgħattu jixxejjer għand ix-xjafek! (kif fil-fatt kont xtaqt nagħmel!!!)

tal-ewwel nofs tas-seklu tmintax. Barra minn hekk, ta' min isemmi persunaġġ importanti fl-istorja Għarbija u fil-qawmien tan-nazzjonaliżmu Għarbi li huwa Sa'ad Zaghlul li dan kien oppona l-okkupazzjoni Ingliża ta' pajjiżu l-Eġittu, fejn dan allura kien ġie eżiljat lejn Malta għal perjodu ta' żmien fis-sena 1919.

U fuq togħma daqsxejn differenti, inċident li kompla jikkonfermali dan kollu, seħħ meta darba nzertajt kont qed insegwi teledramm Sirjan fuq stazzjon Għarbi bl-isem "Al Dajqa al Da'iqa", ċioe "Il-Villaġġ ta' wara l-Muntanji" fejn fil-bidu tas-serje deher it-titlu tiegħu li kien jismu "Ila Malta" u jiġifieri "Lejn Malta". Tistgħu tobsru l-iskantament tiegħi fejn bqajt insegwi t-teledramm biex naqta' l-kurżità. Infatti l-istorja kienet tittratta dwar raġel minn raħal fittizju fis-Sirja, li kien ġie arrestat u kien se jiġi eżiljat.

> *"...kienet għiritna Malta li fit-tajjeb u fil-ħażin, baqgħet fil-memorja kollettiva tal-popli tad-dinja Għarbija."*

U tgħidx kemm kont ħadt pjaċir meta b'kumbinazzjoni sibt artiklu qsajjar ta' Ġużè Cassar Pullicino bit-titlu "Għidut fuq Malta fil-Lebanon" li kien ġie ppubblikat fl-4 ta' Frar 1951 fejn isemmi tliet stejjer qosra ta' kif l-isem ta' Malta kien jissemma biex ifisser post 'il bogħod ħafna fejn ħadd ma jaf fejn jinsab. U dan minħabba l-fatt li darba minnhom prinċep Lebaniż bl-isem Emir Bashir al Shehab kien ħaqqaqa mal-awtoritajiet Ottomani, li dak iż-żmien il-Libanu kienet taqa' taħt l-imperu Ottoman fejn dan kien ħarab lejn Malta ma' familtu biex isalva ġildu. U jidher li l-Emir Bashir Shehab kien mar joqgħod fil-palazz ta' San Anton mal-familja tiegħu, fuq stedina tal-Gran Mastru Malti fejn kien dam madwar sena. Dan kien għall-aħħar

Il-qraba u l-ġirien ħasbu li kien se jintbagħat Ċipru li tinsab ferm qrib ix-xtajta tas-Sirja. Iżda dawn ħadu qatgħa liema bħalha meta saru jafu li dan kien se jintbagħat lejn Malta, post li ħadd ma kien jaf fejn jinsab u li għalihom kien qisu l-aħħar tad-dinja.

Għal dawk li forsi jixtiequ jsegwu din is-silta dwar Malta jistgħu jżuru dan il-link https://www.youtube.com/watch?v=vhl0iRHU9UM. Ovvjament il-programm huwa bl-Għarbi! Però, l-isem ta' Malta se jinstema' jintqal ħafna drabi!

Għal xi ħaġa iktar serja issa. Qatt kontu tobsru li minn fost il-qwiel Għarab hemm żewġt iqwiel li jitkellmu speċifikament fuq Malta?! U t-tnejn li huma jagħmlu referenza għall-istorja ta' Malta. L-ewwel qawl huwa 'Ba'd ħarab

TEATRU MALTA

ŻiguŻajg

direzzjoni ta' **SEAN BUHAGIAR**
traduzzjoni ta' **WAYNE FLASK**

# LARIĠA MEKKANIKA

**A CLOCKWORK ORANGE** ta' **ANTHONY BURGESS**

21, 22, 23, 24 TA' NOVEMBRU — VALLETTA CAMPUS THEATRE
biljetti minn www.ziguzajg.org



14+

LESA

ARTS COUNCIL MALTA

# Beirut



Malta" (بعد خراب مالطا) li jfisser "Wara l-ħerba ta' Malta". Għall-bidu kont naħseb li din setgħet kienet referenza għal meta l-Għarab rebħu Malta fl-870 u ħallewha ħerba. Il-kittieb Għarbi AlHimyari użaha din il-kelma. Iżda, is-sorsi kollha Għarab li sibt u ltqajt magħhom, kollha jirreferu u jassoċjaw din il-ħerba mal-ħsarat li għamlu l-Franċiżi. Fi kliem ieħor din hija referenza għal perjodu ta' bejn 1798 – 1800, meta Napuljun Bonaparte u s-suldati Repubblikani l-Franċiżi tiegħu ħakmu lil Malta u li matulhom Malta u l-knejjes tagħha kienu ġew misruqa minn ġidha kollu. Dan il-qawl jintuża biex ifisser li issa kien sar tard wisq biex tissolva s-sitwazzjoni jew kif jgħidu l-Ingliżi "Now it's too late". Ta' min jinnota wkoll li dan il-qawl hu iktar użat fil-pajjiżi Għarab tal-Afrika ta' Fuq milli fil-Lvant Nofsani fejn dawn għandhom qawl simili, fejn però minflok Malta tissemma l-belt tal-Basra, fl-Iraq li dak iż-żmien kienet belt kulturali importanti fl-Imperu Musulman tal-Abbasidi li kien ibbażat fl-Iraq. Dan seħħ fil-833 WK fejn il-popolazzjoni sewda kienu għamlu rewwixta kontra l-Kalifat, fejn dawn kienu ġew megħluba wara ġlied qalil u fejn il-Basra kienet ġiet misruqa u mħarrba.

Qawl ieħor interessanti hu "Ka man ju'addinu fi Malta" (كمن يؤذن في مالطا) li jfisser qisek qed tgħajjat għat-talb f'Malta. Il-Muezzin hu dak il-persuna li minn fuq il-minaret tal-Moskea jsejjaħ lill-Musulmani għat-talb ħames darbiet kuljum. Bħala tifsira għal dan il-qawl nistgħu nużaw il-qawl Malti "qisek qed tagħżaq fl-ilma". F'dan il-qawl hemm referenza ċara għaż-żmien meta Malta kienet parti mid-dinja Għarbija Musulmana fejn il-poplu tal-gżira kien Musulman u kienu jmorru għat talb ta' kuljum fil-moskej. Ta' min wieħed jagħmel referenza per eżempju li fl-Imdina hemm triq bl-isem Triq il-Mesquita, fejn Mesquita bl-Ispanjol tfisser Moskea u għalhekk wieħed jassumi li fl-antik f'dik it-triq kien hemm moskea. Naturalment wara li kienu tkeċċew il-Musulmani minn Malta, fejn hu maħsub ukoll li numru konsiderevoli tal-poplu tal-Gżira kien hemm min għażel li jbiddel twemminu għar-reliġjon Nisranija biex jevita li jitkeċċa minn art twelidu, ir-reliġjon Musulmana ma baqgħetx tiġi prattikata. U din hi r-raġuni għalxiex l-Għarab jużaw dan l-għajdut ferm popolari meta jkunu qed jitkellmu fuq kawża mitlufa fejn jgħajjat kemm jgħajjat il-Mueżżin f'Malta, ħadd mill-Maltin ma kien se jagħti widen għall-għajjat tiegħu biex imorru jitolbu bħalma kienu jagħmlu xi darba fl-imgħoddi ferm antik!

Hi ħasra kbira li f'dawn it-tliet eżempji li tajna (u li jien naf bihom) l-isem ta' Malta ma tantx jinstema' fit-tajjeb wisq. Però, fil-pajjiż tat-Tuneżija, Malta jidher li għandha tifkira sabiħa fil-memorja kollettiva tal-pajjiż. Wisq probabbli li se ngħid jafuh bosta Maltin għax naf li ħafna Maltin żaru dan il-pajjiż Għarbi ġar ferm sabiħ. U ninsab ċerta li ħafna minnhom semgħu dawn l-erba' taqbiliet li jlissnu t-Tuneżini meta jsiru jafu li aħna Maltin u li huwa kif ġej "Malta ħanina ħobża u sardina". U hemm min iħawwarha ftit u jżid "u whisky". Għaldaqstant jidher li bejn Malta u t-Tuneżija hemm xi tip ta' rbit iktar strett u pożittiv milli ma' pajjiżi Għarab oħra.

Però, dak li hu żgur hu li avolja Malta hi gżira żgħira li xi darba kienet tifforma parti mill-Imperu Musulman fi żmien il-Medjuevu, flimkien ma' Spanja, il-Portugall, u l-gżejjer fil-Mediterran fosthom Sqallija, Kreta u Ċipru, minn fost dawn l-artijiet kollha, kienet gżiritna Malta li fit-tajjeb u fil-ħażin, baqgħet fil-memorja kollettiva tal-popli tad-dinja Għarbija.

# L-Artist Iperrealista Malti

# Andrew Micallef

SIMON MERCIECA





**IL-MAGAŻIN KULTURA LTAQA' MAL-ARTIST PROFESSJONISTA ANDREW MICALLEF FL-ISTUDJO TIEGĦU L-GĦARGĦUR.**

Bħalissa Andrew qed iħejji għal wirja monografika li se jkun qed itella' f'Għawdex f'Novembru li ġej. Miegħu l-editur tal-Magażin Kultura tkellem dwar ħajtu, il-karriera tiegħu ta' artist u x'għandu maħżun għall-futur.

## HYPERREALISM

Għal ħafna, il-kliem bl-Ingliż *hyperreality* jew *hyperrealism* huma kliem ġdid fil-kuntest artistiku Malti. Andrew Micallef hu l-esponent prinċipali f'pajjiżna ta' dan il-moviment artistiku iperrealista. Taħt dan il-ġeneru ta' arti taqa' kemm il-pittura u anke l-iskultura. Illum dan l-artist jgħix minn produzzjoni ta' pitturi li jaqgħu taħt din il-kategorija.

Forsi il-qarrejja ta' dan il-magażin jistaqsu x'inhu *hyperreality* jew *hyperrealism*? Kull minn studja l-arti jew il-letteratua sema' u qara dwar il-moviment realista tas-seklu dsatax. Fi Franza fil-letteratura dan kien iddominat minn Emilie Zola. Fl-Italja kien hemm Verga u fl-Ingilterra Charles Dickens. Wara l-gwerra kellna l-moviment Neo-Realistiku. Fiċ-ċinema kellna reġistri kbar, fosthom Pier Paolo Pasolini bħala esponenti ta' dan il-moviment.

Kien ġewwa l-Amerika fejn żviluppa dan il-moviment, kontinwazzjoni ta' din it-tradizzjoni twila. Dan il-moviment hu ispirat mir-realtà bħal dawk kollha ta' qablu. Biss ir-realtà li hu ispirat minnha hi ispirata mill-fotografija. In fatti, it-terminu *hyperrealism* ġie jfisser bħala tip ta' ġeneru artistiku, kemm pittura jew skultura, fejn l-artist joħloq immaġni li tixbaħ ritratt ta' riżoluzzjoni għolja jew *high-resolution photograph*. B'hekk il-*hyperrealism* hu kkonsidrat bħala avvanz fuq dak li kien jissejjaħ bħala *photorealism*. *Photorealism* telaq mill-kunċett ta' neorealiżmu.

*Photorealism* hi teknika fejn artist, kemm pittur jew skultur, jipprova joħloq xogħol minn fuq ritratt.

## IL CANALETTO MALTI

Meta wieħed iħares lejn ix-xogħlijiet ta' Andrew Micallef jiġih f'moħħu numru ta' artisti li matul is-sekli pprovdew pitturi li juru l-paesaġġ jew veduti ta' Malta. L-artist per eċċelenza ta' din it-teknika kien il-Venezjan Antonio Da Canal. Da Canal tana veduti sbieħ ta' Venezja tas-seklu tmintax, tant li nistgħu ngħidu li introduċa dan il-ġeneru ġdid f'arti. Artisti bħal da Canal kienu jissejħu vedutisti, jiġifieri pitturi li qed jagħmlu l-veduti. Minn Antonio da Canal 'il quddiem, l-ewwel is-sinjuri u mbagħad ħafna familji ta' klassi medja pprovaw ikollhom dik il-veduta fis-salott jew dar tagħhom. Illum din għadha xewqa ta' ħafna għax il-veduti jew xeni għadek issibhom fil-living room ta' ħafna djar Maltin. F'Malta kien hemm numru ta' artisti li ħadmu f'din it-teknika bħalma kien Pullicino jew il-pittur Taljan Geralomo Gianni. Micallef huma l-esponent prinċipali ta' dan il-ġeneru ta' arti llum f'pajjiżna. Jekk wieħed





iħares lejn il-kwadri tiegħu, meta jiġi biex jagħmel veduta, wieħed jinduna li mhux qed jimita la lil Gianni, la lil Pullicino jew li Canaletto. L-arti tiegħu tieqaf waħidha u tidħol f'din id-dinja ġdida artistika. Biss ma niddejjaqx insejjaħ lil Andrew Micallef bħala l-Canaletto Malti. Bħal Canaletto, ix-xogħlijiet tiegħu jinsabu primarjament f'kollezzjonijiet privati.

## XENI TAL-PAJSAĠĠ U N-NATURA

Biss Micallef ma jpittirx biss veduti ta' Malta. L-aktar li jħobb ipitter huma pitturi tan-natura, b'mod speċjali l-għasafar. Għalih l-għasafar huma ta' ispirazzjoni kbira. Għal madwar 28 sena għex Ħaż-Żebbuġ. Illum joqgħod il-Għargħur fejn għandu l-istudjo mad-dar tiegħu. Hu missier ta' żewġt itfal bniet. Bħal ħafna mill-artisti, hu persuna ta' ftit kliem, kważi ta' bniedem waħdu. Din l-imħabba biex ipitter l-għasafar fl-istat u pajsaġġ tagħhom bdiet minħabba li missieru kien kaċċatur u bħall-kaċċaturi kellu wkoll l-għasafar ibbalzmati. Minn hawn beda josserva b'mod aktar mill-qrib l-għasafar. Meta kellimni dwar dan is-suġġett ftakart fil-perit Spanjol Santiago Calatrava. Hu perit li jispira ruħu min-natura u l-istrutturi tal-annimali meta jiġi biex jagħmel id-disinni arkitettoniċi tiegħu. Micallef jispira ruħu mill-għasafar, iżda llum jarahom fin-natural u jpinġihom.

Din il-passjoni li għandu lejn in-natura għadha miegħu sal-lum tant li bħalissa qed jaħdem fuq proġett għall-pjaċir tiegħu stess, xi ħaġa li għadha qatt ma saret f'Malta s'issa fil-qasam tal-arti ornitoloġika. Qed ipitter l-ispeċi kollha tal-għasafar magħrufa u li kienu f'Malta mis-seklu 19 'l hawn. Qed ipittirhom individwalment, familja familja, uħud komuni, skarsi u dawk rari. Din il-biċċa xogħol hi ħolma li Micallef kien ilu jaħseb fuqha u li qed jagħmilha. Biss din qed jagħmilha għall-amur proprju tagħha. Dan il-proġett ilu li bdieh mill-2016, u s'issa lesta madwar 100 għasfur. Hemm b'kollox madwar 380, imma dawn jistgħu jiżdiedu għax minn passa għal oħra dejjem ikun hemm xi għasafar ġodda ta' speċi rari. Micallef jikkalkula li dan il-proġett baqagħlu madwar erba' jew ħames snin oħra biex ilestieh.

## IL-KARRIERA TA' ANDREW MICALLEF

Micallef beda l-karriera artistika tiegħu bħalha *graphic designer* mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Kien jaħdem f'Robert Sammut Hall. Ħafna snin ilu kien ħa d-deċiżjoni li jitlaq minn mal-Gvern u jiftaħ għal rasu. Hu wieħed mill-artisti li jgħix biss mill-pittura. Ma ddejjaqx jgħidli, "Din kienet l-aħjar deċiżjoni li ħadt f'ħajti". Il-fatt li bħala professjonist kien *graphic designer* għenu jagħmel dan il-pass. Biss Micallef mar lil hinn, fis-sens li normalment *graphic designers* isiru *photo artists* u jipproduċu





*photorealism*. Kif diġà spjegajt, ix-xogħlijiet tiegħu jmorru lil hinn minn hekk u jidħlu fid-dinja ġdida tal-*hyperrealism*. Waqt li jpingi l-figurattiv, ma għandux jew aħjar ma jagħmilx portraits. Bl-aktar mod affermattiv qalli li hu ma jpinġix portraits. Illum għandu ħamsin sena. Iħares b'sodisfazzjon lejn dak li rnexxielu jagħmel iżda wkoll il-maturità li akkwista twasslu biex jifhem aħjar l-isfidi li hu se jkollu fil-futur.

Dak li laqatni lili bħala storiku hu l-fatt li dan l-artist ma għandux pitturi fil-knejjes. Mhux qed ngħid dan bħala xi nuqqas. Lanqas xejn. Din l-osservazzjoni tiegħi ġejja mill-fatt li storikament, l-artisti kbar kont issib ix-xogħljiet tagħhom fil-knejjes. Dan illum ma għadux il-fatt. Ma jfissirx li ma hawnx kbar. Ifisser li x'imkien, xi ħaġa marret ħażin fl-knejjes tagħna.

## IL-KAŻIN SANTA MARIJA JAKKWISTA PITTURA TIEGĦU

Iżda jekk il-knisja bħala istituzzjoni pubblika maqbuda f'idjoma artistika konservattiva, dan ma jfissirx li ma hawnx strutturi fis-soċjetà tagħna, li huma pubbliċi u huma lesti li jħaddnu movimenti ġodda fl-arti. Prova ta' dan issibha fil-Każin tal-Banda Santa Marija tal-Qrendi. Din is-soċjetà ġiet mogħtija kwadru minn Nicola u Michelina Farrugia. Dan il-kwadru juri x-xena tal-knisja tal-Qrendi bil-pjazza quddiemha. Hu verament xogħol tajjeb. Meta tħares lejh mill-ewwel jiġi f'moħħok id-digital print. Biss dan mhux print. Din hi pittura.

Ġie mogħti lill-Każin minn donatur li ismu hu mniżżel fil-kwadru. Min ta din l-għotja japprezza l-arti. Qed ngħid dan biex nuri li ċertu apprezzament kulturali jeżisti f'dawk l-aspetti jew assoċjazzjoni li huma marbutin mat-tradizzjoni kulturali u reliġjuża ta' pajjiżna. Hu vera li wara din l-għotja kien hemm apprezzament, tant li anki l-frame ta' dan il-kwadru mhux wieħed kummerċjali iżda nħadem apposta għalih. Hu miksi bil-folji rqaq taż-żebbuġ. Żgur li meta tarah wieħed jinduna mill-ewwel fl-epoka li fih sar, jiġifieri fl-ewwel deċenji tas-seklu wieħed u għoxrin. Hu xogħol verament tajjeb u juru d-dinamiżmu li jeżistu fis-soċjetà tagħna.

## WIRJA F'GĦAWDEX

Bħalissa Micallef qed jaħdem fuq l-esibizzjoni li jmiss li se tkun qiegħda tiġi mtella' fil-Banca Giuratale f'Għawdex f'Novembru li ġej. Min jixtieq jara aktar dwar ix-xogħol u din it-teknika ta' hyperrealism, nistiednu jmur jara din il-wirja. Din il-wirja se tiftaħ il-Ġimgħa 1 ta' Novembru 2019 u tagħlaq nhar l-24 tal-istess xahar.

Biss jekk wieħed jaħseb li issa jista' jixtri xi kwadru minn din l-esibizzjoni jista' jkun ftit diżappuntat. Micallef hu wieħed minn dawk l-artisti li jkun diġà biegħ il-kwadri li jkun qed jesibixxi qabel ma jkun qegħedhom għall-wirji!

# 'Artour-O Il Must'

## għal Malta f'Novembru



LORRAINE LEWIS

## LORRAINE LEWIS TINTERVISTA LILL-PERSUNA LI ĦOLQOT DAN IL-PROĠETT, L-ARKITETTA TIZIANA LEOPIZZI



F'din l-intervista nitkellmu mal-persuna wara l-proġett, "Artour-o il Must" biex tispjegalna direttament fiex jikkonsisti l-proġett u x'se nistennew fil-programm ta' din is-sena f'Malta. Il-proġett qed iżur pajjiżna għat-tieni darba. L-ewwel darba kienet is-sena l-oħra. Il-proġett jista' jiġi deskritt bħala mużew temporanju miftuħ u jdur ma' postijiet mad-dinja kollha. Dan il-proġett jew mużew diffuż jiġi organizzat kull sena, b'avvenimenti u ċelebrazzjonijiet tal-arti. Il-messaġġ ewlieni hu dak li l-arti ssir mezz kruċjali għal ħajja aħjar. Lorraine Lewis iltaqgħet ma' Tiziana Leopizzi u tkellmet magħha dwar ħajjitha u dwar dan il-proġett partikolari.

### NIBDA BIEX NISTAQSIK XI TFISSER IL-KELMA ARTOUR-O IL MUST?

Din hi acronym ta' kliem li ġej mill-Ingliż u mit-Taljan li jirriflettu l-ispirtu ta' din l-inizjattiva. ARTOUR-O il MUST tfisser Art in tour - il MUSeo Temporaneo. Dan hu dak li se nkunu qegħdin noħolqu fil-Belt Valletta, bejn it-13 u t-18 ta' Novembru. Se nagħmlu mużew temporanju, mużew imferrex f'ħafna postijiet.

### BĦALA L-PERSUNA LI ĦLOQT DAN IL-PROĠETT, ARTOUR-O IL MUST, TISTA' TGĦIDILNA XI ĦAĠA DWAREK U TISTA' TISPJEGALNA KIF TWIELDET L-IDEA TA' DAN IL-PROĠETT?

Bħalma taf, jien bħala professjoni arkitetta. Iżda nemmen fis-sabiħ u li dan il-kunċett tas-sabiħ irid jingħaqad mal-utli f'armonija perfetta. B'hekk ħdimt biex l-arti tingħaqad mal-industrija. Kien żmien u għadu ż-żmien li l-industrija u l-prodotti tagħha jidhru utli iżda mhux dejjem sbieħ. Fl-arkitettura moderna, dan kien evidenti ħafna. B'hekk bdejt b'din il-prattika li tmur għall-klassiku. U għax inħobb l-istorja tal-arti, irrealizzajt li minħabba r-rapport bejn l-artist u l-kommissjonant, bit-Taljan jissejjaħ 'il mecenate', aħna llum kollha qegħdin imdawrin b'ħafna meravilji. Artist ma jistax jgħix waħdu. Irid minn jagħtih kummissjoni. Fl-Italja, grazzi għall-Knisja u prinċipjiet u dukati differenti li kellha ġie żviluppat dan ir-rapport interessanti bejn l-artisti u l-kummissjonanti tagħhom. Hawnhekk f'Malta kien hawn il-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann. Dawn għamluha ta' 'mecenati'. Ġabu lejn Malta ħafna artisti biex jagħtuhom jagħmlu opri tal-arti.

### KIF TISPJEGA DAN IL-PROĠETT U LIL MIN TRID TATTIRA BIL-PROGRAMM TA' ARTOUR-O IL MUST IPPREPARAT GĦALL-EDIZZJONI TA' DIN IS-SENA F'MALTA?

ARTOUR-O jħobb u jidentifika ma' kull min iħobb is-sabiħ u l-armonija. Iktar min hekk, kif jgħid E. H. Gombrich, l-arti twieldet bħala mezz ta' komunikazzjoni. Minn hawnhekk nibtet l-idea li nirkupraw l-arti kkommissjonata. L-artist jingħaqad mal-imprenditur u l-istituzzjonijiet jew il-fondazzjonijiet, u l-istituzjonijiet jingħaqdu mal-artist. Kull min irid ikun rikonoxxut, jista' jitkellem dwar l-identità ›









tiegħu jew dwar missirijietna magħrufa li għallmuhom permezz tal-arti u d-disinn. Naturalment, il-kunsill tad-dokumenti tal-Ellequaadro, assoċjazzjoni bla qligħ li jien risponsabbli għaliha, tagħti l-pariri tagħha skont il-mertu tal-proposti.

## L-IDEA LI TIEHU L-PROĠETT BARRA MILL-ITALJA ĠIET MAHSUBA RIĊENTAMENT JEW MILL-BIDUNETT?

Dan il-proġett maqsum fi tnejn. L-ewwel parti ssir kull sena f'Firenze, il-belt dinija tal-arti Rinaxximentali. Ta' kull sena jkun hemm proġett f'Marzu. Imbagħad ikun hemm it-tieni parti tal-proġett. Din issir barra minn Firenze u normalment barra mill-Italja. Is-sena l-oħra saret f'Malta. L-ewwel darba kienet f'Beijing, imbagħad kien hemm l-Italja, fiċ-Ċina fl-2006. Postijiet oħra fejn saret din l-esibizzjoni huma Hangzhou Shanghaj, Yiwu, Londra, Montecarlo, Praga, Barcellona, Merida in Extremadura, Madeira Funchal u Matera. Il-mira tagħna hi l-iskambju kulturali. Għalhekk naħdmu ħafna mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin. Fil-każ ta' Malta, naħdmu ħafna mill-qrib mal-Ambaxxata Taljana.

## KIF TISIBT F'MALTA BHALA LOKALITÀ GHALL-AVVENIMENT U GHALIEX QIEGHDA TERĠA' TIĠI GHAT-TIENI SENA?

Malta ilha tattirani għal ħafna żmien. Is-sbuħija arkeoloġika tagħha, l-istorja, il-Caravaggio, l-istorja tagħha u tal-Mediterran u r-relazzjoni li għandha mal-Italja. Fuq kollox, sibt akkoljenza u ħbiberija liema bħalha. Dan jinkoraġġini li naħdem favur Malta. Dawn it-tip ta' attivitajiet iġibu numru ta' artisti fil-gżira. Dan jgħin lil Malta kulturalment.

## KIF INHUMA SEJRIN IL-PREPARAMENTI GHALL-EDIZJONI TA' DIN IS-SENA TA' ARTOUR-O IL MUST?

Tajjeb ħafna. Qegħdin nagħlqu l-programm bħalissa. Rigward il-qafas tal-programm qegħdin hemm u d-disinn qed jieħu l-forma. Se jkun hemm numru ta' attivitajiet li għalihom se jkun mistieden il-pubbliku. Anke attivitajiet għat-tfal u studenti tal-arti. Dan kollu b'xejn. L-idea tiegħi hi li t-tfal jiltaqgħu ma' artisti stabbiliti u nies ġejjin mil-qasam tal-kummerċ. Is-sena l-oħra kien hawn fostna wieħed mill-aktar tobba magħrufin fil-midja Taljana, Sergio Orefice. Orefice hu onkologu. Kien hawn anke Flavio Lirussi. Dawn tkellmu fl-Istitut Taljan tal-kultura dwar tema importanti, jiġifieri li s-sabiħ u li tara s-sabiħ jagħmel anke tajjeb għas-saħħa. Ix-xjenza ngħaqdet mal-arti.



## X'JISTA' WIEHED JISTENNA LI JSIB F'DIN L-ESIBIZZJONI DIFFUŻA?

Dawn l-artisti dejjem urew ix-xewqa li jkunu jistgħu jesibixxu fost l-oħrajn drappijiet twal, xi wħud b'disinni astratti u oħrajn xogħol fl-arti ta' manifattura preġjata. L-idea hi li dawn id-drappijiet twal jitwaħħlu ma' postijiet fil-għoli. Hawn irid jingħad, li wħud minn dawn ir-rotoli huma xogħol ta' artisti kbar kontemporanji Taljani. Is-sena l-oħra xogħlijiet bħal dawn twaħħlu fl-Istituto Italiano di Cultura, f'lukanda fil-Belt Valletta u anke fil-Biblioteka Nazzjonali.

Se jkun hemm esebiti li normalment nassoċjawhom mat-tiżjin tad-djar. B'hekk, permezz ta' din l-esibizzjoni jkun qed jintlaħaq l-għan marbut mal-kunċett ta' Artour-o. Se jkun hemm ukoll workshops, saħansitra mal-artisti.

## GHALHEKK FEJN SE JKUNU L-ATTIVITAJIET TA' DIN IS-SENA?

Bħas-sena l-oħra, l-attivitajiet matul din il-ġimgħa ta' Novembru se jkunu mferrxin f'numru ta' postijiet fil-Belt, fosthom fl-Istituto Italiano di Cultura, fil-lukanda Castille u fil-Librerija Nazzjonali fejn se jkun hemm numru ta' esebiti. Se jkunu wkoll f'ParisMode, fil-bini tal-Kamra tal-Kummerċ u hemm postijiet oħra. Fuq kollox, ikun hemm ikla b'tema storika, normalment ispirata mill-ikel li kien iħejji jew jiekol Leonardo Da Vinci.

Kif qed tara hawn programm imżewwaq biex jilħaq lil kulħadd, mill-kbar saż-żgħar.



# Il Popolo d'Italia

QUOTIDIANO DEI COMBATTENTI E DEI PRODUTTORI

Fondatore: BENITO MUSSOLINI

Anno VI. — N. 160 — Milano, Venerdì 13 Giugno 1919

ARDITA RIVISTA MENSILE

DIREZIONE AMMINISTRAZIONE

UFFICIO DI PUBBLICITÀ

Via Paolo da Cannobio, 35

# SIAMO ALLA VIGILIA DI UNA CRISI MINISTERIALE?

## Farsa nella tragedia

### Primo atto

### Secondo atto

### Terzo atto

Mussolini

## BUM!

## La delimitazione dei confini dell'Ungheria

La comunicazione a Bela Kun

## Viva Malta italiana!

Un eccidio

## L'italianissima Zara

contro tutti i baratti

## Le stalle di Roma

## La riforma del Senato

## Il divorzio

## Una intervista con gen. Giardino

## La grande manifestazione di Genova contro il caroviveri

## IL RIVOLUZIONARIO

# L-Italja Liberali u Faxxista fil-Ġrajjiet tas-Sette Giugno

GIORGIO PERESSO

**IS-SENA 1919 KIENET SENA TA' IDEALI KBAR, KURAĠĠUŻI U KULTANT VJOLENTI.**

F l-Italja kellna l-formazzjoni tal-Partit Popolari jew aħjar id-Demokrazija Kristjana ta' Don Luigi Sturzo. F'dik is-sena kien hemm ukoll it-twaqqif formali tal-Fasci di Combattimento ta' Benito Mussolini. Kienet is-sena li nhar it-28 ta' Ġunju ġie ffirmat it-Trattat tal-Paċi li miegħu ġab fi tmiemha l-Ewwel Gwerra f'Versailles wara xhur twal ta' negozjati f'Pariġi. F'Malta kien hawn l-irvellijiet li seħħew fil-ġranet tas-7, it-8 u d-9 ta' Ġunju 1919. Dawn l-irvellijiet baqgħu magħrufa bħala tas-Sette Giugno u kellhom tmiem traġiku.

Għalkemm il-kawża prinċipali wara dawn l-irvellijiet f'Malta kienet l-għoli tal-ħajja. Biss kienu l-Ingliżi influshom li b'xi mod raw f'dawn l-irvellijiet indħil Taljan anke jekk dan ma jirriżulta minn imkien. F'dik il-ħabta, l-Italja kienet għadha demokrazija liberali. Il-kap taċ-Ċensura Militari, il-Maġġur R. D. Fox fir-rapport li kien għamel emfasizza l-eżistenza ta' manuvrar preżunt anti-Ingliż f'dawn l-irvellijiet. Hu attribbwixxa dan il-manuvrar lil hekk imsejjaħ Partit Taljan ippersonikifikat fil-figura ta' Enrico (Nerik) Mizzi. Iktar minn Partit Taljan, din kienet fazzjoni fi ħdan il-moviment Nazzjonalista li kien jistrieħ fuq il-Comitato Patriottico ta' Monsinjur Ignazio Panzavecchia. Dan il-grupp ta' Nerik Mizzi ġie deskritt bħala żgħir iżda storbjuż. Kien ikkalkolat li ma kellux iktar minn ħamsa fil-mija tal-popolazzjoni warajh. Biss dan ma kienx numru daqsekk insinjifikanti. Fl-istess ħin, Fox ma tahx daqshekk importanza għax qal li ftit kienu l-istudenti universitarji li kienu jagħtu kas ta' Mizzi. Gugliermu Arena, l-editur tal-gazzetta popolari Il-Ħmar kien imminimizza n-numru ta' irredentisti f'Malta fix-xiehda tiegħu lill-Bord ta' Inkjesta li kien twaqqaf biex jinvestiga dawn l-irvellijiet. Hu qal li dawn kont "tgħoddhom fuq is-swaba' ta' idejk". Bil-kelma irridentisti kienu jifhmu dawk il-Maltin li riedu Malta ssir parti mill-Italja.

Biex tiżdied iktar il-paranoja tal-preżunt sehem tal-Italja f'dawn l-irvellijiet, il-Konslu Taljan f'Malta, il-Kavalier Guido De Lucchi rrapporta b'mod formali lil-Logotenent Gvernatur William Charles Fleming Robertson li fl-14 ta' Ġunju 1919 kien ġie mgħarraf mill-ambaxxata Taljana f'Londra, bil-possibbiltà li Enrico Malatesta (magħruf ukoll bħala Errico) kellu jgħaddi minn Malta. Malatesta kien definit bħala wieħed mill-iktar anarkiċi perikolużi fl-Ewropa. Mhux li kemm Malatesta seta' jaqbad vapur minn Liverpool u jsalpa għal Malta għax kellu bżonn visa biex jiġi fil-gżira kif ukoll passaport validu – li ma kellux. Il-pulizija ta' Malta ħadet nota. Il-pista anarkika ta' marka Taljana kienet deħret fil-bidu tas-seklu. Wara kollox, Malatesta diġà kien Malta, sewwa sew, wara li ħarab minn ħabs u mar Lampedusa f'Mejju 1899, fejn dam xi ġimgħa mistieden ta' żewġ anarkiċi, l-avukat Naplitan, Francesco Saverio Merlino flimkien ma' sieħbu Paolo Schicchi qabel ma mar għall-eżilju f'Londra. Insibu wkoll li f'dak iż-żmien li Merlino kien Malta, il-Konslu Taljan Paolo Grande irrapporta, permezz ta' telegramma fil-25 ta' Settembru 1901 lill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin Giulio Prinetti f'Ruma, it-tħassib tal-amministrazzjoni Ingliża rigward l-intriċċi li dan Merlino kellu man-Nazzjonalisti. Malatesta ma reġax għadda minn Malta għax eventwalment mar dritt l-Italja wara amnestija li ngħatat wara t-trattat tal-paċi tal-1919. Min-naħa tal-Konslu De Lucchi ma kienx hemm intriċċi fil-provokazzjoni tal-irvellijiet għax hu ma tantx kellu grazzja ma' Nerik Mizzi. Dan urieh biċ-ċar fid-dispaċċi li kellu mas-superjuri tiegħu f'Ruma fi żmien l-arrest ta' Mizzi mill-Ingliżi fl-1917. Ma kienx tal-istess fehma l-Viċi-Konslu, il-Kommendatur Luigi Mazzone. Dan kien il-perċimes ta' kull xorta ta' intrigu u baqa' hekk sa lejliet id-dħul tal-Italja fit-Tieni Gwerra Dinjija. Mazzone ssemma fl-inkjesta dwar is-Sette Giugno fejn intqal li għen lil Dwardu Borg fil-ġbir għall-kontribuzjonijiet lejn il-vittmi li nqatlu fis-7 ta' Ġunju.

L-affermazzjoni tal-indħil barrani mill-Italja bdiet issir wara l-irvellijiet, speċjalment wara li Mussolini kien ħa t-tmexxija tal-Italja f'idejh fl-1922. Dawn l-allegazzjoni bdew isiru mill-Ingliżi u s-segwaċi tagħhom u mhux mit-Taljani u wisq inqas mill-Faxxisti nfushom.

F'The Daily Malta Chronicle tal-31 ta' Ottubru 1923 kien hemm persuna li kitbet dwar għajdut dwar 'l hekk imsejħa aġitaturi tas-Sette Giugno. Skont dan il-kontributur,



VOCI D'AMORE E DI FEDE DALL'ITALIA NOVA ED ANTICA

La Marina da guerra italiana a Nazario Sauro in Pola

(Nostro servizio particolare)

Il pellegrinaggio

Sauro-L'Adriatico

Sulla tomba

MALTA

Dalla Perla dell'Isonzo

La Nizza dell'Isonzo

L'italianità dell'Alto Adige

Per Gorizia nostra

ITALIANISSIMO

DA PARENZO

Istria eroica

Restituzione di prigionieri

dawn kienu membri ta' soċjetà sigrieta li hu qabbilhom mal-Klu Klux Klan. Dan il-kontributur kompla jikteb li kien hemm min ftaħar li kien grazzi għall-isforzi tiegħu li l-pulizija kienet ġiet ipparalizzata matul l-inkwiet ta' Ġunju, waqt li hu sostna li kien ra persuna tħallas il-flus li ċerti persuni ħalli jaqilgħu l-inkwiet.

Dawn ix-xnigħat żdiedu b'mod partikolari fis-snin tletin tas-seklu l-ieħor. Matul dan il-perjodu dehru kitbiet kemm fl-istampa lokali u dik barranija fejn tkellmu b'mod affermattiv dwar dan il-fatt. Wieħed minn dawn il-kittieba kien Gerald Griffin. Dan kien kiteb dwar Gabrielle D'Annunzio. Fil-ktieb tiegħu Gabrielle D'Annunzio The Warrior Bard (1935), Griffin żvela li "kien magħruf li l-aġitaturi Taljani kienu attivi ħafna jaqilgħu l-inkwiet kemm fl-Egittu kif ukoll f'Malta". Is-Salesjan J. N. Macdonald ippreżenta fil-ktieb A Political Escapade: the Story of Fiume and D'Annunzio (1921), silta mid-diskors li għamel Benito Mussolini, dak iż-żmien ġurnalist u editur ta' Popolo d'Italia, fit-Teatro Verdi fil-belt tal-Kroazja fi Fiume (illum Rijeka) fit-22 ta' Mejju 1919. Il-futur Duce, filwaqt li tkellem dwar l-għaqda imminenti bejn Fiume u l-Italja, semma l-pjan tiegħu li jkeċċu lill-barranin kollha mill-Mediterran, billi jibda mill-Ingliżi u l-bżonn li jgħinu r-rivoluzzjonarji ta' Eġittu. Ma' dawn żied Malta, fejn qal li kien ġie mwaqqaf moviment irredentista fit-3 ta' Marzu 1919. Mhux magħruf minn fejn Mussolini ġab din id-data. Ma jirriżultax li kien hemm xi twaqqif formali ta' xi għaqda b'ispirazzjoni irredentista f'dik il-jum. Veru li kien hemm xi wħud u dawn kienu jiffrekwentaw iċ-Circolo Giovine Malta u dawn kienu ta' din il-fehma. Xnigħat kien hemm ħafna.

Biss dawn kienu kollha qlajjiet. Ma kien hemm l-ebda prova u lanqas l-iċken ħjiel ta' xi komplott mill-Italja biex taqla' l-inkwiet f'Malta. Kienet aktar il-politika ta' dik il-ħabta li wasslet biex qieset lil Nerik Mizzi bħala r-ras wara dawn il-ġrajjiet imdemmija. Għalhekk ma kienx jonqos li jissemma l-Qorti Marzjali ta' sentejn qabel fejn issemmiet il-korrispondenza ma' sieħbu Giovanni Giglio, li fl-1919, sar il-korrispondent tal-gazzetta Soċjalista Ingliża Daily Herald. Fi żmien il-gwerra tal-Abyssinia, Giglio ġie mkeċċi minn Mussolini mill-Italja għat-tieni darba. Anke d-dell tal-idea ta' Mizzi u sieħbu, il-Markiż Colocci-Vespucci, meta fl-1911 ħarġu bil-ħsieb li Malta tinbidel mal-Eritrea, biex b'hekk Malta tkun tista' tingħaqad mal-Italja, beda jissemma inkonnessjoni ma' dawn l-irvellijiet. Permezz ta' dan il-ftehim, l-Ingilterra kellha tieħu l-Eritrea bħala kumpens.

Prova ta' kemm l-Italja kienet barra minn dawn il-ġrajjiet tinsab fix-xhieda ta' Fox innifsu. Fix-xiehda tiegħu, il-Maġġur Fox ippreżenta 13-il gazzetta Taljana li kitbu fi ftit ġranet wara li seħħew l-irvell, fosthom il-ġurnal prominenti Corriere della Sera. Ta' min isemmi li l-ġurnal ta' Mussolini, Popolo d'Italia, ma kienx f'din il-lista. Id-daħqa hi li dan il-ġurnal kien ippubblika artiklu twil dwar Malta fit-30 ta' Jannar 1919. Dan juri li Mussolini lanqas kien qed jitqies ta' theddida għal Malta fis-sena ta' dawn l-irvellijiet mill-Ingliżi. Għall-inqas skont dan l-artiklu, kien hemm diskors għaddej biex fil-Konferenza tal-Paċi ta' Pariġi, Malta tkun fuq l-aġenda flimkien ma' Ċipru. L-artikolist deherlu li jekk Ċipru kellha tingħaqad mal-Greċja, kellu jiġri l-istess għal Malta mal-Italja. Din kienet illużjoni mill-kbar! L-artiklu għamel is-soltu argumenti li kienu diġà nkitbu qabel u anke wara – Malta hija ġeografikament magħquda ma' Sqallija. F'dan l-artiklu ssemmew Maltin li kienu pparteċipaw fil-battalji tar-Risorgimento, bħall-Kulunell Caminzuli u Dott. Acerba. Imbagħad l-artikolista kompla fuq il-volontiera Maltin li servew fl-Italja fil-Gwerra l-Kbira li kienet għadha kif għaddiet. L-ismijiet tagħhom kienu Giovanni Demartino, Antonio Ghio u Carmelo Parnis. Dejjem skont l-awtur, dawn kienu kollha voluntiera. L-artikolista ffirma bin-nom-de-plume Italianissimo, iżda kien identifikat bħala t-Tenente Mario Barbaro di San Giorgio. Anke dan l-istess artiklu, li deher ftit qabel l-irvellijiet tas-Sette Giugno, juri li l-idea irredentista kienet aspirazzjoni ta' ftit ħafna tas-soċjetà Maltija.

Anke wara li Mussolini ħa t-tmexxija f'idejh, din il-ġrajja ma tantx kienet tiffigura fid-diskorsi Faxxisti tal-1919, meta storjografi pro-faxxisti, bħal Luigi Preti, u l-kap tal-futur soċjal-demokratiku u ministru għal seba' darbiet (1969-1980) kif ukoll Agostino Savelli fil-ktieb Storia di Malta, dai primordi ai giorni nostri (1943), ma rawhomx bħala xi rivoluzzjoni fil-veru sens tal-kelma, iżda rewwixta bla bżonn. Savelli jikteb li din ir-rewwixta bdiet minn dimostrazzjoni studenteska msejħa pattrijottika u splodiet minħabba l-provokazzjonijiet minn dawk favur l-Ingliżi msejħin l-Anglofili. Il-bandiera tal-Union Jack kienet bħalma l-kulur aħmar ikun għall-barrin f'dawk il-ġranet. Il-bandiera tricolor bl-arma tas-Savoja ma dehret imkien waqt dawn id-dimostrazzjonijiet! Il-bandiera bajda u ħamra, iva. Savelli ra s-sitwazzjoni politika kif ukoll il-kundizzjonijiet ekonomiċi aggravati mill-konsegwenzi tal-gwerra bħala l-vera raġuni ta' dawn l-irvellijiet.

Iżda xorta, l-isem Mizzi baqa' mċappas għal ħafna snin wara dawn

> *"Dan l-awtur ried jgħid li kien Mussolini li ta s-sinjal għall-qawmien tal-poplu Malti!"*


Valletta Baroque
Festival
TEATRU MANOEL
31 KUNĊERT
F'16-IL POST DIFFERENTI
MADWAR MALTA
IT-8 EDIZZJONI TAL-VALLETTA BAROQUE FESTIVAL GĦAL DARB' OĦRA SE JKOLLHA ARTISTI RINOMATI KEMM MINN MALTA, KIF UKOLL LIL HINN MINN XTUTNA, FEJN SE JKUNU QEGĦDIN JAGĦTU SPETTAKLU TA' MUŻIKA MILL-ISBAĦ, MINN MONTEVERDI, SA BACH, U AKTAR
WWW. VBF20.COM
NIŻŻEL
L-APP TAGĦNA
Malta
medirect
35°SOUTH

il-ġrajjiet imnikkta. Waħda mill-aktar kampanji elettorali ħorox kienet dik tas-sena 1932. Kienet ġlieda bejn żewġ gladjaturi. U hawnhekk it-Times of Malta tas-7 ta' April 1932 irriproduċiet il-kitba tar-Reverendu Macdonald. Lanqas il-kittieb ta' dan l-artiklu ma kien daqshekk ċert għax isemmi *circumstantial evidence.* Bażikament assoċjaw lil Mizzi ma' D'Annunzio. B'mod konfuż, l-artikolist jgħaqqad id-data tad-diskors ta' Mussolini ta' Mejju 1919 mal-ġrajja tas-Sette Giugno, li seħħet 15-il ġurnata wara. Dan l-awtur ried jgħid li kien Mussolini li ta s-sinjal għall-qawmien tal-poplu Malti! Dan ma kienx il-każ. Mhux għat-Times of Malta, għax l-artikolist ikompli li hu mill-iktar ċar li l-irredentisti lokali kienu qed jaħdmu id f'id ma' sħabhom it-Taljani, u dawn kienu qegħdin jaġixxu fuq istruzzjonijiet minn personaġġi Taljani prominenti u jistaqsi jekk kienx il-każ li l-istruzzjonijiet kienu qegħdin joħduhom mingħand Mussolini innifsu! Il-bombi tar-Regia Aeornautica u l-Luffwaffe u l-fatt li l-gwerra fl-Ewropa kien baqagħlha biss tlett ijiem biex tieqaf uffiċjalment ma kienx biżżejjed għat-Times of Malta biex tkompli b'din il-ħrafa li s-Sette Giugno ġie pprovokat minn Mussolini! F'artiklu li deher nhar is-6 ta' Ġunju 1945, reġgħet irxoxtat mill-ġdid dan l-artiklu, li kienet deher lejliet l-elezzjoni tal-1932 bit-titlu "L-indħil Taljan ma kienx ħrafa". Ġabitu kelma b'kelma. Interessanti l-fatt li ma' dan l-artiklu kien hemm kopja ta' kartolina mill-Marchese Colocci. Ingħad li din il-kartolina kienet ġiet mibgħuta minn Colocci lil Nerik Mizzi wara l-irvellijiet tas-Sette Giugno. Kienet iddatata biss sebat ijiem wara dawn il-ġrajjiet, fejn fiha Colocci awgura lil Mizzi u qallu, li la hu u lanqas sħabu ma kienu sofrew ebda danni. Colocci jispiċċa l-messaġġ tiegħu, 'iżjed ma ngħidx, ma nistax u ma rridx'. Mhux magħruf kif din il-kartolina ġiet f'idejn din il-gazzetta. Kienet *fake news*?

Annibale Scicluna Sorge, il-bniedem li skont ir-reġista Taljan, Mario Monicelli, kien offra lil Malta fuq platt lil Mussolini, kien qal li kien għadu kmieni wisq biex wieħed jikkonkludi dwar dawn il-ġrajjiet imsemmija. Kien qal dan fil-ktejjeb tiegħu "I moti maltesi del 7-9 giugno 1919" fl-okkazjoni tal-għaxar anniversarju minn din il-ġrajja. Illum mitt sena wara, għall-inqas fejn jittratta l-Italja u t-Taljani, din l-osservazzjoni għadha tgħodd. Li hu żgur hu li l-enfasi żejda fuq l-influwenza Taljana tista' tnaqqas mill-valur xieraq li għandu jkollna lejn din il-ġrajja storika. Geraldu Azzopardi ġabar il-vera raġuni għal dawn l-irvellijiet fi tliet kelmiet: Meta l-Malti għadab. Ġustament għamilhom it-titlu tal-ktieb tiegħu fuq dan l-istess suġġett. L-effetti tal-ġrajjiet kienu ta' natura kostituzzjonali u ekonomiċi u bl-ebda mod ma għamlu wiesa' għal xi preżunt rivendikazzjoni irredentistika mill-Italja Liberali jew Faxxista. Sakemm ma tinstabx xi prova oħra, din kienet biss ħlieqha ta' The Times of Malta u s-segwaċi Anglofili tagħha.





# L-inbid ta' kafkaf u l-immigranti Sirjani f'Malta

SIMON MERCIECA

IL-ĦARIFA HI ASSOĊJATA MAL-PRODUZZJONI TAL-INBID. F'DIN IL-ĦARĠA NIXTIEQ NITKELLEM DWAR ASPETT TAL-INBID LI FTIT LI XEJN HU MAGĦRUF FL-ISTORJA TA' PAJJIŻNA.

Fi kliem ieħor xi kwalità ta' nbid kellna matul il-perjodu li normalment assoċjawh mal-ħakma Għarbija ta' Malta u l-preżenza tas-Sirjani f'Malta f'dik il-ħabta.

Meta xhur ilu kont ktibt li f'Malta kellna l-wasla tas-Sirjani fi żmien meta skont l-istorja ta' pajjiżna, Malta ma kinitx abitata, jiġifieri fil-perjodu marbut mal-okkupazzjoni tal-gżira mill-Għarab, bejn it-870 u l-1048, kont ġejt ikkritikat minn persuni li kitbu fl-anonimat. Illum dawn il-persuni neħħew il-posts li kienu tellgħu dwari u dwar dan il-punt.

Kont ktibt ukoll, li numru ta' kittieba Għarab, bħalma kien Shidyaq, kienu jaraw fil-Malti element qawwi ta' Sirjan. Illum nixtieq nieqaf fuq kelma li żgur kienet użata mill-Għarab tas-Sirja, speċjalment matul il-perjodu pre-Iżlamiku u żgur baqgħet tintuża minn dawn is-Sirjani wara l-perjodu tad-dħul tal-Iżlam. Biss dawk is-Sirjani li baqgħu marbuta mal-fidi Kristjana baqgħu jużawha kif kienu jużawha l-Għarab ta' qabel il-wasla tal-Iżlam. Hawn qed nirreferi għall-kelma 'al Karkaf'.

Forsi ftit illum jafu li l-kelma Maltija "Ta' Kafkaf" ġejja minn kelma bl-Għarbi. Skont Ġużè Aquilina, fid-dizzjunarju tiegħu jagħti l-kelma karkaf ġejja l-istess kelma fl-Għarbi li tfisser iżomm lil xi ħadd milli jagħmel xi ħaġa. Erin Serracino-Inglott jagħti din il-kelma fil-Miklem u jgħid li ġejja minn kaf kaf, kaf li tfisser biżżejjed u jsemmi wkoll it-tifsira ta' Aquilina.

Illum fil-Malti nużaw din il-kelma għal xi ħaġa li ssir ta' malajr jew hija 'shabby'. Biss fl-Għarbi tintuża f'dan is-sens ukoll. Issa l-Għarab tas-Sirja u dawk ta' qabel l-Iżlam, kienu jużawha b'rabta mal-konsum tal-inbid, anzi kif inkun aktar preċiż, biex inkun aktar preċiż ma' nbid deskritta bħal ta' kwalità fqira. Anzi hawn wieħed irid iżid li din kienet komuni fost l-Għarab Sirjani Insara minħabba li huma baqgħu jikkonsumaw l-inbid. Din il-kelma titlef ħafna mill-kuntest mas-Sirjani ta' twemmin Musulman minħabba li ma baqgħux jikkonsumaw l-inbid minħabba prattiċi reliġjużi.

Jekk wieħed irid jistudja dwar il-konsum jew it-tip ta' nbid użat f'ċerti żoni tal-Mediterran fost l-Għarab, wieħed irid imur għall-poeżija Għarbija, b'mod partikolari dik pre-Iżlamika. Hawnhekk nixtieq nirringrazzja lil Joseph A. Debono u lil Nadia Falzon għall-għajnuna tagħhom f'din ir-riċerka. Is-Sinjura Falzon ġibditli l-attenzjoni għal numru ta' termini differenti fil-poeżija Għarbija pre-Iżlamika marbuta mal-inbid. Dawn it-termini jagħtuna idea ċara ta' x'tip ta' nbid kien ikun ikkonsumat fid-dinja Għarbija qabel il-wasla tal-Iżlam.

Għall-Għarab ta' qabel il-wasla tal-Iżlam, l-inbid kien jiġi ġġudikat skont it-togħma jew il-kulur tiegħu. Hawn ma għandna xejn differenti minn kif jiġi ġġudikat l-inbid illum. L-Għarab kellhom ħafna kliem biex jiddeskrivuh. Kienu wkoll jiddeskrivuh mill-effett li kien iħalli fuq min jixorbu. Lanqas hawn ma nbidel xejn minn kif aħna niġġudikaw l-inbid jew kif kien ikun iġġudikat fid-dinja klassika.

B'hekk meta kienu jiġu biex jiddeskrivu xi nbid li kien ikun magħmul ta' malajr jew bl-addoċċ, kienu jgħidu li hu "Al Karkaf". Jekk l-inbid kien ikun tajjeb ħafna kienu jsejħulu "Al Rah".

F'dan il-kuntest, hu interessanti, jekk dan it-terminu "kafkaf" fil-Malti daħalx minħabba l-kunsum ta' inbid jew le. Jekk daħal bħala parti mill-konsum tal-inbid, dan jagħti indikazzjoni dwar il-produzzjoni tal-inbid, anke matul il-perjodu Għarbi, li minħabba raġunijiet reliġjużi kellu jkun ipprojbit il-konsum tiegħu f'pajjiżna. Dak li hu żgur, li terminu għall-inbid fil-Malti ġej mill-Għarbi u mhux mir-rumanz. Dan ifisser li l-kelma nbid daħlet f'Malta fi żmien l-Għarab u dan ifisser li fi żmien l-Għarab, f'Malta kienu jixorbuh. B'hekk, anke jekk ma għandniex dokumentazzjoni diretta, b'mod indirett qegħdin inkunu nafu li f'Malta Musulmana kien hawn l-inbid. Biss din il-kelma qiegħda tagħtina ħjiel tal-kwalità tal-inbid li kellna f'dan il-perjodu.

Qed ngħid dan għax kif spjegajt, l-Iżlam kien jipprojbixxi dan it-tip ta' xorb. Għalhekk, dan ried jiġi prodott minn persuni li ma kinux Musulmani. Dawn setgħu kien ilsiera jew Kristjani Għarab. Dan id-dettall jerġa' jitfa' ftit dawl ieħor, fuq il-preżenza ta' Kristjani f'Malta ta' żmien l-Għarab. Dawn l-Għarab kienu hawn f'pajjiżna u kellhom rabta mal-konsum tal-inbid li tmur għal qabel il-wasla tal-Iżlam fost l-istess Għarab.

Imbagħad meta l-Għarab kienu jiġu biex jiġġudikaw l-inbid rigward it-togħma tiegħu, l-aqwa wieħed kien dak jissejjaħ "Al Sahba". Dan hu terminu li ma għandniex fil-Malti għall-inbid. Dan kien mitqies bħala l-aqwa wieħed fost l-inbejjed li kellhom. Imbagħad kien hemm inbid ħelu. Dan kien jissejjaħ 'Al Hamia'. Terminu li kellna fil-Malti. It-terminu hu ħami u jfisser imsajjar ħafna, biss fil-Malti tintuża bħal grass jew anke ikel ta' kulur skur. Imbagħad jekk l-inbid ikun 'nice' jew 'ġentili' meta ttemgħu ma' xufftejk, dan kien jissejjaħ 'Al Sallaf'. Dan hu terminu ieħor li ma għandniex fil-Malti. Jekk l-inbid kien ikun ħafif, kien jissejjah 'Al Madam'. Għal darba oħra dan hu terminu ieħor nieqes fil-Malti.

Imbagħad insibu referenza fl-Għarbi pre-Iżlamiku għall-inbid, bħala 'Al Kahwa'. Din il-kelma kienet tintuża għal dak l-inbid li kien qawwi ħafna. Dan kien mitqies li jittieħed mal-ikel. B'hekk l-inbid 'kahwa' kien l-aktar nbid qawwi li wieħed seta' jieħu, għall-inqas fost l-Għarab ta' qabel il-wasla tal-Iżlam. Dan l-inbid qawwi, magħruf bħala al kahwa kien jiġi kkonsumat kemm wara l-ikel jew inkella waħdu. Peress li dan l-inbid kien qawwi ħafna, meta dan it-tip ta' nbid kien jiġi kkonsumat filgħodu kmieni kien jiżdied l-ilma miegħu. L-oriġini jew l-għerq tal-kelma 'kahwa' hi 'akha' li tidher li kienet tfisser 'to put off from eating'. Biss din titlob studju separat.



Issa fid-dinja Għarbija, meta kienu jżidu l-ilma mal-inbid kienu jgħidulu 'al maxqaxqa'. Fil-Malti nużaw terminu ieħor, mgħammed u din turi li wisq probabbli, din it-tradizzjoni li wieħed iżid l-ilma fl-inbid spiċċat mal-wasla tal-Għarab u reġgħet daħlet wara l-wasla tan-Normanni. Fi kliem ieħor f'Malta ta' żmien l-Għarab ma kellniex il-preżenza ta' dan l-inbid qawwi ħafna. Dan nafuh għax il-kelma 'maxqaxqa' qatt ma daħħlet fil-Malti. B'hekk ma kinitx tintuża fl-ilsien komuni. Meta bdew iżidu l-ilma, użaw terminu ieħor Għarbi, ta' rabta reliġjuża u bdew jgħidu li qed jgħammduh. Wieħed irid jiftakar li meta l-inbid jitħallat bl-ilma jibdel il-kuluru. Biss kienu wkoll japprezzaw l-inbid li ma kienx jigi adulterat, jiġifieri ma jitħallatx bl-ilma. Dan kien jissejjaħ inbid "safi" jew kif kienu jsejħulu 'Al Safija', terminu li għadu użat fil-Malti.

Il-kulur tal-inbid kien importanti u kien jagħmel parti anke mill-ġudizzju ta' kif in-nies iħarsu u jivvalutawh. B'hekk fl-Għarbi ta' qabel l-Iżlam, insibu ismijiet mogħtija għall-inbid anke skont il-kulur tiegħu. B'hekk insibu tip ta' inbid msejjaħ 'Al Sahbaq'. Dan kien tip ta' inbid li fil-kulur tiegħu kien ikun fl-isfar jiġifieri l-inbid kien ikun ġej mill-għenba bajda. Dan terminu ieħor li ma għandniex fil-Malti marbut mal-inbid. Lanqas ma għandna t-terminu 'kamit'. Dan kien jintuża għall-inbid aħmar. Anzi dan kien inbid li fil-lewn tiegħu kien aħmar ħafna li kważi kien imur għall-kulur iswed.

Imbagħad hemm il-poezija Għarbija pre-Iżlamika. F'din il-poeżija nsibu referenzi għall-post mnejn kien ikun ġej l-inbid. L-Għarab kienu jimpurtaw l-inbid. Hawn qed nifhem bl-Għarab ta' dik li tissejjaħ il-Peninżula Għarbija. F'poeżija pre-Iżlamika, imsejha 'Muallaqt', il-poeta Għarbi Amru Bin Kultum isemmi li l-inbid kien jiġi impurtat minn Andrina, li kienet belt fin-naħa ta' fuq tas-Sirja. Din kienet belt magħrufa għall-għelieqi tad-dwieli li kellha. Kienet ukoll magħrufa għall-inbid tajjeb li kienet tagħmel. L-inbid kien ukoll jiġi impurtat minn Basra al Sham (Belt Ras) f'wieħed mil-villaġġi magħrufa bl-isem ta' Irbid li jinsab fil-Ġordan.

B'hekk dawn ir-referenzi kollha jsaħħu l-idea, li f'Malta tas-seklu għaxra u ħdax kellek influss ta' Sirjani. Kif juri dawn ir-referenzi Għarab stess, sakemm l-Iżlam ħa s-suppravent, din iż-żona kienet waħda mill-aktar magħrufa fil-Mediterran għall-produzzjoni tal-inbid. Il-preżenza tal-Kristjani f'din iż-żona, matul is-seklu għaxra u ħdax, li kienet qawwija, kienet tfisser li dawn l-Għarab Kristjani baqgħu jagħmlu u jipproduċu l-inbid. Il-wasla tagħhom f'Malta kienet tfisser li dawn komplew bil-produzzjoni ta' din ix-xarba. Biss minħabba r-restrizzjoni imposta mill-Iżlam u forsi anke mill-kwalità tad-dwieli li kellna, dawn ma kinux kapaċi jipproduċu nbid tajjeb ħafna. B'hekk termini marbuta mal-inbid ma daħlux fil-Malti. Daħlet biss il-kelma "karkaf" li fiha nnifisha kienet tindika li l-inbid li dawn is-Sirjani Kristjani kienu qed jipproduċu ma kienx ta' kwalità tajba.

Fuq kollox, għall-Għarab pre-Iżlamici, bħalma kien għar-Rumani u l-Griegi fost l-oħrajn, l-inbid kien parti importanti mill-ħajja ta' kuljum. Anzi kien mitqies bħala xarba divina. Forsi dan l-aspett ukoll, minbarra l-effett tal-alkoħol, wassal biex ikun ipprojbit fl-Iżlam.

Biss l-inbid fid-dinja pre-Iżlamika ma kienx isir biss mill-għeneb. Kien isir inbid mit-tamal li kien jissejjaħ 'kusis', kien isir inbid mix-xgħir, miż-żbib, u anke mill-qamħirrun. Dawn it-tip ta' nbejjed ma jidhrux li kienu qed ikunu prodotti f'Malta matul il-perjodu Għarbi. Għall-inqas ma għandniex termini fil-Malti li jirriflettu t-termini użati għal dawn l-inbejjed.

Fid-dinja Għarbija pre-Iżlamika, li wieħed ikollu l-inbid kien iġib miegħu prestiġġju u anke unur kemm għal sidu u anke għal min jagħmlu. Li wieħed jixrob l-inbid kienet anke indikazzjoni ta' għana u pożizzjoni soċjali għolja.

B'hekk il-preżenza ta' kelma fil-Malti tista' tkun ċavetta ta' tagħrif interessanti dwar il-preżenza ta' dawn l-emigranti Sirjani Kristjani f'Malta fi żmien meta l-gżira kienet taħt l-Għarab. Din il-kelma turi li dawn l-Għarab ma kinux ta' ċertu livell soċjali għoli. Dan jikkollabora mal-istudji li qegħdin isiru dwar dawn is-Sirjani li qasmu mil-Lvant għall-Punent matul is-seklu għaxra, ħdax u tnax. B'hekk il-produzzjoni tal-inbid tagħhom ma kinitx ta' kwalità tajba ħafna. Dan ma kienx biss għax l-inbid kien ipprojbit fost il-Musulmani, imma għax dawn l-immigranti ma kinux f'dak il-grad soċjali għoli li setgħu jipproduċu nbid ta' kwalità tajba. Bħal emigranti ta' kull żmien, dawk li ħarbu mis-Sirja matul dawn is-sekli kienu jappartjenu għal ċertu livell soċjali baxx jew medju tas-soċjetà tagħhom.



Experience Esplora
EXPLORE | THINK | IMAGINE
Science Shows | Workshops | Planetarium Shows | Exhibits | Special Events
For more information call us on 2360 2300
esplora
www.esplora.org.mt
ESPLORA | Interactive Science Centre
Villa Bighi, Kalkara, KKR 1320, Malta
Esplora was declared to be an
emblematic project by the EU Commission
Esplora Interactive Science Centre was part financed by ERDF

# Intervista ma' Clayton Cutajar

Senior Executive (Programme and Audience Development & Science Communication) Esplora



## Biografija

Clayton Cutajar, imwieled is-Siggiewi, iggradwat bħala għalliem tax-xjenza u bioloġija u kompla l-istudji tiegħu fil-Maniġment, Xjenza u Edukazzjoni. Clayton ħa l-esperjenza f'diversi setturi, fosthom dak tat-taħriġ, kultura, fit-tagħlim għall-adulti, fil-qasam soċjali u fil-qasam tal-ħiliet. Clayton għandu ħafna għal qalbu x-xjenza, l-edukazzjoni, it-tagħlim, l-ambjent u l-annimali, l-isport, kif ukoll is-safar.

## Clayton inti issa ilek taħdem Esplora minn qabel ma fetaħ il-bibien. Kif rajt lill-Esplora jiżviluppa? X'inhi l-viżjoni tiegħek għal li ġej?

Jien ilni naħdem l-Esplora għal dawn l-aħħar erba' snin mit-tħejjijiet ta' qabel ma fetaħ sal-lum il-ġurnata. L-Esplora hu ċ-ċentru nazzjonali għax-xjenza però żviluppa għal xi ħaġa ferm ikbar minn hekk. Esplora sar ikun imfittex mill-familji, mill-adulti u mill-istudenti Maltin bħala post li joffri kenn għal dak kollu li għandu x'jaqsam max-xjenza, teknoloġija, inġinerija u matematika (STEM). Dawn huma minsuġa f'attivitajiet ta' tagħlim u divertiment, relatati mal-kultura, drawwiet, storja u ħajja tagħna ta' kuljum. B'hekk iħeġġeġ aktar nies jirrelataw u jirrealizzaw li x-xjenza hi f'dak kollu li aħna nagħmlu.

Esplora dejjem qed jikber permezz tal-viżitaturi stess li juru aktar interess fl-iżvilupp kontinwu ta' Esplora. Ix-xjenza u t-teknoloġija qed jinbidlu b'rata mgħaġġla u daqstant ieħor l-avvenimenti, l-attivitajiet u r-riżorsi ta' Esplora biex jibqa' jipprovdi servizz tal-aqwa kwalità. Nemmen u nixtieq li Esplora jilħaq firxa akbar ta' nies. Din is-sena qed norganizzaw diversi attivitajiet, fosthom Autism-Friendly Hours u hemm fil-pjan ukoll Deaf Club biex dejjem inkunu aktar inklussivi u aċċessibbli għan-nies kollha.

## Nafu li inti kont wieħed mill-imħuħ flimkien mal-MCAST u l-Università ta' Malta wara l-konferenza National STEM Engagement Conference. Kemm kien importanti dan il-pass għal Malta u x'inhu l-pjan li jmiss?

Dan kien pass kruċjali biex ħafna mħuħ u miżuri siewja jiltaqgħu, jiddiskutu u jfasslu pjan għall-ġejjieni relatat mal-iSTEM. Permezz ta' dan kulħadd jaħdem flimkien u joffri l-appoġġ lil xulxin biex jinħoloq aktar għarfien dwar l-importanza ta' STEM, jinħolqu inizjattivi biex STEM ikun aċċessibbli għal kulħadd u jixxandar għarfien importanti dwar x'impjiegi se jkun hawn bżonn f'Malta u fl-Unjoni

Ewropea fil-futur qrib. Tajjeb li wieħed jgħid li dan kollu qed isir bl-appoġġ tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol biex naħdmu id f'id kemm mal-ġenituri/gwardjani tat-tfal kif ukoll mal-istudenti nfushom. Aktar minn hekk, il-pjan imfassal jitkellem ukoll dwar l-importanza li l-anzjani jkunu involuti u mgħarrfa dwar STEM kif ukoll dwar l-importanza tat-tagħlim fis-snin bikrin fit-tfal kif ukoll dak tul il-ħajja.

### Taħseb li Esplora għamel effett fil-perċezzjoni ta' kif il-Maltin iħarsu lejn ix-xjenza u għaliex?

Iva, nemmen li Esplora kien kruċjali għal dan għax mir-rispons li aħna nieħdu permezz tal-Audience Development ta' Esplora, ħafna min-nies kienu (u sa ċertu punt għadhom xi ftit) jibżgħu mill-kelma xjenza. Xi nies ftit jirrealizzaw li x-xjenza hi madwarna u tinsab f'dak kollu li nagħmlu, nużaw, nipparteċipaw fih u f'kull aspett ieħor tal-ħajja. Permezz ta' attivitajiet bħall-Kuluri Karnival, Xmas at Esplora u Halloween, in-nies qegħdin ikunu aktar mgħammra biex jiskrutinaw il-fatt li f'kollox hemm kunċetti tax-xjenza u li x-xjenza mhix biss marbuta ma' xi ktieb jew ma' xi karriera partikolari bħal ngħidu aħna t-tabib. Il-hairdresser, il-mastrudaxxa, il-bidwi, il-bankier u ħafna karrieri oħra huma bbażati fix-xjenza u teknoloġija. Barra minn hekk, Esplora għadha kif għamlet it-tieni stħarriġ bl-isem ta' "Perceptions and Attitudes towards Science" wara li l-ewwel wieħed kien sar fl-2015. Jirriżulta li l-perċezzjoni u l-attitudni tal-Maltin dwar ix-xjenza tjiebet b'14% mill-2015 'l hawn. Dan grazzi għall-appoġġ kontinwu taċ-Ċermen Eżekuttiv tal-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija, Jeffrey Pullicino Orlando.

### Liema hija l-aktar sezzjoni favorita tiegħek f'Esplora u għaliex?

L-aktar sezzjoni favorita hi l-Planetarium. Kull aspett ta' Esplora u kull parti hi sabiħa, inkluż l-istorja twila li l-binja tal-Esplora għandha, li tmur lura sa żmien il-Kavallieri. Il-Planetarium joffri għażla varjata ta' films u xows relatati ma' diversi suġġetti peró x-xow "Wonders of the Night Sky" hu wieħed mill-favoriti tiegħi. Ix-xow jikkonsisti f'viżwal kif ukoll rakkont live u mużika dwar id-dinja, is-sistema solari tagħna, il-kostellazjonijiet u fatturi oħra fl-ispazju bħall-International Space Station.

### Esplora hu attrazzjoni għat-tfal biss?

Le. Ċerti nies hekk jaħsbu, forsi għax nirrelataw it-tagħlim tax-xjenza mal-iskola, però Esplora joffri xi ħaġa għal nies ta' kull età, minn tfal żgħar ta' tliet snin għall-anzjani. Esplora din is-sena nieda l-programm għall-anzjani flimkien mad-Dipartiment għall-Anzjanità Attiva kif ukoll joffri attivitajiet għall-adulti bħat-Teachers' Night u anke diversi Science Cafes' dwar suġġetti varji.



# Spazju ta' Bosta Suriet



A State of Limbo - 8 ta' Novembru 2019 – 8 ta' Diċembru 2019



Ħożż il-Ħsejjes - 1 ta' Novembru – 15 ta' Diċembru 2019

SPAZJU KREATTIV

**IL-MIĠJA TAL-ĦARIFA TFISSER IL-MIĠJA TA' XITA TQATTAR MAT-TIEQA U LJIELI ĠEWWA MGEDDSIN BIL-KUTRI, IŻDA DAN MHUWIEX L-UNIKA STAĠUN WARA L-BIEB.**

B'sensiela sħiħa ta' attivitajiet fil-programm, l-istaġun il-ġdid ta' **Spazju Kreattiv** huwa biss tefgħa ta' ġebla 'l bogħod, miżgħud b'avvenimenti ta' kull xejra għal dik il-ħarġa ħelwa waħdek jew ma' sħabek u qrabatek. X'għandna nistennew?

Bħal kull sena, il-festival ta' **ŻiguŻajg** ħa jerġa' jittella' fit-tielet ġimgħa ta' Novembru, iżda din id-darba r-repetorju se jestendi ruħu għal sena sħiħa mimlija attivitajiet immirati lejn it-tfal, l-iskejjel u l-familji. Waqt li ż-żgħar nett jesploraw l-istaġuni ma' Baby Bobby, dawk ftit akbar jistgħu jintefgħu f'rakkont mistiku mfassal fuq il-leġġendi Maltin, idoqqu strumenti jew jassistu għal żfin spontanju: it-tfal għandhom iċ-ċans jingwalawha ma' diversità ta' karattri b'xi avventura f'buthom, anki ma' xi pupazzi intiżi tax-xjenza.

Min-naħa l-oħra, l-akkaniti tal-pantomimi se jieħdu gost bir-ritorn ta' ċertu spettaklu li jagħti xejra differenti lit-tradizzjoni annwali, għaliex il-pantomima fid-dlam se terġa' tasal quddiemna (avolja mhux se nkunu nistgħu narawha). Il-Milied li għadda ħabbatna wiċċna mal-Gawgaw, però issa l-lenti se nitfgħuha fuq dik ix-



ŻiguŻajg Season: Baby Bobby's Winter Wander - 5, 7, 8 ta' Diċembru 2019

xarba festiva tant maħbuba: **l-Imbuljuta.** Din il-pantomima twaqqfet bl-għan li kulħadd fl-udjenza jgawdi mill-istess esperjenza, u għal din ir-raġuni l-ispettaklu jinża' l-aspett viżwali sabiex jeħodna fuq avventura mibnija għalkollox fuq is-sensi l-oħrajn.

L-istaġun teatrali ser ikun qed iwasslilna wkoll produzzjoni ġdida ta' Clive Piscopo bl-isem ta' **Meta Ġrejna Wara x-Xemx,** bi premessa intrganti ferm dwar grupp ta' żgħażagħ li jerġgħu jiltaqgħu wara bosta snin minħabba episodju traġiku. **Il-Grada**, mill-pinna ta' Kurt Gabriel Meli, kiseb il-premju tal-aqwa script waqt l-MADC One-Act Play Festival tal-2018, u għall-ewwel darba x-xogħol rebbieħ tal-festival ħa jingħata l-opportunità jittella' fit-teatru ta' Spazju Kreattiv. Addattat u maħdum mill-ġdid, id-dramm isegwi l-laqgħa mhux f'waqtha ta' żewġ ġuvnotti: mingħajr l-għażla li jdabbru rashom, huma mhux biss iridu jaqsmu l-kamra deprimenti ta' bejniethom, iżda saħansitra dak kollu li ġabhom fil-preżenza ta' xulxin.

Barra minn hekk, il-programm ta' Spazju Kreattiv se jkun qiegħed iħaddan diversità kbira ta' esebizzjonijiet artistiċi. Insibu l-wirja multidixxiplinarja **A State of Limbo,** b'pitturi ta' skala kbira u installazzjonijiet ta' midja varji minn id l-artist James Micallef Grimaud. L-esebizzjoni se tkun qed toħroġ fid-deher l-uċuħ differenti li jilbes il-baħar Mediterran f'dawl il-kriżi preżenti tal-immigrazzjoni: filwaqt li wħud ifittxu dan il-baħar bi skop ta' divertiment, għal oħrajn ifisser it-tfittxija għall-ħelsien u ċ-ċans għal ħajja ġdida.

Jekk ixxaqleb lejn xi ħaġa aktar prattika, il-viżitatur jista' jsir parteċipant ġewwa **Ħożż il-Ħsejjes.** Il-qofol tal-wirja huwa riflessjoni fuq l-ambjent tagħna u kif aħna nirrelataw mal-inħawi madwarna; għaldaqstant, hija wkoll stedina biex toħloq l-arti u tikkomponi l-mużika int stess permezz tal-midja preżenti. Min-naħa l-oħra, Wikimedia Community Malta se tissokta xogħolha fuq il-proġett **Art+Feminism**, bl-għan li ssaħħaħ ir-repertorju ta' artisti nisa lokali fuq il-pjattaforma Wikipedia. Fost dawn insibu x-xogħol ta' Debbie Caruana Dingli, Lisa Falzon, Anna Grima u Enriqué Tabone, iżda barra minn hekk l-esebizzjoni se tinkludi xogħlijiet femministi ta' bosta artisti oħrajn.

B'lenti fuq id-dinja tal-ispettaklu, **XENI** se tagħti daqqa t'għajn lejn pilastru ewlieni ta' kull produzzjoni: is-sett. Il-wirja se tikkonsisti fi stampi, filmati, u saħansitra diversi props u mudelli ta' disinjaturi kemm lokali u internazzjonali. Wirja retrospettiva oħra tixhed il-ħidma ta' **Caesar Attard,** taħlita ta' opri kemm ġodda kif ukoll qodma tal-artist esperimentali. Ix-xogħol ta' Attard jagħġen id-dinja diġitali mal-belli arti, aspett ewlieni fil-kuntest ta' żmienu fejn witta t-triq għall-arti diġitali li kellha sseħħ fit-80ijiet.

U jekk aktar tħossok komdu xxamplat bilqiegħda, ta' min jikkunsidra l-films kollha disponibbli ġewwa s-sala taċ-**Ċinema:** bi 'l fuq minn 400 wirja mniżżla fil-programm, hemm x'tagħżel minn xandiriet ta' opri rinomati sa diversi films internazzjonali.

Għaldaqstant b'aktar minn 50 proġett, u 17-il forma kreattiva differenti, Spazju Kreattiv ser ikun qed iwassal programm tassew imżewwaq bl-aħjar li s-settur kreattiv għandu x'joffri.

---

*Għal aktar informazzjoni dwar il-programm ta' Spazju Kreattiv żuru s-sit elettroniku www.kreattivita.org jew ċemplu fuq 21223200.*

# Turiżmu, kultura u turiżmu kulturali

## fl-Università ta' Malta

NOEL BUTTIGIEG U GEORGE CASSAR

**M'HEMMX DUBJU LI T-TURIŻMU KULTURALI HU WIEĦED MILL-AKTAR SETTURI IMPORTANTI U POPOLARI FIS-SUQ INTERNAZZJONALI TAT-TURIŻMU.**

Matul is-snin qed jidher aktar ċar kemm il-kultura lokali (kemm dik ta' belt u raħal u aktar u aktar ta' reġjun u pajjiż) qiegħda tkun rikonoxxuta u apprezzata bħala pilastru mill-iżjed importanti li jsaħħu l-kompetittività u l-kwalità ta' destinazzjoni turistika. Bosta destinazzjonijiet għalhekk irrealizzaw li jkun tajjeb li jqajmu aktar għarfien dwar il-patrimonju tanġibbli u intanġibbli tagħhom u jxandru dan il-wirt kemm jistgħu ma' udjenzi differenti fuq skala mondjali. Dan l-investiment hu maħsub biex mhux biss iġedded l-importanza ta' identità kulturali fost in-nies tal-post, iżda jwassal ukoll biex joffri prodott turistiku aħjar u aktar eċċitanti.

Is-suq turistiku hu wieħed dinamiku li jitlob impenn qawwi u kontinwu kemm mid-destinazzjoni, kif ukoll min-nies li jgħixu fiha u li allura huma dawk li jospitaw u jilqgħu lit-turist. Illum ħafna aktar turisti qegħdin ifittxu esperjenza unika. F'kelma oħra, destinazzjoni hi mistennija li toffri biżżejjed minn dan il-prodott turistiku li meta l-viżitatur jesperjenzaha, dan iwassal għal memorji sbieħ u sens ta' sodisfazzjon. F'dan kollu l-kultura tal-post għandha rwol importanti għax din toffri mezz ta' kif it-turist jista' jduq naqra mir-realtà tad-destinazzjoni, jiltaqa' man-nies tal-lokal, u jkun xi ftit parteċipi fil-mod ta' kif jgħixu. F'dan ir-rigward jispikkaw ukoll dawk l-elementi li jiddistingwu u jagħżlu post minn ieħor. Dan iwassal biex id-destinazzjoni tkun tista' toffri dik id-differenza li tqajjem kurżità filwaqt li tkattar l-għarfien tat-turist.

Għaldaqstant, il-wirt tanġibbli u intanġibbli hu sors importanti għall-industrija tat-turiżmu. Nistgħu ngħidu li ż-żewġ aspetti jiddependu minn xulxin. Filwaqt li l-wirt jista' jtejjeb il-kwalità ta' destinazzjoni, bl-istess mod l-importanza tas-settur tat-turiżmu għall-ekonomija tal-post tkompli tixpruna lill-awtoritajiet u lill-poplu biex jagħrfu kif jikkonservaw u jkattru l-għarfien dwar il-kultura tad-destinazzjoni, li fl-aħħar mill-aħħar tirrappreżenta lill-istess lokalità, reġjun jew pajjiż fejn jgħixu.

F'dinja globalizzata, il-bżonn li poplu jiddefinixxi aħjar l-identità nazzjonali qed jinħass ħafna iżjed minn qatt qabel. Illum, persuni, oġġetti u kulturi differenti qed jivvjaġġaw minn pajjiż għall-ieħor b'tant faċilità li ħafna aspetti kulturali, bħal ngħidu aħna l-ikel u l-moda, m'għadx fadlilhom fruntieri.

Dan il-proċess qed jinħass u joħroġ aktar fid-deher, u aktar ma jgħaddi ż-żmien is-sens nostalġiku tal-imgħoddi qiegħed jitlob aktar l-attenzjoni tal-popli biex dawn iħarsu l-identità tagħhom. Jekk dan ma jsirx sew u bil-galbu dak kollu li jiddistingwi poplu minn ieħor jista' jintilef għal dejjem.

L-2018 kienet sena importanti, kemm fuq livell nazzjonali u kemm fuq dak



internazzjonali. Il-preparamenti li wasslu għall-Valletta 2018 kienu xhieda ċara tal-potenzjal kulturali ta' Malta bħala Belt Kulturali Ewropea. Dan kompla jissawwar bid-deċiżjoni tal-Unjoni Ewropea li tiddikjara s-sena 2018 bħala s-Sena Ewropea tal-Kultura. Dawn iż-żewġ appuntamenti wrew il-qawwa tal-kultura u kif din tista' ġġib lin-nies flimkien biex jaqsmu dak li hu komuni imma fl-istess ħin ikomplu jgħożżu dak li hu uniku għal kull poplu individwali. Il-kultura għandha ħabta toħroġ is-sabiħ tad-differenzi fil-qafas ta' dak li hu patrimonju ta' kulħadd.

Li wieħed isib bilanċ fil-koeżistenza tal-kultura u t-turiżmu mhix ħaġa faċli. Filwaqt li jsir ħafna xogħol biex l-awtoritajiet ikkonċernati jipprovaw jifhmu kif jinbidel is-suq internazzjonali biex lokalità tibqa' kompetittiva, l-istess suq iġib miegħu sfidi kbar għad-destinazzjoni, u fost dawn hemm dawk li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent u s-sostenibbiltà. It-turiżmu tal-massa qed jikkawża impatt fuq l-ambjent tal-post u jwassal ukoll għal spostamenti demografiċi bħama qegħdin jesperjenzaw il-bliet turistiċi ta' Venezja u Barċellona.

Dawn ir-realtajiet iqanqlu dibattiti sħaħ f'kull livell tas-soċjetà, u dan mhux inqas f'Malta. Mistoqsijiet li esperti u riċerkaturi lokali qegħdin jagħmlu jinkludu dawk li għandhom x'jaqsmu man-numri ta' turisti li dejjem qegħdin jiżdiedu f'pajjiżna. Il-mistoqsijiet li joħorġu waħedhom jinkludu jekk il-pajjiż bħala destinazzjoni turistika jistax jibqa' jżid fin-numri ta' viżitaturi mingħajr ma jagħmel aktar ħsara milli ġid lill-infrastruttura, lill-ambjent, lill-wirt naturali u kulturali, u oqsma oħra. ›




VCA
VALLETTA
CULTURAL
AGENCY
FESTIVALS
MALTA
THE THREE
PALACES
Realising that our "Ordinary"
is actually Extraordinary!
1 - 10 November 2019
www.festivals.mt
Kinnie
Eden
MAPFRE | MSV Life

Domanda li qiegħda tiġi proposta tirrigwardja s-sostenibbiltà tal-industrija jekk dak li l-pajjiż għandu x'joffri jinqered bil-mod il-mod. Mistoqsija oħra li tirriżulta mill-qagħda attwali tirrigwardja l-iżvilupp tal-bini bla rażan biex inlaħħqu mad-domanda attwali u dik li naħsbu li tista' tkun fil-futur jekk it-turiżmu jkompli jikber fin-numri. Hemm ukoll id-dilemma dwar jekk hux aħjar turiżmu ta' kwantità jew dak ta' kwalità. X'irridu – turisti bil-gzuz imma li jonfqu ftit jew inqas turisti imma li lesti jonfqu għal esperjenza ta' kwalità? Dawn huma fost id-diffikultajiet li l-pajjiż qiegħed, jew se jkun qed iħabbat wiċċu magħhom jekk ma nkunux aktar ċari dwar dak li hemm bżonn li jsir biex l-industrija tkun ta' benefiċċju kemm għaliha stess u kif ukoll għall-pajjiż.

Għall-Istitut għat-Turiżmu, Vjaġġar u Kultura fi ħdan l-Università ta' Malta, dawn id-dibattiti jifformaw il-bażi ta' diversi korsijiet li jwasslu minn grad ta' Diploma sal-livell ta' Dottorat. F'kull qasam, l-għan aħħari hu li nipprovdu t-tagħlim u t-taħriġ neċessarju biex l-istudent li jkun jaħdem f'din l-industrija jkollu l-għarfien u l-ħiliet neċessarji biex ikun jista' jifhem aħjar dawn l-isfidi u hekk ikun jista' jieħu deċiżjonijiet għaqlija għall-ġejjieni tal-pajjiż. L-istudenti huma mħeġġa jesploraw opportunitajiet ta' perjodi qosra ta' studju f'universitajiet Ewropej oħra biex iwessgħu aktar l-għarfien tagħhom. Ir-riċerka fis-settur tat-turiżmu u kultura llum qiegħda tħares lejn bosta aspetti minn perspettivi varji. Iżjed minn kollox, ir-riċerka titlob li nħarsu lejn ir-reċiproċità li għandu jkun hemm bejn it-turist u l-ospitant, kif ukoll li nistudjaw u nifhmu l-opinjonijiet u l-preokkupazzjonijiet tan-nies li qegħdin joffru s-servizzi lit-turisti.

It-turiżmu hu industrija fejn il-kuntatt uman jibqa' aspett prinċipali fl-esperjenza tal-viżitatur. Dan il-kuntatt hu riflessjoni ta' kultura; attitudni soċjali msejsa fuq wirt tanġibbli u intanġibbli li jiddefinixxi l-identità ta' poplu. Ir-riċerka fi ħdan l-Istitut għat-Turiżmu, Vjaġġar u Kultura tifforma parti importanti mill-ħidma tal-istess Istitut. Minbarra li nrawmu kultura ta' riċerka, l-Istitut jagħti kontribut siewi f'oqsma varji tal-kultura, kemm fuq livell teoretiku, kif ukoll fuq dak prattiku. Dan ix-xogħol isir ukoll permezz ta' bosta inizjattivi, saħansitra permezz ta' kollaborazzjoni fuq livell internazzjonali. Fuq livell lokali, l-Istitut jaħdem ma' bosta għaqdiet governattivi u istituzzjonijiet privati. Jiġu offruti korsijiet qosra għal dawk il-ħaddiema li diġà jaħdmu fis-settur u li qegħdin jaspiraw li jkomplu jtejbu l-għarfien u l-ħiliet tagħhom, flimkien mal-prospetti għal avvanz fil-karriera tagħhom. Fost dawn insibu l-gwidi turistiċi u operaturi turistiċi li għalihom diġà saru u hemm ippjanati korsijiet qosra oħra offruti waqt ħinijiet li jippermettu li dawk interessati jkunu jistgħu jattendu.

L-għan aħħari tal-Istitut għat-Turiżmu, Vjaġġar u Kultura hu li nkomplu nkunu ta' servizz għal dan is-settur importanti. Waqt li se nibdew il-preparamenti biex infakkru l-għaxar sena mit-twaqqif tal-Istitut, qegħdin inkomplu nħarsu 'l quddiem biex inkunu ta' servizz fl-oqsma relatati mal-kultura, it-turiżmu u t-turiżmu kulturali, u biex dawn ikomplu jingħataw l-attenzjoni li tistħoqqilhom. Ir-riċerka li titwettaq fi ħdan l-Istitut tgħin biex nippromwovu l-identità tal-poplu Malti filwaqt li nagħrfu kif din inkunu nistgħu nkomplu noffruha wkoll bħala prodott turistiku differenti u ta' kwalità.



# Back to school !

Where did summer go ? September is already here and launching the peak season for pets beddings ! Let's make it rock ! Please find below a selection of our best-sellers, perfect for the season !

## Château : soft and elegant orthopedic memory foam for ultimate confort



Mattress in 2 sizes, 2 colours



Bed in 2 sizes, 2 colours



Memory foam is especially recommended for older dogs, large breeds, those with bone and back problems or simply for those who love comfort! The Château range is the only collection that comes in bed and mattress. Designed for those dogs that like to support their heads or protect themselves from drafts.
Its cushion is removable and washable in the washing machine.

## Habitat : colorfull cocoon for small dogs and cats







Habitat integrates perfectly within your interior. It is as popular with cats as with small dogs and comes in 4 colours to please everyone!

## Ellen : Fashion hit !



Donuts in 2 sizes, 3 colours



Mattress in 2 sizes, 3 colours



Its ultra-soft faux fur makes it a cozy bedding for your companion. Touching it is adopting it!

---

Scruffs® was founded in 2005 with the desire to improve pet's well being offering unique high-end beds.
Based in Manchester, Scruffs® distributes beddings in more than 64 countries and
has become in less than ten years one of the European leaders.

# L-importanza tas-saħħa orali fil-klieb tagħna

DR. COREY FARRUGIA
DVM, BSC. (CHEM. & BIOL.)

**AĦNA L-UMANI HUWA SSUĠĠERIT LILNA LI NAĦSLU SNIENNA TA' L-INQAS DARBA KULJUM.**

Is-saħħa orali għalina hija xi ħaġa importanti ħafna u dlonk tarana niġru għand id-dentist meta jkollna xi darsa tuġgħana. L-uġiegħ tas-snien huwa meqjus bħala wieħed mill-iktar uġigħ kroniku intensiv li wieħed jista jbati minnu.

Taħt l-uġiegħ imma jista jkun hemm ħafna affarjiet oħra li forsi wieħed ma jindunax bihom bħal infezzjonijiet tal-ħanek u kundizzjonijiet iktar serji. Madanakollu ftit hawn nies li jieqfu u jaħsbu sew fuq is-saħħa orali tal-klieb tagħhom. Il-klieb fil-verità mhux wisq differenti minna u komuni jbatu minn dawn il-kundizzjonijiet wkoll. Huwa allura importanti ħafna li aħna bħala sidien il-klieb nagħtu kas tas-sitwazzjoni li jinsabu fihom is-snien tal-klieb tagħna. Il-klieb tagħna ma jistawx jgħidulna fejn qed idejjaqhom jew fejn qed juġagħhom u jekk ma neżaminawhomx b'mod bażiku kull ftit żmien l-affarjiet jafu jilħqu jiggravaw qabel ma nkunu nistgħu nsolvuhom fil-ħin.

Wieħed jista jeżamina ħalq il-kelb b'metodi relativament sempliċi. Ġeneralment jekk il-kelb għandu riħa tinten f'ħalqu li mhuxkaratteristika għall-klieb, wieħed jista jassumi li hemm xi problema bis-saħħa orali tiegħu. Madanakollu jekk wieħed jagħti titwila lil snien il-kelb (anki id-dras ta' ġewwa) wieħed għandu jara jekk il kelb għandux infjammazjoni tal-ħanek, ulċeri jew deposizzjoni ta' ġebla fuq is-snien. Il-ġebla f'ħalq il-kelb m'hijiex xi ħaġa li wieħed ma għandux jagħti kas. Id-deposizzjoni tal-ġebla tas-snien toffri ambjent għall-mikrobi li huma ħżiena għas-saħħa tal-ħalq fejn dawn jistaw jiffjorixxu. Dawn il-mikrobi jikkontribwixxu biex il-ġebla tibqa takkumula saħansitra minn taħt il-ħanek. Jekk wieħed ma jagħtix kas din tista tirriżulta f'infezzjoni tal-ħanek li tista saħansitra tinxtered u tagħmel dannu lill-organi oħra b'mod partikulari il-fwied.

Problemi tas-saħħa orali jistgħu jkunu wkoll indikattivi ta' mard fil-kliewi. Huwa l-aħjar li meta wieħed jissuspetta mard orali fil-kelb tiegħu, jagħmel appuntament mal veterinarju tiegħu. Klieb b'dawn is-sintomi jkollhom bżonn analiżi bir-reqqa, tindif tas-snien u xi kultant wkoll trattament. Il-veterinarju qiegħed fl-aħjar pożizzjoni biex jagħmel dan. Madankollu wieħed jista jagħmel numru ta' affarjiet biex jgħin fil-prevenzjoni ta' dan it tip ta' mard fil-kelb tiegħu. Wieħed mill fatturi ewlenin li jaffettwaw is-saħħa orali tal-kelb hija dieta ta' kwalità tajba. Meta wieħed jixtri ikel tal-klieb ta' kwalità tajba wieħed ikun qed jagħmel pass sinnifikanti kontra il-progressjoni mgħaġġla tad-deposizzjoni tal-ġebla.

Hawn wkoll numru ta "treats" li jgħinu biex inaqqsu il-ġebla fuq snien il-kelb waqt li huwa jkun qiegħed jomodhom. Fis-suq wieħed ukoll jista jsib numru ta' prodotti li jintużaw biexwieħed ikun jista jnaddaf snien il-kelb tiegħu. Jekk għandek diffikultajiet rigward x'għandek tagħmel biex tmantni is-saħħa orali tal-kelb tiegħek, għandek dejjem tikkonsulta l-veterinarju tiegħek.





ta' kulturi oħra, bħal dik Ġudajka u Iżlamika, atti li ma jwasslux għat-tnissil ta' ħajja ġdida kienu mitqiesha immorali. Hemm kulturi oħra, mhux marbuta mal-Bibbja, li xorta jikklassifikaw is-sesswalitá mal-prokreattiva. Dan kien fattur ewlieni biex is-sodomija kienet titqies bħala att kriminali f'ħafna kulturi. Kien fis-seklu dsatax, li s-sodomija ġiet mqabbla jew aħjar klassifikata bħala omosesswalità.

Kien f'dan l-istess żmien li mill-bosta intervisti li kkonduċa ma' numru ta' persuni omosesswali, Krafft-Ebing ikkonkluda li l-omosesswalitá, kemm fl-irġiel kif ukoll fin-nisa, ma kenitx ġejja minn mard mentali. Dan kien żvilupp ġdid fil-qasam xjentifiku. Krafft-Ebing ikkonkluda li din kienet kawża ta' tip ta' mutazzjoni fl-iżvilupp embrijoniku tal-bniedem, li bħala effett kellu l-inverżjoni sesswali tal-moħħ. Dan wassal lil Krafft-Ebing biex jadotta approċċ aktar umanitarju fl-istudji tiegħu, anke abbażi ta' dak li kienu jsostnu dawk intervistati li kienu jqisu li l-fatt li taqsam ħajtek ma' sieħeb – f'unjoni - kien aktar importanti mill-gratifikazzjoni sesswali. Fl-aħħar ta' ħajtu, Krafft-Ebing kien beda jħares lejn l-omosesswalitá bħala tip ieħor ta' sesswalità bħalma hi l-eterosesswalitá, terminu ieħor maħluq fis-seklu dsatax. Dan wassal biex inbeda l-argument li l-omosesswalità m'għandiex tiġi ttrattata bħala marda psiko-newropatika deġenerattiva.

Din il-bidla fil-perspettiva qed narawha tkompli sseħħ b'aktar qawwa llum, kemm fil-mentalitá ġenerali tal-pubbliku kif ukoll fil-psikjatrija kontemporanja li m'għadhiex tħares lejn l-omosesswalitá bħala kundizzjoni patoloġika; u dan jista' jiġi attribwit lil Krafft-Ebing u r-reviżjonijiet li għamel matul is-snin fix-xogħol tiegħu Psychopatia Sexualis. Dan kien pass kbir 'il quddiem li ġiegħel lill-psikjatrija tibda



tħares lejn is-sesswalità umana b'lenti usa; u hawn wieħed jinnota wkoll il-bidu tal-istudju dwar il-ġibdiet jew ix-xewqat sesswali lilhinn minn dawk prokreattivi.

## L-IMPULS SESSWALI

Fil-każijiet osservati f'Psychopatia Sexualis, Krafft-Ebing iddeskriva l-impuls sesswali - anke dak li għas-soċjetà ta' żmienu dehru bħala perversi - bħala tfittxija għas-sodisfazzjon personali u mhux neċessarjament għall-pjaċir sesswali tal-kopulazzjoni per se jew għall-prokreazzjoni. Dan wassal biex ikun hemm bidla kif il-bniedem iħares lejn imġieba sesswali msejħa irregolari. Infatti jkun żball li wieħed jaħseb li Kraff-Ebing waqaf biss fuq il-ġibdiet tal-istess sess. Huwa ddiskuta mġieba sesswali li sallum għada titqies bħala immorali u kriminali.

Sakemm Krafft-Ebing ħareġ bil-ktieb tiegħu, kien meqjus li din l-imġieba kienet il-kawża ta' mard mentali. Issa bdew iħarsu lejha bil-kontra; jiġifieri li l-istess imġieba tista' tkun kawża ta' kundizzjoni mentali. Biss sa dan il-punt kienet għadha titqies bħala marda li xorta kienet għadha tista' tiġi dijanjostikata u kkurata. Bis-saħħa t'hekk Krafft-Ebing qanqal fjamma ġdida fi ħdan il-psikjatrija li wasslet għat-twaqqif tal-branka tas-sesswoloġija medika.

Krafft-Ebing kellu wkoll irwol importanti f'numru ta' kawżi fil-qrati dwar reati sesswali. Huwa kien jargumenta li att ta' perverżjoni sesswali ma kienx ġej mill-intenzjoni tal-akkużat biex iwettaq att kriminali jew immorali iżda minn kundizzjoni mentali li tagħmel lill-istess persuna vittma jew ilsir tal-ġibdiet tagħha. Huwa kien strumentali biex fil-qrati, il-psikjatrija forensika bdiet tagħti aktar kas ta' xi jġiegħel jew x'jimmotiva bniedem biex jirreaġixxi b'tali mod u mhux tibqa' biss tagħti kas tal-evidenza fiżika.

Krafft-Ebing kien ukoll fuq quddiemnett fil-moviment li kien qed jaħdem biex l-omosesswalitá tiġi dekriminalizzata. Fil-fatt kien minn tal-ewwel li ffirma l-petizzjoni tat-tabib u sesswologu Magnus Hirschfeld biex jitneħħa l-paragrafu 175 tal-kodiċi penali Ġermaniż li kien iqis l-omosesswalitá maskili bħala reat kriminali. Dan kollu kkontribwixxa biex aktar u aktar avukati u tobba bdew jirreferu għal Psychopatia Sexualis fl-argumentazzjoni tagħhom f'kawżi ta' imġieba sesswali anormali fil-qrati.

Minkejja dan il-kontribut, kemm matul ħajtu kif ukoll wara mewtu, Krafft-Ebing ġie kkritikat mhux ftit u minn kull naħa dwar il-validitá tax-xogħol tiegħu. Kien hemm min ikkritikah għaliex fil-perspettiva tiegħu kien baqa' jħaddan it-tagħlim Kattoliku dwar is-sesswalitá. Kien hemm min akkużah li Psychopathia Sexualis kien xogħol mimli falsitajiet; u kien hemm min ikkritikah li beda jifli u jaqra wisq fil-każijiet tiegħu tant li fl-aħħar, meta ppubblika xogħol tiegħu, beda litteralment jara d-deġenerazzjonijiet iseħħu taħt is-sodda. Kien hemm ukoll min qal li l-approċċ tiegħu ma kienx isegwi l-metodoloġija xjentifika u saħansitra nsibu lill-istoriku u filosofu magħruf Michel Foucault li fl-ewwel volum tiegħu "L-istorja tas-Sesswalità" jgħid li "meta Krafft-Ebing jisħaq li qed jgħid il-verità, ikun qiegħed fil-fatt iqajjem il-biżgħat tan-nies". Wieħed irid jiftakar li għal Foucault, l-orjentazzjoni sesswali hija biss ħolqien tal-bniedem. Biss dan hu argument ieħor li jitlob spjegazzjoni apparti.

Psychopathia Sexualis huwa meqjus bħala test formattiv u ta' importanza fil-kamp tal-istudji dwar is-sesswalitá. Huwa xogħol li filwaqt li minn naħa ġie mfaħħar għaliex irnexxilu jdaħħal taqsima ġdida fix-xjenza tal-psikjatrija, min-naħa l-oħra kien ikkundannat għaliex ipprova jiġġustifika atti meqjusa bħala immorali u perversi. Madankollu, wieħed jista' jargumenta li jeżisti qbil li Psychopathia Sexualis permanentement biddlet il-mod kif il-Punent beda, għadu u forsi jibqa' jħares lejn is-sesswalitá fiż-żmien li ġej.

KUL TURA.MT

Biljetti għall-avvenimenti kulturali favoriti tiegħek kollha



WWW.KULTURA.MT


OPERA IS
GOZO
OCTOBER 2019
Gozo Cultural Support Programme
Visit Gozo
www.visitgozo.com
TOP 100
ARTS COUNCIL MALTA
MINISTRY FOR GOZO

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jippreżenta

# IL-FESTIVAL NAZZJONALI TAL-KTIEB 2019

**6 – 10 ta' Novembru**

Ċentru tal-Konferenzi, Dar il-Mediterran, Il-Belt Valletta



Il-Kunsill Nazzjonali Tal-Ktieb

Malta Book Festival 2019

Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol

**ktieb.org.mt**